

Emenda 41

Cristian-Silviu Buşoi

f'isem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapport

A9-0343/2023

Christian Ehler

Qafas ta' miżuri għat-tiġid tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament

–

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

**REGOLAMENT (UE) NRU 2024/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

ta' ...

dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiġid tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu **■**.

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 349, 29.09.2023, p. 179. ■

² ĠU C 2023/254, 26.10.2023. ■

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... [(ĠU ...)/(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) *It-trasformazzjoni lejn emissjonijiet żero netti diġà qed tikkawża bidliet industrijali, ekonomiċi u ġeopolitiċi enormi madwar id-dinja, li ser isiru dejjem aktar evidenti hekk kif id-dinja tavvanza fl-isforzi tagħha ta' dekarbonizzazzjoni. Jeħtieġ li l-Unjoni tirreaġixxi għal dawk l-iżviluppi filwaqt li timplimenta t-tranżizzjonijiet enerġetiċi, klimatiċi u ambjentali. Bażi ta' manifattura b'saħħitha hija element ewlieni fl-iżgurar tal-aċċess għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u fiż-żamma ta' impjiegi ta' kwalità fl-Unjoni. Dak jirrikjedi li l-Unjoni tippreserva l-kompetittività tagħha, inkluż permezz tal-innovazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' teknoloġiji nodfa.*
- (2) *Minħabba l-kumplessità u l-karattru tranżnazzjonali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, miżuri nazzjonali mhux ikkoordinati biex jiżguraw l-aċċess għal dawk it-teknoloġiji jirriskjaw li jfixklu l-kompetizzjoni u jifframmentaw is-suq intern. Tali miżuri mill-Istati Membri jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' regolamentazzjoni diverġenti fuq l-operaturi tas-suq, billi jipprovdu livelli differenti ta' aċċess għall-provvista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fost l-Istati Membri, inkluż billi jiġu pprovduti livelli differenti ta' appoġġ għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u billi jipprovdu għal regoli diverġenti u forom mhux ikkoordinati ta' akkwist, proċessi u durati diverġenti fir-rigward tal-proċessi għall-ħruġ ta' permessi, u għaldaqstant joħlqu ostakli għall-kummerċ transfruntier bejn l-Istati Membri u jfixklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Biex jiġi ssalvagwardat il-funzjonament tas-suq intern, huwa għalhekk neċessarju li jinholq qafas legali komuni tal-Unjoni biex tiġi indirizzata b'mod kollettiv dik l-isfida ċentrali billi jiżdiedu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.*

(3) *L-Unjoni impenjat ruħha għad-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha u l-użu ambizzjuż ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli sabiex tikseb newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv huwa fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019, intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021, intitolata "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa", u huwa f'konformità mal-impenn tal-Unjoni għall-azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi⁴. Sabiex jintlaħaq l-għan tal-Unjoni tan-newtralità klimatika, ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jistabbilixxi mira klimatika tal-Unjoni vinkolanti biex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990. Il-pakkett propost "Lesti għall-Mira ta' 55 %", li huwa stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021, intitolata "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika", għandu l-għan li jilħaq il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u jirrevedi u jaġġorna l-liġi tal-Unjoni f'dak ir-rigward.*

⁴ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).*

⁵ *Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).*

(4) **Barra minn hekk, il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 tistabilixxi approċċ komprensiv biex tiġi appoġġata espansjoni tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa abbażi ta' erba' pilastru. L-ewwel pilastru għandu l-għan li joħloq ambjent regolatorju li jissimplifika u jtejjeb il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi għas-siti tal-manifattura u l-assemblaġġ ġodda tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u li jiffaċilita l-espansjoni tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni. It-tieni pilastru għandu l-għan li jagħti spinta lill-investment fil-produzzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-finanzjament tagħha permezz tal-Qafas Temporanju rivedut ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2023 u l-ħolqien tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, biex jiġi ppreservat il-vantaġġ tal-Unjoni fuq it-teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. It-tielet pilastru huwa relatat mal-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa biex isseħħ it-tranżizzjoni u biex jiżdied l-għadd ta' ħaddiema tas-sengħa fis-settur tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa. Ir-raba' pilastru jiffoka fuq il-kummerċ u d-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista ta' materja prima kritika. Dan jinkludi l-ħolqien ta' klabb dwar il-materja prima kritika, il-ħidma ma' sħab tal-istess fehma biex jissaħħu b'mod kollettiv il-ktajjen tal-provvista u d-diversifikazzjoni minn fornituri uniċi għal input kritiku. Dan ir-Regolament jifforma parti minn daww il-miżuri u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-argument għall-vijabbiltà tad-dekarbonizzazzjoni industrijali fl-Unjoni.**

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ('STEP') u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.02.2024, ELI; <https://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

- (5) Is-suq intern jipprovdi l-ambjent xieraq biex jiġi abilitat l-aċċess fl-iskala u l-pass neċessarji għat-teknoloġiji meħtieġa biex jinkisbu l-ambizzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-klima ***u l-enerġija kif ukoll l-oġġettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jsarraf id-dekarbonizzazzjoni f'kompetittività sostenibbli. Il-perkors lejn ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'emissjonijiet żero netti joffroq opportunitajiet b'saħħithom għall-espansjoni tal-industrija tal-Unjoni b'emissjonijiet żero netti, bl-użu tas-saħħa tas-suq intern, billi jipromwovi l-investiment f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom. Dawk it-teknoloġiji huma neċessarji biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-pjanijiet nazzjonali integrati tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, jikkontribwixxu għar-reżiljenza u l-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni u jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi ekonomiċi, mill-provvista tal-enerġija għall-bini, għat-trasport u għall-industrija fl-Unjoni. Industrija b'saħħitha b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni tista' tgħin b'mod sinifikanti biex il-miri tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija jintlaħqu b'mod effettiv, kif ukoll biex jiġu appoġġati oġġettivi oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li titrawwem bażi industrijali u għaldaqstant jinħolqu impjiegi ta' kwalità u tkabbir sostenibbli.***

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (6) Sabiex tissodisfa dawk l-impenji, l-Unjoni trid taċċellera r-ritmu tat-tranżizzjoni tagħha lejn **ekonomija b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi żżid is-sehem tal-enerġija nadifa *fit-taħlita enerġetika tagħha, kif ukoll*** billi żżid l-effiċjenza enerġetika u s-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dak ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-**Unjoni** stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-2030, li huwa l-kontribut tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat f'Gothenburg fl-2017 (il-"Pilastru").

- (7) Il-prezzijiet ogħla tal-enerġija wara l-aggressjoni militari mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslu għal impetu qawwi biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni tal-Enerġija rregolata mir-Regolament (UE) 2018/1999, billi titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tintemm kwalunkwe dipendenza fuq il-fjuwils fossili esportati mir-Russja. Il-pjan REPowerEU, stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022, intitolata "Pjan REPowerEU", għandu rwol ewlieni fir-rispons għat-tbatija u t-tfixkil fis-suq globali tal-enerġija kkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Dak il-pjan għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Unjoni, sabiex jitnaqqas il-konsum tal-gass u tal-elettriku tal-Unjoni u biex tingħata spinta lill-investimenti fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. ■
- (8) Sabiex jintlaħqu l-miri **tal-Unjoni** fir-rigward tal-klima u l-enerġija, jeħtieġ li l-effiċjenza enerġetika tingħata prijorità. L-iffrankar tal-enerġija huwa l-aktar mod irħis, sikur u nadif biex jintlaħqu dawk il-miri. "L-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" huwa prinċipju ġenerali tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u huwa importanti kemm fl-applikazzjonijiet prattiċi tiegħu fid-deċiżjonijiet ta' politika kif ukoll f'dawk ta' investiment. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tiġi estiża għat-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħall-pompi tas-sħana, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u t-teknoloġiji tal-grilja intelliġenti ■ li jgħinu lill-Unjoni tnaqqas u tikkontrolla l-konsum tal-enerġija tagħha.

- (9) L-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-elettrifikazzjoni tad-domanda, pereżempju fir-rigward tal-mobbiltà u l-ħtieġa ta' punti tal-irriċarġjar **addizzjonali u aktar veloċi**, jirrikjedu espansjoni enormi tal-grilji tal-elettriku fl-Unjoni ■ , kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll fil-livell tad-distribuzzjoni. Fil-livell tat-trażmissjoni, is-sistemi ta' kurrent dirett b'voltaġġ għoli huma meħtieġa , **fost l-oħrajn**, għall-konnessjoni ta' enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta, filwaqt li fil-livell tad-distribuzzjoni, il-konnessjoni tal-fornituri tal-elettriku u l-ġestjoni tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda jibnu fuq l-investimenti f'teknoloġiji tal-grilja innovattivi, bħall-iċċarġjar intelliġenti tal-vetturi elettriċi, l-awtomatizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-bini u l-industrija kif ukoll il-kontrolli intelliġenti, l-infrastruttura tal-arloġġi avanzati u sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija fid-dar. Jeħtieġ li l-grilja tal-elettriku tinteraġixxi ma' ħafna atturi jew apparati abbażi ta' livell dettaljat ta' osservabbiltà, u għaldaqstant tad-disponibbiltà ta' data, biex tippermetti flessibbiltà, iċċarġjar intelliġenti, bini intelliġenti bi grilji tal-elettriku intelliġenti **u servizzi ta' flessibbiltà fuq skala żgħira li jippermettu** rispons **fin-naħa tad-domanda** mill-konsumaturi u l-adozzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-konnessjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti man-network tal-Unjoni ■ tirrikjedi l-espansjoni sostanzjali tal-kapaċitajiet tal-manifattura għall-grilji tal-elettriku f'oqsma bħall-kejbils, is-substazzjonijiet u t-transformers lil hinn mill-kosta u fuq l-art.

- (10) ***Għalhekk, huwa neċessarju li jsir sforz addizzjonali fil-livell politiku biex l-Unjoni jkollha potenzjal qawwi għal espansjoni rapida fil-kapaċità tal-manifattura biex tappoġġa l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 billi ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-suq għal dawk it-teknoloġiji li huma kummerċjalment disponibbli, kif ukoll is-sigurtà tal-provvista għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, tnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq, u tissalvagwarda jew issaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività ġenerali tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni. Dan jinkludi l-aċċess għal sors sikur u sostenibbli tal-fjuwils fl-aqwa klassi tagħhom, kif imsemmi fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214⁸.***
- (11) ***Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkomplementa r-Regolament (UE) 2024/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁺ billi jiffoka fuq il-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti f'termini ta' prodotti finali, komponenti speċifiċi, u makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni tagħhom. Minflok, ir-Regolament (UE) 2024/...⁺ jiffoka fuq il-parti upstream tal-katina tal-provvista, b'mod partikolari l-materja prima kritika, u l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tagħha. Dawk it-teknoloġiji huma indispensabbli għal firxa wiesgħa ta' setturi strateġiċi fosthom l-industrija tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, l-industrija diġitali u s-setturi l-ajruspazjali u tad-difiża. Billi jsegwu l-istess loġika tat-trawwim tal-argument għall-vijabbiltà, itejbu u jipprovdu ħiliet adegwati, u jappoġġaw l-investimenti, dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2024/...⁺ jikkomplimentaw lil xulxin biex joħlqu sinerġiji ta' appoġġ regolatorju tul il-katina tal-provvista kollha tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Dan ir-Regolament ikopri wkoll materjali ipproċessati li huma komponent essenzjali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, bl-eċċezzjoni tal-materja prima kritika li taqa' taħt ir-Regolament (UE) 2024/...⁺.***

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi (ĠU L 188, 15.7.2022, p. 1).

⁹ Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020, (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 78/23 (2023/0079 (COD)) u imla nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

- (12) *Jenħtieġ li l-prodotti finali u l-komponenti speċifiċi li huma essenzjali għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jiġu elenkati f'anness b'mod mhux eżawrjenti. Dawn jinkludu l-prodotti finali u l-komponenti tagħhom li jiġu manifatturati u nnegozjati minn kumpanija, inkluż materjal ipproċessat, iżda jeskludu l-materja prima koperta mir-Regolament (UE) 2024/...⁺. L-għan ta' dak l-anness huwa li jidentifika, sa fejn ikun possibbli, il-prodotti finali u l-komponenti speċifiċi li huma essenzjali għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u li għalhekk b'mod raġonevoli jistgħu jitqiesu li huma dejjem użati primarjament għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kollha elenkati f'dan ir-Regolament. Komponenti speċifiċi u makkinarju speċifiku mhux koperti f'dak l-anness xorta jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn, abbażi tal-evidenza pprovduta lil awtorità nazzjonali kompetenti, il-promotur ta' proġett jista' jagħti prova, pereżempju permezz ta' studji tas-suq jew ftehimiet tax-xiri, li l-komponenti speċifiċi jew il-makkinarju speċifiku huma użati primarjament għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, bl-eċċezzjoni tal-materja prima kritika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/...⁺.*
- (13) *Ċerti komponenti speċifiċi fil-katina tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jiġu prodotti permezz ta' proċessi ta' produzzjoni intensivi fl-enerġija jiġifieri fis-setturi tal-azzar, tal-aluminju, tal-metalli mhux ferrużi, tas-sustanzi kimiċi bażiċi, tas-siment, tal-gir, tal-ħġieġ, taċ-ċeramika, tal-fertilizzanti, kif ukoll tal-polpa u tal-karta. Ħafna minn dawk il-proċessi huma kkaratterizzati minn intensità għolja ta' enerġija u karbonju, li jagħmel l-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom normalment diffiċli li jitnaqqsu. Fl-istess ħin, ir-Regolament (UE) 2021/1119 jirrikjedi d-dekarbonizzazzjoni rapida tal-ekonomija tal-Unjoni. Fid-dawl tal-fatt li l-industriji intensivi fl-enerġija ammontaw għal 17 % tal-emissjonijiet kumplessivi ta' gassijiet serra fl-Unjoni fl-2019, id-dekarbonizzazzjoni tagħhom hija indispensabbli biex tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-Unjoni. Dan ifisser li s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni ta' komponenti speċifiċi użati għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tiddependi wkoll fuq l-intensifikazzjoni tal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fl-industriji intensivi fl-enerġija. Il-faċilitajiet tal-industrija intensivi fl-enerġija jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn il-faċilitajiet rilevanti jipproduċu komponenti speċifiċi użati primarjament f'teknoloġiji*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 78/23 (2023/0079 (COD)).

b'emissjonijiet żero netti.

Minħabba l-ħtieġa li dawk is-setturi jiġu dekarbonizzati b'mod kollettiv u sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' komponenti speċifiċi prodotti minnhom li jintużaw fil-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, għall-kuntrarju ta' proġetti oħra ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom japplika dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll għal proġetti ta' industriji intensivi fl-enerġija li jipproduċu komponenti speċifiċi li jintużaw, iżda mhux b'mod esklużiv fil-ktajjen tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' dawn il-faċilitajiet li l-emissjonijiet tagħhom diffiċli jtnaqqsu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun bil-kundizzjoni li l-proġett ikun jinkludi l-kostruzzjoni jew il-konverżjoni ta' faċilità bħal din li twassal għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-produzzjoni. L-appoġġ għal dawk is-setturi b'mod immirat skont dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-aċċess għal provvista sostenibbli ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fis-suq intern, iżid iċ-ċertezza tal-investment u jgħalluq attraenza min-naħa tad-domanda għal teknoloġiji trasformattivi u ta' dekarbonizzazzjoni b'emissjonijiet żero netti.

(14) *Il-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tistipula t-teknoloġiji li huma essenzjali għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern. Il-lista tinkludi wkoll teknoloġiji li mhux l-Istati Membri kollha jaċċettaw bħala sors ta' enerġija nadifa u sigura. Dan huwa konformi mad-dritt tagħhom li jiddeterminaw l-għażla tagħhom bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tagħhom kif ukoll il-politika industrijali tagħhom. Biex jiġu ssalvagwardati dawk id-drittijiet, il-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti hija mingħajr preġudizzju għall-allokkazzjoni ta' finanzjament skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali 2021 sa 27, b'mod partikolari f'termini ta' eliġibbiltà tal-allokkazzjoni u kriterji għall-aġġudikazzjoni relatati mat-teknoloġiji tal-enerġija fil-fondi tal-Unjoni, inkluż dawk iffinanzjati permezz ta' kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jew appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Jenħtieġ ukoll li Stat Membru ma jkunx obligat jirrikonoxxi bħala strateġiċi proġetti li jappoġġaw katina ta' provvista għal teknoloġija li huwa ma jaċċettax bħala parti mit-taħlita tal-enerġija tiegħu.*

- (15) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-enerġija futura tal-Unjoni tkun reżiljenti, jenħteġ li din l-espansjoni titwettaq tul il-katina tal-provvista kollha tat-teknoloġiji inkwistjoni, f'**konsistenza u** komplementarjetà sħiħa mar-Regolamenti (UE) 2024/...⁺ **u (UE) 2023/1781¹⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza u d-data tal-adozzjoni ta' PE-CONS 78/23 (2023/0079 (COD)).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (l-Att dwar iċ-Ċipep) (ĠU L 229, 18.9.2023, p. 1).

(16) *Sabiex jiġu indirizzati l-problemi marbuta mas-sigurtà tal-provvista filwaqt li jingħata kontribut għall-appoġġ tar-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u tal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u modernizzazzjoni, il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni jeħtieġ li tespandi. Jeħtieġ li l-Unjoni tiżgura li l-ambjent regolatorju għall-manifatturi tat-teknoloġiji fotovoltajċi (PV) jippermettilhom iżidu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jtejbu l-perspettivi tas-sigurtà tal-provvista, billi jimmiraw li jilhq u mhux inqas minn 30 gigawatt tal-kapaċità operazzjonali tal-manifattura tal-PV sal-2030 tul il-katina tal-valur kollha tal-PV, f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Alleanza Ewropea għall-Industrija Fotovoltajka Solari, li hija appoġġata fl-ambitu tal-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Enerġija Solari stabbilita bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022. Jeħtieġ li l-Unjoni tiżgura li l-ambjent regolatorju għall-manifatturi tat-teknoloġiji tar-riħ u tal-pompi tas-sħana jippermettilhom jikkonsolidaw il-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jżommu jew jespandu l-ishma attwali tagħhom tas-suq matul is-snin 2020, f'konformità mal-projezzjonijiet tal-implimentazzjoni tat-teknoloġija tal-Unjoni li jilhq u miri tagħha tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Dan jissarraf f'kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għar-riħ ta' mhux inqas minn 36 GW u għall-pompi tas-sħana ta' mhux inqas minn 31 GW sal-2030. Jeħtieġ li l-manifatturi tal-batteriji u l-elettrolizzaturi tal-Unjoni jsibu ambjent regolatorju li jippermettilhom jikkonsolidaw it-tmexxija teknoloġika tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tiswir ta' dawk is-swieq. Għat-teknoloġiji tal-batteriji, dak ikun ifisser li jsir kontribut għall-objettivi tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji u li l-għan ikun li kważi 90 % tad-domanda annwali tal-batteriji tal-Unjoni tiġi ssodisfata mill-manifatturi tal-batteriji tal-Unjoni, li jfisser kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni ta' mhux inqas minn 550 GWh sal-2030.*

Għall-manifatturi tal-elettrolizzaturi tal-Unjoni, il-pjan REPowerEU jipproġetta 10 miljun tunnellata ta' produzzjoni domestika ta' idroġenu rinnovabbli u sa 10 miljun tunnellata oħra ta' importazzjonijiet ta' idroġenu rinnovabbli sal-2030. Sabiex jiġi żgurat li t-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni tissarraff fi tmexxija kummerċjali, kif appoġġat fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Elettrolizzaturi tal-Kummissjoni u tal-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif, jenħtieġ li l-manifatturi tal-elettrolizzaturi tal-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu jżidu l-kapaċità tagħhom, sabiex il-kapaċità installata kumplessiva ta' elettrolizzaturi li tkun qed tiġi implimentata tilħaq mhux inqas minn 100 GW idroġenu sal-2030. Il-pjan RePowerEU jistabbilixxi wkoll objettiv li tiżdied il-produzzjoni sostenibbli tal-bijometan għal 35 biljun metru kubu sal-2030. Bil-katina tal-provvista tiegħu li llum il-ġurnata fil-biċċa l-kbira hija bbażata fl-Ewropa, il-bijometan diġà jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-Unjoni u jenħtieġ li jiġi promoss aktar. Jenħtieġ li l-manifatturi tal-Unjoni tal-fjuwils għas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu jkomplu jiżviluppaw, jiproduċu u jespandu l-fjuwils alternattivi sostenibbli sabiex jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-settur tat-trasport b'90 % fl-2050, kif ukoll biex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u r-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹². Dak it-tnaqqis huwa appoġġat bis-sħiħ wkoll mill-Alleanza Industrijali tal-Katina tal-Valur tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju. Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura li l-ambjent regolatorju u l-qafas ta' appoġġ għall-produtturi ta' teknoloġiji ta' fjuwils alternattivi sostenibbli għas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu jippermettulhom iżidu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom tul il-katina tal-valur sħiħa tal-fjuwils, mill-ġbir u l-provvista tal-materja prima sat-taħlit, inkluż il-kapaċitajiet ta' konverżjoni u raffinar.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj>).

¹² Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48).

- (17) *Meta jitqiesu dawk l-objettivi flimkien, filwaqt li jittieħed kont ukoll li għal ċerti elementi tal-katina tal-provvista, bħal invertituri, kif ukoll iċ-ċelloli solari, il-wafers, u l-ingotti għall-PV jew katodi u anodi għall-batteriji, il-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni hija waħda baxxa. Sabiex jgħin fl-indirizzar tat-tħassib dwar id-dipendenza u l-vulnerabbiltà fir-rigward tal-importazzjoni u jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija, jenħtieġ li jiġi stabbilit parametru referenzjarju ġenerali għall-kapaċità tal-manifattura għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni, filwaqt li jsir sforz biex jinkiseb parametru referenzjarju simili għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Jenħtieġ li l-kapaċità annwali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni jkollha l-għan li toqrob lejn jew tilħaq parametru referenzjarju annwali ġenerali tal-manifattura ta' mhux inqas minn 40 % tal-ħtiġijiet annwali tal-implimentazzjoni sal-2030 għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meqjusa fl-intier tagħhom.*
- (18) *Fl-istess ħin, il-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ser jikkontribwixxu għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija nadifa tal-Unjoni. Provvista sigura ta' enerġija nadifa hija prerekwiżit għall-iżvilupp ekonomiku, kif ukoll għall-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika. Il-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ser jagħtu wkoll benefiċċji lil setturi ekonomiċi strateġikament importanti oħra, bħall-biedja u l-produzzjoni tal-ikel, billi jiżguraw aċċess għal enerġija nadifa u makkinarju bi prezzijiet kompetittivi, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u jipprovdu żbokk dejjem akbar għal alternattivi b'bażi bijoloġika permezz tal-ekonomija ċirkolari. Bl-istess mod, it-twettiq tal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni ser iwassal kemm għal tkabbir ekonomiku kif ukoll benesseri soċjali.*
- (19) *Is-suq globali tat-teknoloġiji ewlenin tal-enerġija nadifa li huma manifatturati bil-massa ser ikun jiswa madwar USD 650 biljun fis-sena sal-2030, li huwa aktar minn tliet darbiet il-livell attwali. Globalment, l-industrija b'emissjonijiet żero netti qed tikber b'rata dejjem akbar. L-industrija tal-Unjoni tista' tipprova prosperità għaċ-ċittadini tal-Unjoni fil-każ biss li tkun kompetittiva fis-suq globali u miftuħa għalih. Settur tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni li jkun kompetittiv globalment ser jipprova appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċità tal-manifattura b'saħħitha tal-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni li huma globalment kompetittivi f'segmenti tal-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ser jikkontribwixxu għar-reżiljenza ġenerali tal-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġiji*

*b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni, u jtejbu l-aċċess tal-Unjoni għal teknoloġiji
b'emissjonijiet żero netti.*

(20) *Il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tiddependi fuq ktajjen tal-valur kumplessi u interkonnessi globalment. Sabiex tinżamm il-kompetittività u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi attwali fuq l-importazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, filwaqt li tiġi evitata l-formazzjoni ta' oħrajn ġodda, jeħtieġ li l-Unjoni tkompli ssaħħaħ il-bażi industrijali b'emissjonijiet żero netti tagħha u ssir aktar kompetittiva u miftuħa għall-innovazzjoni. Flimkien ma' miżuri oħra biex isaħħu l-kompetittività tal-Unjoni, il-miżuri biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-Unjoni jkollha rwol dominanti f'partijiet strateġiċi tal-katina tal-valur globali, inkluż il-prodotti finali, biex jiġi żgurat il-livell ta' sigurtà tal-provvista li l-Unjoni teħtieġ sabiex tikseb l-oġettivi tagħha fir-rigward tal-klima u l-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit it-tieni parametru referenzjarju globali. Jenħtieġ li l-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jkollha l-għan li tikseb sehem akbar tal-produzzjoni dinjija, bil-ħsieb li tikseb 15 % tal-produzzjoni dinjija fil-valur sal-2040, abbażi tal-monitoraġġ kif previst f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dak it-tieni parametru referenzjarju ma japplikax meta ż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tkun ogħla b'mod sinifikanti mill-ħtiġijiet tal-implimentazzjoni tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija.*

(21) *Sabiex il-proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, jiġu implimentati jew estiżi malajr kemm jista' jkun biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, huwa importanti li tiġi żgurata l-effiċjenza fl-ippjanar u ċ-ċertezza tal-investment billi l-piż amministrattiv fuq il-promoturi ta' proġetti jinżamm f'livell minimu. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi tal-Istati Membri għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-proġetti jkunu sikuri, siguri, ambjentalment sostenibbli u jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tas-sikurezza. Il-liġi ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-proċess u l-kontenut tal-proċessi nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. Jenħtieġ li l-ġhoti tal-istatus ta' proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni applikabbli għall-ħruġ ta' permessi għall-proġetti rilevanti, inkluż dawk stabbiliti fid-Direttivi 2000/60/KE¹³, 2004/35/KE¹⁴, (UE) 2010/75¹⁵, 2011/92/UE¹⁶ u 2012/18/UE¹⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE¹⁸.*

¹³ *Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).*

¹⁴ *Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).*

¹⁵ *Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (riformulazzjoni) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).*

¹⁶ *Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).*

¹⁷ *Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE.*

¹⁸ *Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).*

- (22) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fid-dawl tal-organizzazzjoni interna tagħhom, jagħżlu jekk jistabbilixxux jew jiddeżinjawx il-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jispeċifikaw u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-punt uniku ta' kuntatt ir-rekwiżiti u l-firxa tal-informazzjoni rikjesta minn promotur ta' proġett qabel ma jibda l-proċess għall-ħruġ tal-permessi. Jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt ikun responsabbli għall-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni lill-promotur ta' proġett. Jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt, fir-rwol tiegħu ta' koordinatur, jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' kwalunkwe talba għal proċess għall-ħruġ tal-permessi. Talbiet bħal dawn jistgħu jinkludu studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet.*
- (23) *Sabiex titnaqqas il-kumplessità u jiżiedu l-effiċjenza u t-trasparenza fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi, jenħtieġ li l-promoturi ta' proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero, inkluż proġetti strateġiċi, ikunu jistgħu jinteraġixxu ma' punt uniku ta' kuntatt li jkun responsabbli għall-faċilitazzjoni u l-koordinazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi kollu. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew jiddeżinjaw punt uniku ta' kuntatt wieħed jew aktar, filwaqt li jiżguraw li l-promoturi ta' proġetti jkollhom jinteraġixxu biss ma' punt ta' kuntatt wieħed. Jenħtieġ li jkun f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk punt uniku ta' kuntatt ikunx ukoll awtorità li tieħu deċiżjonijiet dwar il-ħruġ ta' permessi. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltajiet tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu biżżejjed persunal u riżorsi lill-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom, kif ukoll lil kwalunkwe awtorità involuta fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi.*

(24) *Sabiex in-negozji u l-promoturi ta' proġetti, inkluż għal proġetti transfruntieri, ikunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali mhux neċessarju, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ li stabbilixxa l-Gateway Diġitali Unika, jipprevedi regoli ġenerali għall-forniment online ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. L-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi sottomessa lill-kwalunkwe awtorità nazzjonali permezz tal-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat bħala parti mill-proċessi għall-ħruġ tal-permessi skont dan ir-Regolament hija koperta fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724, u l-proċeduri relatati huma inklużi fl-Anness II ta' dak ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-promoturi ta' proġetti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proċeduri kompletament online u mis-Servizzi tas-Sistema Teknika ta' Darba Biss. Punti uniċi ta' kuntatt stabbiliti jew iddeżinjati skont dan ir-Regolament huma inklużi fil-lista ta' servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1724.*

¹⁹ *Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).*

(25) *Il-proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jgħaddu minn proċessi twal u kumplessi għall-ħruġ tal-permessi li jistgħu jdumu minn sentejn sa seba' snin, skont l-Istat Membru, it-teknoloġiji u s-segment tal-katina tal-valur. Meta jitqies id-daqs tal-investimenti meħtieġa, b'mod partikolari għal proġetti ta' daqs gigafactory li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-ekonomiji ta' skala mistennija, proċessi għall-ħruġ tal-permessi li ma jkunux adegwati joħloqu ostaklu addizzjonali u ta' spiss detrimental biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Sabiex il-promoturi ta' proġetti u investituri oħra jiġu pprovduti bis-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa biex jiżdied l-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess għall-ħruġ tal-permessi relatat ma' dawn il-proġetti ma jaqbiżx il-limiti ta' żmien stabbiliti minn qabel. Għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, jenħtieġ li t-tul ta' żmien tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi ma jaqbiżx it-12-il xahar għal faċilitajiet b'output annwali ta' produzzjoni ta' 1 GW jew aktar, disa' xhur għal dawk b'output annwali ta' produzzjoni ta' inqas minn 1 GW, jew 18-il xahar għall-permessi kollha meħtieġa biex jitħaddem sit strateġiku ta' ħżin tas-CO₂ u l-iskjerament ta' proġetti relatati mal-qbid tas-CO₂ u t-trasport tas-CO₂. Għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, jenħtieġ li t-tul ta' żmien tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi ma jaqbiżx it-18-il xahar għal faċilitajiet b'output annwali ta' produzzjoni ta' 1 GW jew aktar, u t-12-il xahar għal dawk b'output annwali ta' produzzjoni ta' inqas minn 1 GW. Għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom il-metrika tal-GW mhijiex rilevanti, bħal grilji u teknoloġiji tal-qbid u ħżin tal-karbonju (CCS) jew teknoloġiji għat-trasport u l-użu tas-CO₂, jenħtieġ li japplikaw il-limiti massimi ta' dawk l-iskadenzi.*

Madankollu, l-ewwel pass tal-valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent skont id-Direttiva 2011/92/UE, li jikkonsisti fit-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, spiss jitwettaq b'mod predominanti mill-promotur ta' proġett. Għalhekk, jenħtieġ li dak il-pass ma jiġix integrat fl-iskedi ta' żmien li l-Istati Membri huma marbuta bihom kif imsemmi fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt jinnotifika d-data sa meta l-promotur ta' proġett jenħtieġ li jissottometti r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, u jenħtieġ li kwalunkwe perjodu bejn dik id-data notifikata u s-sottomissjoni effettiva tar-rapport ma jiġix ikkunsidrat bħala parti mill-iskeda taż-żmien. Jenħtieġ li japplika l-istess prinċipju meta, wara l-konsultazzjonijiet meħtieġa, il-punt uniku ta' kuntatt jinnotifika lill-promotur ta' proġett dwar l-opportunità li jissottometti informazzjoni addizzjonali biex jitlesta r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali. F'każijiet eċċezzjonali relatati man-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-iskedi ta' żmien. Każijiet eċċezzjonali bħal dawn jistgħu jinkludu ċirkostanzi mhux previsti li jwasslu għall-ħtieġa li jiżdiedu jew jitlestew valutazzjonijiet ambjentali relatati mal-proġett, jew dewmien minħabba l-proċessi ta' esproprijazzjoni meta jkunu meħtieġa.

(26) *Huwa possibbli li xi proġetti speċifiċi ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti jiġu rikonnoxxuti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti. Dawn iġibu benefiċċji addizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenzi tal-Unjoni jew il-kisba tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-għanijiet klimatiċi. Il-proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza teknoloġika u industrijali tal-Unjoni billi jżidu l-kapaċità tal-manifattura għal segment ewlieni ta' katina tal-provvista. B'mod partikolari, iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura għas-setturi li għalihom il-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tirrappreżenta sehem sinifikanti tal-produzzjoni dinjija, u li għandhom rwol kruċjali fir-reżiljenza tal-Unjoni, tagħmilha possibbli li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-katina tal-provvista globali tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti u tgħin biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-vulnerabbiltà tal-importazzjoni. Barra minn hekk, daww il-proġetti jistgħu jgħibu benefiċċji addizzjonali f'termini ta' żvilupp tal-ħiliet u kompetittività kif ukoll jappoġġaw l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni permezz tal-implimentazzjoni ta' Prattiki ta' manifattura ċirkolari u sostenibbli. Fid-dawl ta' tali benefiċċji addizzjonali, jenħtieġ li daww il-proġetti jintgħażlu bħala proġetti strateġiċi mill-Istati Membri u jenħtieġ li jibbenefikaw minn qafas li jippermetti l-implimentazzjoni aktar rapida tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' status prijoritarju u limiti ta' żmien iqsar fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi. Jenħtieġ li l-promoturi ta' proġetti li jixtiequ jirċievu l-istatus ta' proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti japplikaw formalment għal dan l-istatus mal-Istat Membru rilevanti f'konformità mal-kriterji ta' applikazzjoni u rikonnoxximent stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

- (27) *Il-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-ilma, il-ħamrija, l-arja, l-ekosistemi, il-habitats, il-bijodiversità u l-għasafar, huma parti integrali mill-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li jiġu evitati jew minimizzati l-impatti ambjentali negattivi. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li titwettaq kwalunkwe simplifikazzjoni potenzjali tal-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa, filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell ta' ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, il-valutazzjonijiet neċessarji jenħtieġ li jinġabru flimkien biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn u l-promoturi ta' proġetti u l-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jaqblu b'mod espliċitu dwar l-ambitu tal-valutazzjoni miġbura qabel ma titwettaq il-valutazzjoni biex jiġi evitat segwitu bla bżonn.*
- (28) *Il-kunflitti dwar l-użu tal-art jistgħu joħlqu ostakli għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Jenħtieġ li pjanijiet imfassla tajjeb, inkluż il-pjanijiet ta' ġestjoni tat-territorju u t-tqassim f'żoni, iqisu jekk għandhomx jiġu introdotti proġetti possibbli ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-impatti ambjentali potenzjali. Dawk il-pjanijiet għandhom il-potenzjal li jgħinu l-ibbilanċjar tal-interess pubbliku u l-ġid komuni, inaqqsu l-potenzjal għall-kunflitt u jaċċelleraw l-implimentazzjoni sostenibbli ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti jiġu mħeġġa jinkludu, fejn xieraq, dispożizzjonijiet għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, meta jiżviluppaw xi pjani.*
- (29) *Ir-raggruppament tal-attività industrijali diretta lejn is-simbjożi industrijali jimminimizza l-impatt ambjentali tal-attivitajiet u jipprovdi kisbiet fl-effiċjenza għall-atturi industrijali involuti. Ir-raggruppament jista' jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex jinkisbu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. F'dak ir-rigward, dan ir-Regolament jippromwovi l-iżvilupp ta' Widien ta' Aċċellerazzjoni b'emissjonijiet żero netti (il-"Widien"). L-oġettivi tal-Widien huma li joħlqu raggruppamenti ta' attività industrijali b'emissjonijiet żero netti sabiex iżidu l-attraenza tal-Unjoni bħala post għall-attivitajiet ta' manifattura u li jissimplifikaw aktar il-proċeduri amministrattivi għall-*

ħolqien ta' kapaċitajiet tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti. Jenħtieġ li l-Widien ikunu limitati fl-ambitu ġeografiku u teknoloġiku sabiex jippromwovu simbożi industrijali. Meta jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ħtieġa li jiffavorixxu użi multipli tal-oqsma identifikati biex jiżguraw l-espansjoni, ir-riindustrijalizzazzjoni jew il-ħolqien tar-raggruppamenti industrijali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni u d-disponibbiltà tal-infrastruttura tat-trasport u tan-network rilevanti, il-ħżin u għodod oħra ta' flessibbiltà. Jenħtieġ li l-istabiliment tal-Widien jikkorrispondi għal kwalunkwe riżerva ta' proġetti pplanati jew eżistenti u l-potenzjal li jiġu aċċessati jew organizzati opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' ħaddiema tas-sengħa. Jenħtieġ li l-Widien jiġu ddeżinjati mill-Istati Membri u kull deżinjazzjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn pjan li jistabbilixxi miżuri nazzjonali konkreti biex tiżdied l-attraenza tal-Wied bħala post għall-attivitajiet ta' manifattura. Jenħtieġ li l-Widien, b'mod partikolari, jintużaw bħala għodda għat-tisħiħ tal-attivitajiet industrijali b'emissjonijiet żero netti fir-reġjuni, filwaqt li titqies it-tranżizzjoni ġusta u l-objettivi tagħha, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni.

- (30) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeżinjaw u jappoġġaw il-Widien. Meta jiddeżinjaw Wied, jenħtieġ li l-Istati Membri jfasslu pjan li jispeċifika liema attività tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti tkun ser tiġi koperta fil-Wied (il-"Pjan"). Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu wkoll valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kif meħtieġ għall-attivitajiet tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti li jkunu ser jitwettqu fil-Wied. Dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt jillimitaw b'mod sostanzjali l-ħtieġa li l-impriżi jwettqu dawk il-valutazzjonijiet għall-permessi għall-attivitajiet tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti fil-konfini tal-Wied. Jenħtieġ li l-Pjan jinkludi r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kif ukoll il-miżuri nazzjonali li għandhom jittieħdu biex jiġi minimizzat jew mitigat kwalunkwe impatt ambjentali negattiv. Jenħtieġ li l-Pjan jinkludi wkoll miżuri nazzjonali konkreti biex tiġi appoġġata l-attività industrijali fil-konfini tal-Wied. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu miżuri biex isir investiment jew jiġi xprunat investiment privat fl-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, kif ukoll miżuri biex titnaqqas in-nefqa operazzjonali għall-industrija fil-Wied, bħal kuntratti għad-differenza fil-prezzijiet tal-enerġija. Miżuri oħra li għandhom jitqiesu jinkludu dawk immirati biex isaħħu l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, jistabbilixxu ċentru tal-innovazzjoni fil-Wied u jattiraw negozji ġodda lejn il-Wied. Sabiex tiġi pprovduta s-*

sigurtà tal-investment għall-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Pjan jispeċifika wkoll it-tul ta' żmien tal-miżuri ta' appoġġ.

- (31) *L-Istati Membri huma mħeġġa jiddeżinjaw Widien f'regħuni inqas żviluppati u dawk fi tranżizzjoni, kif ukoll f'żoni megħjuna. L-investimenti li għandhom l-għan li jistabbilixxu Widien, biex jgħammruhom b'infrastruttura xierqa, jikkonvertu siti abbandunati u jżviluppaw il-ħiliet lokali, jistgħu jibbenefikaw minn għajnuma finanzjarja pubblika, inkluż permezz ta' fondi b'għestjoni kondiviża, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²². F'konformità mar-regoli li jirregolaw kull fond u fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet ta' għestjoni rilevanti, dawk l-investimenti jistgħu jirċievu l-ogħla rati ta' kofinanzjament possibbli permessi minn kull fond.*
- (32) *Minħabba r-rwol tal-Widien fl-aggregazzjoni u l-għbir flimkien tar-riżorsi li huma rilevanti għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, u l-kontribut tagħhom għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, kif ukoll it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi rilevanti jqisu l-Widien bħala fl-interess pubbliku. Dik il-miżura tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' dispożizzjoni li tispeċifika li l-proġetti fil-Widien huma ta' interess pubbliku għall-finijiet tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk il-proġetti ma jkollhomx effetti negattivi kbar fuq l-ambjent li ma jkunux jistgħu jiġu mitigati jew ikkumpensati. Abbażi ta' valutazzjoni ex ante, l-awtorità tal-ħruġ tal-permessi rilevanti tista' tikkonkludi li l-interess pubbliku moqdi mill-proġetti f'Wied jipprevali fuq l-interessi pubbliċi relatati mal-ħarsien tan-natura u tal-ambjent u li, konsegwentement, il-proġetti jistgħu jiġu awtorizzati, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fid-Direttivi*

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

²¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

²² Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

2000/60/KE, u 2009/147/KE²³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴⁺ u d-Direttiva 92/43/KEE.

²³ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza u d-data tal-adozzjoni ta' PE-CONS 74/23 COD 2022/0195 u imla nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

- (33) *In-nuqqas ta' prevedibbiltà, il-kumplessità u, xi drabi, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali għall-ħruġ ta' permessi jipperikolaw is-sigurtà tal-investment neċessarja għall-iżvilupp effettiv ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata u aċċellerata implimentazzjoni effettiva, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi ssimplifikati u effiċjenti għall-ħruġ ta' permessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw miżuri innovattivi f'dak il-qasam. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti jitqiesu bħala urġenti fil-livell nazzjonali u għaldaqstant jenħtieġ li jingħataw status prijoritarju sakemm u sal-punt li l-liġi nazzjonali tipprevedi tali proċeduri ta' urġenza fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni ta' tilwim kollha relatati magħhom, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża, jekk u sal-punt li l-liġi nazzjonali tipprevedi tali proċeduri ta' urġenza. Dan jenħtieġ li jsir mingħajr ma l-awtoritajiet kompetenti jkun preklużi milli jissimplifikaw il-proċessi għall-ħruġ ta' permessi għal, fost l-oħrajn, proġetti oħra ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li ma jkunux proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti.*
- (34) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-2030, hija meħtieġa enfasi partikolari fuq **proġetti strateġiċi** b'emissjonijiet żero netti, anke *fid*-dawl tal-kontribut sinifikanti tagħhom għall-perkors lejn emissjonijiet żero netti ta' CO₂ sal-2050. Dawk il-**proġetti** jaqdu rwol ewlieni fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal enerġija nadifa, affordabbli u sigura. Minħabba r-rwol tagħhom, jenħtieġ li dawk il-**proġetti** jibbenefikaw minn proċeduri saħansitra *aktar simplifikati u effiċjenti* għall-ħruġ tal-permessi, jiksbu l-istatus tal-ogħla sinifikanza nazzjonali possibbli skont il-liġi nazzjonali u jibbenefikaw minn appoġġ addizzjonali biex jattiraw l-investimenti, *filwaqt li xorta jissodisfaw l-obbligi tal-Unjoni u dawk internazzjonali skont ir-Regolament (UE) 2024/...⁺, id-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 92/43/KEE u l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, kif ukoll obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-dokument PE-CONS 74/23.

(35) *Minħabba r-rwol tagħhom fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-kontribut tagħhom għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jenħtieġ li l-awtorità tal-ħruġ tal-permessi rilevanti tqis li l-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti jkunu fl-interess pubbliku. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tagħha ta' każ b'każ, awtorità tal-ħruġ ta' permessi tista' tikkonkludi li l-interess pubbliku moqdi mill-proġett jipprevali fuq l-interessi pubbliċi relatati mal-ħarsien tan-natura u tal-ambjent u li konsegwentement il-proġett jista' jiġi awtorizzat, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti fid-Direttiva 92/43/KEE, 2000/60/KE jew 2009/147/KE jew fir-Regolament (UE) 2024/...⁺.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 74/23 (2022/0195 (COD)).

- (36) ***Huwa neċessarju wkoll li jiġu previsti miżuri biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, u b'hekk tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tal-Unjoni u jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima.***
- (37) Fl-2020, il-Kummissjoni adottat strateġija tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Dik l-istrateġija tistabbilixxi viżjoni dwar kif għandha aċċellerata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija aktar integrata li tappoġġa ekonomija newtrali għall-klima bl-aktar kost baxx fis-setturi kollha. Din tinkludi tliet kunċetti komplementari u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: l-ewwel, sistema tal-enerġija aktar "ċirkolari", bl-effiċjenza enerġetika fil-qalba tagħha; it-tieni, elettrifikazzjoni diretta akbar tas-setturi tal-użu finali; it-tielet, l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-idroġenu **■**. Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija jirreferu għal soluzzjonijiet għall-integrazzjoni sħiħa tal-elettriku kollu ġġenerat mill-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema usa' tal-enerġija. Dak jinkludi l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu l-integrazzjoni ta' elettriku żejjed iġġenerat minn installazzjonijiet tal-elettriku rinnovabbli, inkluż permezz tal-**ħżin u mill-espansjoni fil-grilja tas-sorsi tal-enerġija mingħajr fossili li jistgħu jiġu ppjanati**, fid-diversi forom tiegħu u l-ġestjoni tad-domanda.
- (38) ***Is-CCS hija teknoloġija li ser tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Din tikkonsisti mill-qbid tas-CO₂ mill-installazzjonijiet industrijali, it-trasport tiegħu sa sit tal-ħżin u l-injezzjoni tiegħu f'formazzjoni ġeoloġika taħt l-art xierqa għall-finijiet ta' ħżin permanenti.***

(39) L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tas-CCS għall-industrija qed jiffaċċa falliment fil-koordinazzjoni. Minn naħa waħda, minkejja l-fatt li [] s-sinjal tal-prezz tas-CO₂ ipprovdut mill-ETS jagħmel tali investimenti ekonomikament vjabbli, industrij li jinvestu fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ jiffaċċjaw riskju sinifikanti li ma jkunux jistgħu jaċċessaw sit ta' ħżin ġeoloġiku permess. Min-naħa l-oħra, l-investituri fl-ewwel siti tal-ħżin tas-CO₂ jiffaċċjaw kostijiet inizjali biex jidentifikawhom, jiżviluppawhom u jivvalutawhom anke qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għal permess għall-ħżin regolatorju. It-trasparenza dwar il-kapaċità potenzjali ta' ħżin tas-CO₂ f'termini tal-adeqwatezza ġeoloġika taż-żoni rilevanti u d-data ġeoloġika eżistenti ***kollha, inkluż data mhux ipproċessata u data dwar il-mudell***, b'mod partikolari mill-esplorazzjoni tas-siti ta' produzzjoni tal-idrokarburi, tista' tappoġġa lill-operaturi tas-suq biex jippjanaw l-investimenti tagħhom. Jenħtieġ li l-***Istati Membri, filwaqt li jqisu l-kunfidenzjalità, is-sigurtà nazzjonali u s-sensittivitajiet kummerċjali kif ukoll kumpens adegwat għal data ġġenerata privatament u dik li hija proprjetà privata***, jagħmlu tali data ***eżistenti*** disponibbli għall-pubbliku u jirrapportaw regolarment minn perspettiva li tħares 'il quddiem dwar ***kwalunkwe*** progress fl-iżvilupp ta' siti tal-ħżin tas-CO₂ u l-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u ħżin [], sabiex tintlaħaq kollettivament il-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂. ***Dawk l-obbligi ta' trasparenza huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li ma jawtorizzawx jew li jillimitaw l-implimentazzjoni tal-kapaċità tal-ħżin tas-CO₂ fit-territorju tagħhom.***

- (40) *Sabiex jiġu evitati assi mhux rekuperabbli u sabiex jiġi żgurat li l-kapaċità tal-injezzjoni ekonomikament vijabbli twassal għal tnaqqis tas-CO₂, jenħtieġ li jinbena argument għall-vijabbiltà tul il-katina tal-valur sħiħa. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti sal-2030 ktajjen tal-valur tas-CCS sħaħ u individwali inkluż il-qbid, it-trasport u l-ħżin permezz ta' politiki nazzjonali u tal-Unjoni effettivi b'regolamenti xierqa li jiggarrantixxu l-kompetizzjoni u l-aċċess miftuħ.*
- (41) Ostaklu ewlieni għall-investimenti fil-qbid tal-karbonju li llum qed isiru dejjem aktar ekonomikament vijabbli huwa d-disponibbiltà ta' siti tal-ħżin tas-CO₂ operattivi fl-Unjoni, li jifirdu l-inċentivi dderivati mid-Direttiva 2003/87/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***²⁵. Sabiex tiżviluppa t-teknoloġija u tespandi l-kapaċitajiet tal-manifattura ewlenin tagħha, jenħtieġ li l-Unjoni tiżviluppa provvista li tħares 'il quddiem ta' siti ta' ħżin ġeoloġiku permanenti tas-CO₂ permessi f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***²⁶ ***kif ukoll infrastrutturi tat-trasport tas-CO₂***. Billi tiġi definita mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ operazzjonali annwali sal-2030, f'konformità mal-kapaċitajiet mistennija meħtieġa sal-2030, ***u filwaqt li jitqiesu l-kumpaniji li joperaw primarjament fl-Istati Membri b'kapaċità ta' ħżin limitata ħafna minħabba restrizzjonijiet legali, ġeoloġiċi, ġeografiċi, tekniċi jew tas-suq***, is-setturi rilevanti jistgħu jikkordinaw l-investimenti tagħhom lejn katina tal-valur Ewropea tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂ b'emissjonijiet zero netti li l-industriji jistgħu jużaw biex jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom.

²⁵ *Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).*

²⁶ *Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).*

Din l-implimentazzjoni inizjali ser tappoġġa wkoll aktar ħżin tas-CO₂ f'perspettiva tal-2050. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-Unjoni jista' jkollha bżonn taqbad sa 550 miljun tunnellata ta' CO₂ kull sena sal-2050 biex tilħaq l-oġġettiv ta' emissjonijiet zero netti, inkluż għall-assorbimenti tal-karbonju. Dan l-**oġġettiv** ta' kapaċità ta' ħżin fuq skala industrijali tal-ewwel tip tiegħu ser ineħħi r-riskju mill-investimenti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ bħala għodda importanti biex tinkiseb in-newtralità klimatika. Meta dan ir-Regolament jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030 ser tiġi aġġustata kif xieraq. **Biex tiġi żgurata l-kisba tal-mira tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiffaċilitaw u jinċentivaw l-implimentazzjoni ta' proġetti tas-CCS. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jinkludu wkoll miżuri li jinċentivaw lill-emittenti biex jaqbd u appoġġ għall-investiment għall-investituri għall-infrastrutturi għat-trasport tas-CO₂ biex jittrasportaw is-CO₂ lejn is-siti tal-ħżin.**

- (42) **Jenħtieġ li kwalunkwe ftehim internazzjonali relatat mal-ħżin permanenti tas-CO₂ tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jipprevedi kundizzjonijiet ekwivalenti biex jiġi żgurat il-ħżin ġeoloġiku b'mod permanenti u sikur għall-ambjent tas-CO₂ maqbud u jiżgura li l-ħżin tas-CO₂ tal-Unjoni ma jintużax biex tiżdied il-produzzjoni tal-idrokarburi u jikkorrispondi għal tnaqqis ġenwin tal-emissjonijiet.**

(43) Permezz tad-definizzjoni ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ **u kwalunkwe proġett relatat mal-qbid tas-CO₂ u ta' infrastruttura tas-CO₂** li jikkontribwixxi għall-mira tal-Unjoni għall-2030 bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti, l-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ jista' jiġi aċċellerat u ffaċilitat, u d-domanda industrijali dejjem akbar għas-siti ta' ħżin tista' tiġi **indirizzata** lejn is-siti ta' ħżin l-aktar kosteffettivi. Volum dejjem akbar ta' siti tat-tħaffir għall-gass u ż-żejt li qed jiġu eżawriti u li jistgħu jiġu kkonvertiti **f'siti** tal-ħżin sikuri tas-CO₂ jinsabu fi tmiem il-ħajja tal-produzzjoni utli tagħhom. Barra minn hekk, l-industrija taż-żejt u tal-gass affermat id-determinazzjoni tagħha li tibda tranżizzjoni tal-enerġija u għandha l-assi, il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex tesplora u tiżviluppa siti ta' ħżin addizzjonali. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, jeħtieġ li s-settur jiġbor il-kontributi tiegħu biex jiżgura li s-CCS bħala soluzzjoni klimatika tkun disponibbli qabel id-domanda. Sabiex jiġi żgurat żvilupp tas-siti ta' ħżin tas-CO₂ f'waqt u kosteffettiv fl-Unjoni kollha f'konformità mal-objettiv tal-**Unjoni** għall-kapaċità tal-injezzjoni, jenħtieġ li d-detenturi tal-liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-**Unjoni** jikkontribwixxu għal dik il-mira fuq bażi pro rata tal-kapaċità tagħhom tal-manifattura taż-żejt u tal-gass, filwaqt li jiġu pprovduti flessibiltajiet biex jikkooperaw u jitqiesu kontributi oħra ta' partijiet terzi. **Jenħtieġ li jitrawwem approċċ ta' katina tal-valur mill-azzjonijiet meħuda kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-detenturi tal-liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-Unjoni jwettqu l-investimenti neċessarji u jappoġġaw l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali vijabbli għall-katina tal-valur tad-diossidu tal-karbonju kollha.**

- (44) *Sabiex jikkontribwixxu għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ tal-Unjoni, l-entitajiet obbligati jistgħu jidħlu fi ftehimiet ma' entitajiet mhux obbligati biex jissodisfaw l-obbligu kollu tagħhom jew parti minnu. Dawk il-ftehimiet jistgħu jkunu parti minn ftehim ta' impriża konġunta li jistabbilixxi sit tal-ħżin jew jitwettqu separatament bejn il-partijiet biex jissodisfaw il-kontribut tal-entità obligata. Meta tali impriżi konġunti jkunu ġew stabbiliti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-kapaċità sħiħa tal-injezzjoni tal-proġett konġunt rilevanti ta' ħżin tas-CO₂ tista' tintuża biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-partijiet obbligati.*
- (45) *Sabiex jiġi żgurat li s-siti tal-ħżin jiġu żviluppati f'kundizzjonijiet tas-suq tajbin, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni li tħares lejn ir-relazzjoni bejn id-domanda konkreta għall-kapaċità tal-injezzjoni għal proġetti ta' qbid tas-CO₂ u l-infrastruttura ewlenija neċessarja għat-trasport tas-CO₂ li jkun għaddej jew li jkun ippjanat li jkun operazzjonali sal-2030 u l-obbligi tal-kapaċità tal-ħżin tal-2030.*

- (46) *Id-derogi mill-obbligu huma għodda essenzjali għall-prevenzjoni ta' assi mhux rekuperabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi. Biex japplikaw dawn id-derogi b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinvolve ruħhom bis-sħiħ mal-entitajiet awtorizzati rilevanti fi kwalunkwe valutazzjoni tal-ħtieġa għal deroga, b'mod partikolari fil-każ fejn entità awtorizzata tindika l-ħtieġa għal deroga. Għall-fini li jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni fir-rigward tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂, fejn, abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ma tingħata l-ebda deroga, jew meta l-Istat Membru rilevanti ma jkunx talab deroga, il-Kummissjoni u l-Istat Membru ser jinvolve ruħhom mal-entitajiet awtorizzati rilevanti biex jgħinu fis-soluzzjoni tal-ostakli u d-diffikultajiet sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-obbligu.*
- (47) *Huwa essenzjali li jsir sforz politiku addizzjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-infrastruttura transfruntiera. L-aċċessibilità u l-konnettività tal-firxa sħiħa ta' arranġamenti għat-trasport tas-CO₂ għandhom rwol kruċjali għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' CCS u ta' qbid u użu tal-karbonju. Dawn l-arranġamenti jkopru l-vapuri, il-barkuni, il-ferroviji u t-trakkijiet kif ukoll il-faċilitajiet fissi għall-konnessjoni u għat-trakkar, għal-likwefazzjoni, għall-ħżin bafer u għall-konvertituri tas-CO₂ bil-ħsieb tat-trasport ulterjuri tiegħu minn ġol-pipelines u f'modi ddedikati ta' trasport.*

- (48) Jenħtieġ li jkun possibbli li *I-Istati Membri jiffurmaw, jew jipprovdu appoġġ għall-formazzjoni ta' entitajiet li jkollhom l-objettiv li joħlqu networks tat-trasport tas-CO₂ inkluż il-kostruzzjoni ta' infrastruttura jew il-forniment ta' bastimenti jew mezzi oħra ta' trasferiment.*
- (49) *Il-qbid, l-użu u l-ħżin tas-CO₂ inevitabilment ser ikunu parti mill-futur dekarbonizzat tal-Unjoni inkluż l-assorbimenti. Suq li jiffunzjona sew fl-Unjoni kollha għas-CO₂ maqbud, għas-servizzi tal-injezzjoni tas-CO₂, għas-servizzi tat-trasport tas-CO₂ u għall-attivitajiet tal-użu tal-karbonju huwa neċessarju. Jenħtieġ li dan is-suq jagħti riżultati tanġibbli fir-rigward ta' ċerti objettivi fil-qasam tal-ordni pubbliku bl-aktar mod ekonomikament vantaġġuż. Objettiv ġenerali huwa d-dekarbonizzazzjoni sostenibbli u kosteffettiva tal-industrija tal-Unjoni billi jiġi żgurat li kwalunkwe emissjoni tas-CO₂ li ma tistax titnaqqas b'mezzi tekniċi, jew fejn ma jkunx ekonomikament vijabbli li titnaqqas dik l-emissjoni, tkun tista' tinqabad u tinħażen jew tintuża, filwaqt li jiġu evitati emissjonijiet ittardjati. Jenħtieġ li dak is-suq jiżgura wkoll is-sikurezza, is-sostenibbiltà u l-permanenza tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ maqbud u li s-CO₂ maqbud ikun disponibbli għall-attivitajiet tal-użu tal-karbonju f'konformità mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li suq li jiffunzjona sew għas-CO₂ ikun mirfud ukoll minn network ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO₂ b'impronta ambjentali minima li jkun aċċessibbli għall-atturi tas-suq b'kundizzjonijiet ġusti, miftuħa u nondiskriminatorji. Jenħtieġ li s-suq jikkonforma mal-istandards ambjentali tal-Unjoni.*

- (50) *L-użu tas-CO₂ maqbud f'ċerti proċessi tal-produzzjoni jista' jaħżen is-CO₂ b'mod permanenti jew jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili. Għalhekk, jenħtieġ li l-entitajiet kollha involuti fil-katina tal-valur tal-attivitajiet tal-injezzjoni tas-CO₂ stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu mħeġġa jikkunsidraw jekk is-CO₂ li għandu jinħażen jistax jinħażen b'mod permanenti fi prodotti ġodda jew jistax jappoġġa l-oġettivi tal-Unjoni li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili.*
- (51) L-Unjoni għenet fil-bini ta' sistema ekonomika globali bbażata fuq kummerċ miftuħ, *trasparenti* u bbażat fuq ir-regoli, għamlet pressjoni favur ir-rispett u l-avvanz tal-istandards ta' sostenibbiltà soċjali u ambjentali *u dawk għat-tranżizzjoni klimatika*, u hija impenjata bis-sħiħ għal dawk il-valuri. *L-Unjoni għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni billi tirriforma l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), tibni sħubijiet ġodda u tiġġieled kontra Prattiki kummerċjali inġusti u kapaċità żejda tal-produzzjoni, biex tiżgura ambjent kompetittiv ġust għall-industrija tal-Unjoni, inkluż permezz ta' Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti, li jipprovdu impjiegi ta' kwalità għall-ħaddiema.*

(52) *Sabiex jiġi żgurat l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti neċessarji biex tiġi ssalvagwardata r-reżiljenza tal-Unjoni u sabiex jintlaħqu l-miri tagħha fir-rigward tan-newtralità klimatika, jeħtieġ li s-suq intern jkun ambjent ta' appoġġ biex isseħħ l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. L-innovazzjoni ser tkun fattur kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni kif ukoll biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' emissjonijiet żero netti mill-aktar fis possibbli. Minħabba l-iżviluppi rapidi fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif ukoll il-gwida regolatorja sinifikanti pprovduta għat-tranżizzjoni ekoloġika, huwa tal-akbar importanza, sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, li l-impatti potenzjali tal-liġi tal-Unjoni u tal-inizjattivi politiċi tagħha fuq l-innovazzjoni jitqiesu matul it-tħejjija, ir-rieżami u r-reviżjoni tagħhom permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-innovazzjoni.*

- (53) *Sabiex jiġu riflessi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra jekk taġġornax il-Perkorsi ta' Tranżizzjoni li qed jiġu żviluppati wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 2021 u li jistgħu jidentifikaw faċilitaturi kif ukoll ostakli għat-tranżizzjoni u l-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni, jew jekk tqisx dan ir-Regolament fi kwalunkwe inizjattiva futura bħal din.*
- (54) Skont l-ewwel pilastru *tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku*, l-Unjoni trid tiżviluppa u żżomm bażi industrijali għall-forniment ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti biex tiżgura l-provvista tal-enerġija taġġha, filwaqt li tilħaq ukoll l-ambizzjonijiet taġġha dwar in-newtralità klimatika. Sabiex jiġi appoġġat dak l-għan u jiġu evitati d-dipendenzi għall-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jdewmu l-isforzi tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew li jpoġġu **f'riskju** s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, *jenħtieġ* li dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex iħeġġu d-domanda għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jkunu sostenibbli u reżiljenti.
- (55) *L-applikazzjoni ta' rekwiżiti obbligatorji minimi tiżgura li l-ingranaġġ tal-infiq pubbliku biex tingħata spinta lid-domanda għal akkwist bi prestazzjoni aħjar għal prodotti b'emissjonijiet żero netti fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali jiżdied b'mod strutturat li jista' jiġi implimentat mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. Jenħtieġ li xi eċċezzjonijiet jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jevitaw konsegwenzi speċifiċi mhux mixtieqa. Dawk l-eċċezzjonijiet huma relatati ma' sitwazzjonijiet ta' monopolju, fallimenti speċifiċi tas-suq jew sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jiffaċċaw kostijiet sproporzjonati jew inkompatibbiltajiet tekniċi. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jibqgħu liberi li jinkludu rekwiżiti minimi addizzjonali fid-dokumenti tal-akkwist taġġhom, dment li dawn jikkonformaw mad-Direttivi 2014/23/UE²⁷, 2014/24/UE²⁸ jew 2014/25/UE²⁹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mal-liġi settorjali applikabbli. Jenħtieġ li jibqgħu wkoll liberi, taħt l-istess kundizzjonijiet, li jużaw, barra minn hekk,*

²⁷ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

²⁸ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

²⁹ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

*kriterji tal-għoti għall-identifikazzjoni tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża
bħall-prezz, il-kost jew kriterji oħra.*

(56) *Għal kuntratti ta' xogħolijiet u konċessjonijiet ta' xogħljiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jagħżlu kundizzjoni, rekwiżit jew obbligu kuntrattwali speċifiku wieħed jew aktar biex tgħin fil-kisba ta' diversi objettivi, bħall-indirizzar ta' kunsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjiegi sabiex jinkiseb eżitu soċjali pożittiv, b'kont meħud b'mod effettiv tat-tħassib dwar iċ-ċibersigurtà, fejn rilevanti, jew il-kisba ta' assigurazzjoni suffiċjenti li l-prodotti rilevanti ser jitwasslu fil-ħin. Dawk l-aspetti huma importanti wkoll biex titrawwem ir-reżiljenza. Jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet relatati ma' sitwazzjonijiet ta' monopolju, fallimenti speċifiċi tas-suq jew sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jiffaċċaw kostijiet sproporzjonati jew inkompatibbiltajiet tekniċi.*

(57) *F'xi każijiet jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi. Jekk il-Kummissjoni tkun iddeterminat li l-proporzjon ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha li joriġinaw f'pajjiżi terzi jammonta għal aktar minn 50 % tal-provvista ta' dik it-teknoloġija speċifika jew ta' dawk il-komponenti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkunu obbligati jinkludu diversi kundizzjonijiet fid-dokumenti tal-akkwist tagħhom sabiex jinkiseb eżitu reżiljenti. B'dak il-mod, il-valur tat-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew tal-komponenti speċifiċi ewlenin tat-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti li joriġinaw mill-pajjiżi terzi ikkonċernat jenħtieġ li ma jaqbiżx limitu ta' 50 % taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tkun iddeterminat li l-proporzjon tal-provvista fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti jew komponenti li joriġinaw f'pajjiżi terzi ikun żdied b'mill-inqas 10 punti perċentwali bħala medja għal sentejn konsekuttivi u jkun laħaq mill-inqas 40 % tal-provvista fl-Unjoni, jenħtieġ li japplika l-istess mekkaniżmu. Dan ser jippermetti lill-Unjoni tqis id-dipendenzi li qed jevolvu b'mod effiċjenti. Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni għall-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew minn ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra li l-Unjoni hija marbuta bihom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ma japplikawx dawk ir-rekwiżiti għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom li joriġinaw minn sorsi ta' provvista li huma firmatarji ta' dawk il-ftehimiet.*

- (58) *Fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawk ir-rekwiżiti ta' reżiljenza, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jirrikjedu wkoll, fid-dokumenti tal-akkwist tagħhom, li l-kuntrattur ewlieni jkun obligat iħallas imposta proporzjonata lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti kkonċernata ta' mill-inqas 10 % tal-valur tat-teknoloġiji speċifiċi b'emissjonijiet zero netti tal-kuntratt, sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu jiġi rrispettat.*
- (59) *Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jiddiskriminawx kontra, jew ma jagħtux trattament differenti mhux iġġustifikat lil, fornitur ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti minn Stat Membru ieħor. Dak l-obbligu jirrifletti l-obbligu diġà eżistenti għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE, li jitrattaw lill-operaturi ekonomiċi b'mod ugwali u mingħajr diskriminazzjoni u li jsegwu r-regoli proċedurali stabbiliti f'dawk id-Direttivi biex jiżguraw li l-prinċipji ta' trattament ugwali u nondiskriminazzjoni jingħataw effett prattiku u li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku jinfetħu għall-kompetizzjoni.*

- (60) Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġija speċifika, inkluż skont ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰ u r-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, u dment li ma jkunx indikat mod ieħor fihom, meta jevalwaw is-sostenibbiltà ambjentali tas-soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero netti akkwistati abbażi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkunu jistgħu jqisu diversi elementi b'impatt fuq il-klima u l-ambjent.
- (61) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi prinċipji gwida għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti biex jispeċifikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ir-rekwiżiti, u l-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni tal-kuntratti relatati mas-sostenibbiltà ambjentali għall-kuntratti pubbliċi. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġiji speċifiċi, inkluż skont ir-Regolament (UE) 2024/...⁺ u r-Regolament (UE) 2023/1542.*

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda id-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L...

⁺ ĠU, Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza u d-data tal-adozzjoni ta' PE-CONS 106/23 (2022/0095(COD)) u imla nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1).

⁺ ĠU: Daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 106/23 (2022/0095 (COD)).

- (62) ***Sabiex, fi ħdan proċedura ta' akkwist pubbliku jew irkant, titqies il-ħtieġa li jiġu appoġġati l-produzzjoni jew il-konsum ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-ħtieġa li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti lil hinn minn sorsi uniċi ta' provvista, u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-provvista titqies bħala mhux diversifikata biżżejjed tal-anqas meta t-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet zero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha joriġinaw minn *pajjiż terz* uniku u *jirrappreżenta* aktar minn 50 % ta' dik il-provvista fi ħdan l-Unjoni.***
- (63) ***Sabiex jippromwovu l-imġiba kummerċjali responsabbli tal-offerenti, iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tad-data tat-teknoloġiji użati, il-proġetti u l-infrastrutturi relatati u biex jippromwovu t-twassil ta' proġetti bis-sħiħ u fil-ħin, l-awtoritajiet pubbliċi li jfasslu l-irkantijiet għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jenħtieġ li jinkludu kriterji ta' prekwifikazzjoni relatati ma' mġiba kummerċjali responsabbli, iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tad-data u l-kapaċità li l-proġett jitwettaq bis-sħiħ u fil-ħin.***

(64) *Biex jappoġġaw l-għan li tiġi żviluppata u tinżamm bażi industrijali għall-provvista ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u biex jiġu evitati dipendenzi għall-provvista ta' dawn it-teknoloġiji li jdewmu l-isforzi tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew ipoġġu s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'riskju, jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi li jfasslu l-irkantijiet għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jżidu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-provvista ta' dawk it-teknoloġiji fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw il-kontribut tal-irkantijiet għas-sostenibbiltà billi jeżaminaw is-sostenibbiltà ambjentali tal-offerti, il-kontribut tagħhom għall-innovazzjoni u l-kontribut tagħhom għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jintroduċu kriterji ta' prekwalfikazzjoni jew ta' għoti fit-tfassil tal-irkant. Filwaqt li l-kriterji ta' prekwalfikazzjoni jenħtieġ li jiġu ssodisfati mill-proġetti kollha tal-offerenti sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-irkant, il-kriterji tal-għoti għandhom l-għan li jevalwaw u jikklassifikaw il-proġetti differenti li jipparteċipaw f'irkant.*

- (65) *Meta jqisu s-sostenibbiltà ambjentali tal-offerti, jew fil-forma ta' kriterji ta' prekwalfikazzjoni jew ta' kriterji tal-għoti, l-awtoritajiet pubbliċi li jfasslu l-irkantijiet għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jistgħu jqisu diversi elementi b'impatt fuq il-klima u l-ambjent. Dawk l-elementi jistgħu jinkludu d-durabbiltà u l-affidabbiltà tas-soluzzjoni; il-faċilità ta' tiswija u manutenzjoni u l-aċċess għal tali servizzi; il-faċilità ta' titjib u ta' rinnovazzjoni; il-faċilità u l-kwalità tar-riċiklaġġ; l-użu ta' sustanzi; il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u ta' riżorsi oħra fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; il-piż u l-volum tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu; l-inkorporazzjoni ta' materjali rinnovabbli, jew ta' komponenti riċiklati jew użati; il-kwantità, il-karatteristiċi u d-disponibbiltà ta' oġġetti tal-konsum neċessarji għall-użu u l-manutenzjoni kif suppost; l-impronta ambjentali tal-prodott u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu; l-impronta tal-karbonju tal-prodott; ir-rilaxx tal-mikroplastik; l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija rilaxxati fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; l-ammonti ta' skart iġġenerat; u l-kundizzjonijiet għall-użu.*
- (66) *Sabiex jiġu appoġġati d-disinn u l-produzzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli aktar innovattivi u avvanzati, il-kontribut tas-sostenibbiltà tal-offerti jista' jqis, jew fil-forma ta' kriterji ta' prekwalfikazzjoni jew kriterji tal-għoti, il-kontribut għall-innovazzjoni billi jipprevedi kriterji ta' prekwalfikazzjoni jew ta' għoti li jippromwovu l-użu ta' soluzzjonijiet kompletament ġodda jew it-titjib ta' soluzzjonijiet komparabbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.*
- (67) *Biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u l-benefiċċji tagħha għad-dekarbonizzazzjoni kosteffettiva, il-kontribut tal-offerti għas-sostenibbiltà jista' jqis il-kontribut għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija permezz ta', pereżempju, il-ħżin tal-enerġija, l-irkupru tas-sħana u tal-kesħa mormija u l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.*

- (68) *Sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-provvista ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli b'emissjonijiet żero netti u biex tiġi evitata dipendenza eċċessiva fuq pajjiżi b'konċentrazzjoni għolja ta' provvista fl-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi, permezz ta' kriterji ta' prekwalfikazzjoni u ta' għoti, iqisu l-kontribut tar-reżiljenza tal-proġetti differenti li jipparteċipaw fl-irkantijiet għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, filwaqt li jqisu l-ħtieġa li tiġi diversifikata l-provvista ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Meta japplikaw il-kriterju tar-reżiljenza, jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jqisu li l-provvista jenħtieġ li tal-anqas titqies mhux diversifikata biżżejjed meta aktar minn 50 % tad-domanda fl-Unjoni għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew għall-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha toriġina minn pajjiż terz wieħed.*
- (69) *Meta tiġi applikata bħala kriterju għall-aġġudikazzjoni, il-ponderazzjoni tal-kriterji dwar il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-offerta fir-rigward tal-irkantijiet għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet li jfasslu dawk l-irkantijiet jistabilixxu livell limitu ogħla għall-kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija meta dan ikun kompatibbli ma' kwalunkwe limitu għall-kriterji mhux marbuta mal-prezz stabbiliti skont ir-regoli dwar l-ġhajnuna mill-Istat. Fi kwalunkwe każ, l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji u l-piż minimu u kkombinat tagħhom fl-irkantijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-irkantijiet jibqgħu kompetittivi u jikkonformaw mal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).*

(70) *Sabiex tiżdzied il-provvista tal-Unjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ġenerali annwali tal-parametru referenzjarju tal-manifattura sal-2030 fl-Unjoni, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġi previst sehem speċifiku tal-volum irkantat li għalih jiġu applikati kriterji mhux tal-prezz. Dan is-sehem jenħtieġ li jiġi vvalutat kull sentejn mill-Kummissjoni sabiex jiġi ddeterminat l-impatt tal-kriterji mhux tal-prezz fuq l-iżvilupp tal-manifattura annwali tal-Unjoni tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż l-impatt finanzjarju tagħhom u l-impatt tagħhom fuq il-veloċità tal-użu, filwaqt li jitqiesu wkoll il-prattiċità u è-ċarezza tas-sistema għall-iżviluppaturi tal-proġetti. Jekk il-valutazzjonijiet juru li l-applikazzjoni tal-kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, b'mod partikolari billi żżid il-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni għat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, u ma xxekkilx b'mod sinifikanti l-ilħuq tal-miri għall-enerġija rinnovabbli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³², inkluż l-użu f'kull Stat Membru, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tiżdzied gradwalment. Jenħtieġ li kull pass ikun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt biex jiġi żgurat li ishja ogħla jkomplu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-sigurtà tal-provvista tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u li dawk il-benefiċċji jegħlbu l-effetti fuq il-kost u l-veloċità tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Jenħtieġ li d-determinazzjoni tas-sehem tal-volum irkantat, jekk ikun xieraq u fattibbli, tipprova tilħaq żieda globali gradwali bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-obiettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament u biex jintlaħaq 50 % sa tmiem l-2029.*

³² Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (71) *Skont l-għanijiet tagħhom għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-istrategġi nazzjonali ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jiġu affettwati b'mod differenti ħafna mill-applikazzjoni tal-kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà. Meta tivvaluta l-impatt ta' daww il-kriterji fuq l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, jenħtieġ għalhekk li l-Kummissjoni teżamina l-impatt finanzjarju ġenerali u l-effetti fuq l-użu fl-Unjoni kif ukoll l-impatt fuq l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji. Sabiex jiġi ddeterminat l-impatt fuq l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u jitqiesu l-esperjenzi prattiċi bl-applikazzjoni ta' kriterji mhux tal-prezz, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha u b'mod strutturat u trasparenti, lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-irkantijiet.*
- (72) *Il-kriterji għall-irkantijiet jistgħu jżidu piż eċċessiv għall-promoturi ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità żgħira. Sabiex jiġi limitat l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-irkantijiet biex jiġu appoġġati proġetti b'kapaċità massima ta' 10 megawatt, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeskludu daww l-irkantijiet mill-kalkolu tal-volum totali tal-kapaċità rkantata fis-sena.*

- (73) *Meta ma jkunx hemm biżżejjed konkorrrenza għall-irkantijiet li għalihom jiġu applikati l-kriterji ta' prekwalfikazzjoni, ta' reżiljenza u ta' sostenibbiltà, jenħtieġ li l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ma jitnaqqasx billi l-Istati Membri jiġu obbligati japplikaw dawk il-kriterji għas-sehem li ma jkunx hemm biżżejjed konkorrrenza għalih tal-volum tal-irkant. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeskludu s-sehem tal-volum tal-irkant li ma jkunx hemm biżżejjed konkorrrenza għalih mir-rekwiżiti għall-irkantijiet. Jitqies li ma jkunx hemm biżżejjed konkorrrenza għal irkant meta l-offerti ppreżentati għal dak l-irkant ikopru volum li jkun inqas mill-volum totali tal-kapaċità rkantata.*
- (74) Għall-fini tal-istabbiliment ta' skemi li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, **għan-negozji** jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-provvista titqies mhux diversifikata biżżejjed meta sors wieħed jipprovdi aktar minn **50 %** tad-domanda totali għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista, fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull sena wara, tad-distribuzzjoni tal-oriġini ta' prodotti finali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jaqgħu taħt din il-kategorija, imqassma skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn sorsi differenti fl-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data.

(75) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE³³ approvat, fost l-oħrajn, l-emenda tal-"GPA". L-għan tal-GPA huwa li jstabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u obbligi bbilanċjati marbuta mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li jinkisbu l-liberalizzazzjoni u l-espansjoni tal-kummerċ dinji. Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni għall-GPA, kif ukoll minn ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, inkluż il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-Artikolu III:8(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għall-akkwist minn aġenziji governattivi ta' prodotti mixtrija bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-ħsieb li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti għall-bejgħ kummerċjali, jenħtiegħ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ma japplikawx ir-rekwiżiti għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom li joriġinaw minn sorsi ta' provvista li huma firmatarji ta' dawk il-ftehimiet.

³³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

- (76) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku skont ***dan ir-Regolament*** jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikoli 43 u 85 tad-Direttiva 2014/25/UE, u f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju **2019 bit-titolu “Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti ta' pajjiżi terzi u oġġetti fis-suq tal-akkwist tal-UE”**. B' mod simili, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jkomplu japplikaw għal xogħlijiet, provvisti u servizzi soġġetti għal dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni li tirriżulta mir-Regolament (UE) 2024/...⁺.
- (77) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv li jirriżulta mill-ħtieġa li jitqiesu ***r-rekwiżiti*** relatati mal-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, b'mod partikolari għal xerrejja pubbliċi iżgħar u għal kuntratti ta' valur aktar baxx li ma għandhomx impatt importanti fuq is-suq, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita għal sentejn għax-xerrejja pubbliċi li ma humiex korpi ċentrali għall-akkwisti u għal kuntratti ta' valur ta' inqas minn EUR 25 miljun.
- (78) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku skont ***dan ir-Regolament***, meta prodott ikun kopert minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jixtru biss il-prodotti li jikkonformaw mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 106/23 (2022/0095(COD)).

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

(79) L-unitajiet domestiċi, *in-negozji* u l-konsumaturi finali huma parti essenzjali mid-domanda tal-Unjoni għal prodotti finali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u skemi ta' appoġġ pubbliku biex jinċentivaw ix-xiri ta' tali prodott mill-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi u konsumaturi vulnerabbli b'introjtu baxx u medju inferjuri, huma għodod importanti biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Skont l-inizjattiva għall-bjut solari mħabbra fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022, jenħtieġ li l-Istati Membri pereżempju jistabbilixxu programmi nazzjonali biex jappoġġaw l-użu massiv tal-enerġija solari fuq il-bjut. Fil-pjan REPowerEU, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri ta' appoġġ li jħeġġu l-bdil għall-pompi tas-sħana. Skemi ta' appoġġ bħal dawn stabbiliti fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri jew lokalment mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tat-teknoloġiji ***tal-Unjoni*** b'emissjonijiet żero netti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi pereżempju jipprovdu kumpens finanzjarju ogħla lill-benefiċjarji għax-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li ser jagħtu kontribut ogħla għar-reżiljenza fl-Unjoni. ***L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jagħmlu l-eliġibbiltà tal-iskemi kundizzjonali fuq il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu l-aċċessibbiltà tal-iskema għaċ-ċittadini li jgħixu fil-faqar enerġetiku.*** Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jiżguraw li l-iskemi tagħhom ikunu miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fid-domanda għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni.

Jenħtieġ ukoll li l-awtoritajiet pubbliċi jillimitaw il-kumpens finanzjarju addizzjonali għal tali prodotti sabiex ma jnaqqasux l-użu tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. Sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' skemi bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-manifatturi tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fuq sit web bla ħlas. L-użu mill-awtoritajiet pubbliċi tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fi skemi mmirati lejn il-konsumaturi jew l-unitajiet domestiċi jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u għar-regoli tad-WTO dwar is-sussidji.

- (80) Meta jfasslu skemi ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, **għan-negozji** jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp wieħed jew aktar irregolati bil-liġi pubblika, jenħtieġ li jiżguraw ir-rispett tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż billi jiżguraw li dawn l-iskemi ma jilhqax daqs li jikkawża preġudizzju serju għall-interess tal-membri tad-WTO.

- (81) **Jenħtieġ li** l-Kummissjoni tkun tista' tassisti wkoll lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi mmirati lejn l-unitajiet domestiċi, **in-negozji** u l-konsumaturi biex jibnu sinerġiji u jiskambjaw l-aħjar prattiki. Jenħtieġ li l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti (il-"Pjattaforma") jkollha wkoll rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet pubbliċi fil-prattiki tagħhom relatati mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u tal-bejgħ bl-irkant. Jenħtieġ li **l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Pjattaforma, tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza. Dak l-att jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jenħtieġ li jkollhom opportunità ġusta li jipparteċipaw fis-suq sostanzjali għall-akkwist pubbliku. Jenħtieġ li jiżgura wkoll li r-rekwiżiti fir-rigward tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza jiġu applikati b'mod li jiżgura kompetizzjoni ġusta u ugwali fost l-atturi tas-suq irrispettivament mill-istruttura tas-sjieda tagħhom.**
- (82) **Sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-irkanti għall-fini tal-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu verament għar-reżiljenza tal-Unjoni, dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu prevedibbli għall-industrija.** Biex l-industrija tkun tista' taġġusta l-produzzjoni tagħha fil-ħin, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jinfurmaw lis-suq minn qabel dwar il-ħtiġijiet stmati tagħhom ta' akkwist għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti.

- (83) *Minbarra l-miżuri orjentati lejn id-domanda pubblika u tal-unitajiet domestiċi, l-Unjoni tista' tikkunsidra azzjoni biex tiffaċilita l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fil-ktajjen tal-valur industrijali tal-Unjoni b'attenzjoni partikolari għall-SMEs, b'mod partikolari billi tiffaċilita l-konnessjoni bejn il-provvista u d-domanda mill-industrija.*
- (84) Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, l-ishma mis-suq tal-industrija tal-Unjoni jinsabu taħt pressjoni qawwija minħabba sussidji f'pajjiżi terzi li jimminaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Dik is-sitwazzjoni *toħloq sfida kompetittiva għall-Unjoni biex iżżomm u tiżviluppa l-industrija tagħha stess u toħloq* ħtieġa għal reazzjoni rapida u ambizzjuża mill-Unjoni fl-immodernizzar tal-qafas legali tagħha.
- (85) *Meta jitqies l-għan tal-Unjoni li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi fuq pajjiżi terzi għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, huwa kruċjali li l-mekkaniżmi ta' appoġġ pubbliku, bħall-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-irkanti, ma jaggravawx tali dipendenza. Għalhekk, fejn meħtieġ u xieraq, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limitazzjonijiet ġustifikati fuq il-proporzjon ta' prodotti f'kuntratti ta' provvista miksuba minn pajjiżi terzi jekk il-Kummissjoni tkun iddeterminat li l-kundizzjonijiet marbuta mar-reżiljenza stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ssodisfati. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru sforzi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv is-sussidji inġusti minn pajjiżi terzi li jimminaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, pereżempju billi jintużaw il-miżuri kollha possibbli previsti fir-Regolamenti (UE) 2022/1031³⁵ u (UE) 2022/2560³⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/1031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni ta' pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali – IPI) (ĠU L 173, 173.30.2022, p. 1).

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1).

(86) L-aċċess għall-finanzjament **pubbliku u privat** huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u biex tiġi stabbilita bażi **solida u kompetittiva** tal-manifattura għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u għall-ktajjen tal-provvista tagħhom madwar l-Unjoni. Il-maġġoranza tal-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ser jiġu minn kapital privat, attirat **kemm** mill-potenzjal tat-tkabbir tal-ekosistema b'emissjonijiet zero netti **kif ukoll minn qafas tal-politika stabbli u ambizzjuż**. Għalhekk, swieq kapitali li jiffunzjonaw tajjeb, profondi u integrati ser ikunu essenzjali biex jinġabru u jiġu diretti l-fondi neċessarji għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-proġetti ta' manifattura **ta' teknoloġija** b'emissjonijiet zero netti. Għalhekk, huwa meħtieġ progress rapidu lejn l-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex l-**Unjoni** tilħaq l-oġettivi tagħha ta' emissjonijiet zero netti. L-aġenda dwar il-finanzi sostenibbli (u l-finanzi mħallta) għandha wkoll rwol kruċjali fl-espansjoni tal-investimenti fit-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti **tul il-ktajjen tal-valur**, filwaqt li tiggarantixxi l-kompetittività tas-settur. **Kif indikat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Regolament, il-ħtiġijiet ta' investiment jammontaw għal madwar EUR 92 biljun tul il-perjodu 2023 sa 2030, b'firxa li tvarja bejn madwar EUR 52 biljun sa madwar EUR 119-il biljun li jiddependu fuq diversi xenarji, li jirriżultaw f'rekwiżiti ta' finanzjament pubbliku ta' EUR 16-il biljun sa 18-il biljun. Meta wieħed iqis li din il-valutazzjoni tqis biss sitt teknoloġiji speċifiċi, il-ħtieġa reali ta' investiment x'aktarx li hija oġhla b'mod sinifikanti.**

(87) *L-investment privat minn kumpaniji u investituri finanzjarji huwa essenzjali.* Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-introduzzjoni effettiva ta' proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti tista' teħtieġ appoġġ pubbliku, *pereżempju fil-forma ta' garanziji, self jew investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità, filwaqt li tiġi evitata d-distorsjoni fis-suq intern. Meta dak l-appoġġ pubbliku jiġi fil-forma ta' għajjnuna mill-Istat, tali għajjnuna jenħtieġ li jkollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, immirata, temporanja, xierqa u proporzjonata, filwaqt li tippreserva l-kompetizzjoni u l-koeżjoni fis-suq intern.* Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat li dan l-aħħar għaddew minn reviżjoni fil-fond f'konformità mal-oġġettivi ta' tranżizzjoni doppja, jipprovdu possibbiltajiet kbar biex jiġu appoġġati l-investimenti għal proġetti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. L-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq permezz ta' appoġġ immirat **u temporanju** għall-għajjnuna mill-Istat. Il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni adottat fid-9 ta' Marzu 2023 għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern li huma mmirati lejn dawk is-setturi fejn ġie identifikat riskju ta' delokalizzazzjoni ta' pajjiżi terzi u li huma proporzjonati f'termini ta' ammonti ta' għajjnuna. Dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri li jappoġġaw investimenti ġodda f'faċilitajiet ta' produzzjoni f'setturi definiti b'emissjonijiet zero netti, inkluż permezz ta' benefiċċji tat-taxxa. L-ammont ta' għajjnuna permess jista' jiġi modulat b'intensitajiet oġhla ta' għajjnuna u limiti massimi tal-ammont tal-għajjnuna jekk l-investment ikun jinsab f'żoni assistiti, biex ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan ta' konverġenza bejn l-Istati Membri u r-regġuni.

Sabiex *tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern*, hemm *ħtieġa għal kundizzjonijiet xierqa biex jiġu vverifikati r-riskji konkreti ta' devjazzjoni tal-investiment barra miż-ŻEE u li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' rilokazzjoni fiż-ŻEE. Biex jimmobilizzaw ir-riżorsi nazzjonali għal dak l-għan, l-Istati Membri *huma mħeġġa jonfqu, f'konformità mal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, 25 % tad-dħul tal-ETS li l-Istati Membri jiġbru kull sena mill-irkantijiet tal-ETS.**

- (88) *Kwalunkwe mobilizzazzjoni addizzjonali ta' għajnuna mill-Istat jenħtieġ li tkun immirata, temporanja u konsistenti mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pilastru. Jenħtieġ li tali finanzjament ma jwassalx għal disparitajiet addizzjonali fost l-Istati Membri, f'konformità mal-politiki ta' kompetizzjoni u ta' koeżjoni tal-Unjoni.*
- (89) *Jenħtieġ li l-appoġġ pubbliku jintuża biex fallimenti tas-suq jew investimenti subottimali speċifiċi identifikati jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, u jenħtieġ li l-azzjonijiet ma jiddublikawx jew jeskludu l-finanzjament privat jew jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq intern. Jenħtieġ li l-azzjonijiet ikollhom valur miżjud ċar għall-Unjoni. L-investiment pubbliku jista' jiffoka b'mod partikolari fuq l-investimenti infrastrutturali meħtieġa, fuq it-trawwim tal-innovazzjoni u fuq it-*tkabbir ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji.**

- (90) Diversi programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, b'hall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷, InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni jew il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹, huma disponibbli wkoll biex jiffinanzjaw investimenti fi proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. **Barra minn hekk, STEP ser tgħin biex il-fondi eżistenti tal-Unjoni jiġu diretti aħjar lejn investimenti kritiċi li għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, inkluż teknoloġiji nodfa.**
- (91) Ir-Regolament (UE) 2023/435⁴⁰ jagħmel disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri sabiex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika u jiġu ssostitwiti l-fjuwils fossili, fost l-oħrajn, permezz tal-proġetti tal-industrija tal-Unjoni **b'emissjonijiet żero netti**. Kif ġie rrimarkat fil-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-kapitoli REPowerEU, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-kapitolu REPowerEU tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, miżuri li jappoġġaw l-investimenti fil-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u fl-innovazzjoni industrijali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹.

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

³⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

³⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE, (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (92) InvestEU huwa l-programm ewlieni tal-**Unjoni** biex jagħti spinta lill-investment, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, billi jipprovdi finanzjament u assistenza teknika, pereżempju permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jinġabar kapital pubbliku u privat addizzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU biex jappoġġaw prodotti finanzjarji disponibbli għall-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.
- (93) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti **kif ukoll proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fir-reġjuni kollha, speċjalment f'reġjuni** anqas żviluppati, f'reġjuni fi tranżizzjoni u **f'territorji tal-Fondi** għal Tranżizzjoni **Ġusta**, permezz ta' pakketti ta' investment ta' infrastruttura, investment produttiv fl-innovazzjoni, fil-kapaċità tal-manifattura fl-SMEs, fis-servizzi u f'miżura ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet, inkluż l-appoġġ għat-tiżni tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-promoturi. L- **Istrument ta' Appoġġ Tekniku** stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³ jista' jgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni jħejju strateġiji ta' tkabbir b'emissjonijiet zero netti, itejbu l-ambjent tan-negozju, inaqqsu l-burokrazija u jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti ta' permessi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jipromwovu s-sostenibbiltà ta' proġetti b'emissjonijiet zero netti billi jinkorporaw dawn l-investimenti fil-ktajjen tal-valur tal-Unjoni, filwaqt li jibnu b'mod partikolari fuq networks ta' kooperazzjoni interreġjonali u transfruntiera. **L-adozzjoni ta' tali miżuri jenħtieġ li tiġi kkunsidrata b'mod partikolari fir-rigward tal-Widien.**

⁴² Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (94) Il-Fond għall-Innovazzjoni jipprevedi wkoll mezz promettenti u kosteffiċjenti ħafna biex tiġi appoġġata ż-żieda fil-manifattura u l-użu tal-idroġenu *nadif* u teknoloġiji oħra b'emissjonijiet *zero netti* fl-Unjoni, u b'hekk tissaħħaħ is-sovranità tal-Unjoni f'teknoloġiji ewlenin għall-azzjoni klimatika u s-sigurtà tal-enerġija.
- (95) Biex jingħelbu l-limitazzjonijiet tal-isforzi frammentati attwali tal-investimenti pubbliċi u privati u biex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-redditu fuq l-investment, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkordinaw u joħolqu aħjar sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, kif ukoll jiżguraw koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat. Il-Pjattaforma għandha rwol ewlieni x'taqdi biex tinbena perspettiva komprensiva tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u rilevanti u biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet ta' finanzjament individwali ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti. *Bil-ħsieb li tiġi inċentivata l-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni, il-Pjattaforma tista' tiddiskuti kif għandhom jiġu indirizzati l-finanzjament, il-qafas regolatorju kif ukoll il-garanziji ta' investment u ta' lokalizzazzjoni.*
- (96) Barra minn hekk, minħabba l-importanza ta' *proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija* u proġetti strateġiċi *b'emissjonijiet zero netti* għall-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, ċerti restrizzjonijiet amministrattivi jenħtieġ li jitneħħew parzjalment jew jiġu ssimplifikati biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' proġetti bħal dawn.

- (97) Id-data u s-servizzi spazjali derivati mill-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴, b'mod partikolari Copernicus, għandhom jintużaw sa fejn ikun possibbli biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-ġeoloġija, il-bijoloġija, l-ekoloġija, l-iżvilupp soċjoekonomiku, u d-disponibbiltà tar-riżorsi għall-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali. Tali data u servizzi, b'mod partikolari l-kapaċità antropoġenika ta' monitoraġġ u verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' Copernicus, huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatt tal-proġetti tal-industrija u l-impatt tal-bjar antropoġeniċi tas-CO₂ fuq il-konċentrazzjonijiet u l-flussi globali tal-gassijiet serra.
- (98) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁴⁵, titlob lil organizzazzjoni Ewropea waħda jew aktar tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards Ewropej b'appoġġ għall-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (99) Il-Widien tal-Idroġenu b'applikazzjonijiet industrijali għall-użu finali għandhom rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija. Ir-REPowerEU jistabbilixxi l-oġettiv li jiġi rduppjat l-għadd ta' Widien tal-Idroġenu fl-Unjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jaċċelleraw l-għoti ta' permessi u jenħtieġ li jikkunsidraw l-istabiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u jagħtu prijorità lill-aċċess għall-finanzjament. Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza **b'emissjonijiet żero netti**, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-interkonnessjoni tal-Widien tal-Idroġenu bejn il-fruntieri tal-Unjoni. L-installazzjonijiet industrijali li jipproduċu l-enerġija tagħhom stess, u li jistgħu jipprovdu kontribut pożittiv għall-produzzjoni tal-elettriku, jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkontribwixxu għall-grilja enerġetika intelliġenti bħala produttori tal-enerġija billi jissimplifikaw ir-rekwiżiti regolatorji.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

⁴⁵ ***Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).***

(100) L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jistgħu jkunu għodda importanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u tat-tagħlim regolatorju. Jeħtieġ li l-innovazzjoni tiġi ffaċilitata permezz ta' spazji ta' esperimentazzjoni peress li l-eżiti xjentifiċi jeħtieġ li jiġu ttestjati f'ambjent ikkontrollat ta' dinja reali. Jenħtieġ li jiġu introdotti ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti biex jiġu ttestjati teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti ***jew teknoloġiji innovattivi oħra bil-potenzjal li jippermettu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika b'impatt newtrali fuq il-klima u nadifa u biex inaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, f'ambjent ta' ħajja reali kkontrollat għal ammont limitat ta' żmien, u b'hekk jissaħħu t-tagħlim regolatorju u l-espansjoni potenzjali u l-użu usa'***. Huwa xieraq li ***jinstab bilanċ bejn iċ-ċertezza legali għall-parteċipanti fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-kisba tal-objettivi tal-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu derogi ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti filliġi nazzjonali filwaqt li jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni u mar-rekwiżiti essenzjali dwar it-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti stabbiliti fil-liġi nazzjonali***. Fl-2023, il-Kummissjoni ***ppubblikat*** dokument ta' Gwida għall-Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorja kif imħabbar fl-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Dawk it-teknoloġiji innovattivi jistgħu eventwalment ikunu essenzjali biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni .

(101) *Il-Pjan Strateġiku tal-Unjoni għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) rivedut fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2023, jappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija nodfa, effiċjenti u kost-kompetittivi permezz tal-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa, li jlaqqgħu flimkien l-industrija Ewropea, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u r-rappreżentanti tal-gvern mill-pajjiżi tal-Pjan SET⁴⁶. Ir-reviżjoni tal-Pjan SET għandha l-għan li tallinja l-oġettivi strateġiċi tal-Pjan SET oriġinali mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mar-REPowerEU u mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari dan ir-Regolament. Għandu l-għan li jippromwovi approċċ unifikat lejn l-ilħuq tal-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa, jappoġġa t-teknoloġiji Ewropej b'emissjonijiet żero netti, u jibni futur tal-enerġija sostenibbli u reżiljenti. Il-Pjan SET kellu effett ta' strutturar fuq azzjonijiet konġunti ta' Riċerka u Innovazzjoni (R&I), u għenhom iwettqu oġettivi komuni tar-riċerka u t-teknoloġija tal-enerġija b'aktar ħeffa u effettività. Il-Pjan SET ikkontribwixxa għall-allinjament tal-isforzi tar-R&I u għall-ingranaġġ tal-finanzjament pubbliku nazzjonali tal-pajjiżi parteċipanti biex jappoġġaw il-prijoritajiet maqbula b'mod konġunt tar-R&I permezz tas-Sħubija għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u s-Sħubija għat-Tmexxija tat-Tranżizzjonijiet Urbani taħt Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷, bħala eżempju ta' kooperazzjoni transsettorjali tal-Unjoni ta' suċċess. Il-Pjan SET għandu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tad-dimensjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni tal-Enerġija tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Madankollu, sa mill-bidu tiegħu fl-2007, il-Pjan SET kien forum mhux uffiċjali. Dan ir-Regolament jipprovdi momentum biex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-innovazzjoni Ewropea u l-manifattura ta' teknoloġiji innovattivi ġodda.*

⁴⁶ *Bħalissa l-Istati Membri kollha tal-UE, flimkien ma' IS, NO u TR.*

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

(102) Huma meħtieġa ħaddiema tas-sengħa addizzjonali sabiex ikunu ***jistgħu jsiru t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-Unjoni***, l-espansjoni ***fil-ktajjen tal-provvista*** tal-industriji ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni ***u ż-żamma ta' impjegi ta' kwalità fl-Unjoni***. Dan jimplika ħtiġijiet importanti ta' investiment fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. ■ . It-tranżizzjoni tal-enerġija ser teħtieġ żieda sinifikanti fl-għadd ta' ħaddiema tas-sengħa f'firxa ta' setturi, inkluż l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija ***u materja prima***, u għandha potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet għas-sottosettur taċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu fil-manifattura biss huma stmati għal 180 000 ħaddiem, persunal tekniku u inġiniera mħarrġa sas-sena 2030, skont il-Pjan SET. Fis-settur tal-enerġija solari fotovoltajka, ser ikunu meħtieġa mhux inqas minn 66 000 impjeg fil-manifattura biss. ***Għalhekk huwa tal-akbar importanza li l-impjegi fit-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jsiru attraenti u aċċessibbli u li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ l-ispariġġ attwali bejn il-ħiliet tal-ħaddiema u l-ħtiġijiet tal-kumpaniji***.

(103) Peress li t-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji ewlenin b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni mhux ser ikun possibbli mingħajr forza tax-xogħol imdaqqsa b'ħiliet għolja, huwa meħtieġ li jiġu introdotti miżuri biex tingħata spinta lill-**integrazzjoni u l-attivazzjoni** ta' aktar persuni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), **persuni bi sfond ta' migrazzjoni, persuni akbar fl-età u persuni b'diżabilità**. Barra minn hekk, dan jenħtieġ li jinkludi **ħaddiema minn pajjiżi terzi peress li l-Unjoni tattira biss sehem żgħir ta' migranti kwalifikati**. **F'**konformità mal-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, huwa importanti appoġġ speċifiku għat-tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor għall-ħaddiema f'setturi li ġew iddikjarati żejda u li qed jonqsu. Dan ifisser investiment fil-ħiliet **għal kulħadd, filwaqt li jkun hemm approċċ immirat lejn gruppi vulnerabbli u reġjuni fi tranżizzjoni**. **L-oġettiv aħħari jenħtieġ li jkun il-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità fl-Unjoni** meħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti **f'konformità mal-miri għall-impjegi u t-taħriġ previsti fil-Pilastru, inkluż pagi ġusti u adegwati, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-iżgurar ta' postijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa kif ukoll id-dritt għal tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità**. **In-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema jista' jkun ukoll ir-riżultat ta' impjegi mhux attraenti u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena**. **It-titjib tal-kwalità tal-impjegi fis-setturi u l-kumpaniji b'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena huwa għalhekk element importanti biex jiġu attirati l-ħaddiema**.

Filwaqt li jibnu fuq inizjattivi eżistenti u waqt li jitqiesu bis-sħiħ dawn l-inizjattivi bħall-Patt tal-UE għall-Ħiliet, l-attivitajiet fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-ħiliet u t-tbassir tagħhom, bħal dawk miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u l-Pjanijiet ta' azzjoni għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet, l-oġettiv huwa li jiġu mmobilizzati l-atturi kollha **biex tiġi żgurata r-rilevanza u jiżdied l-użu tal-programmi tat-taħriġ, inkluż l-awtoritajiet tal-Istati Membri, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali u l-industrija, b'mod partikolari l-SMEs, kif ukoll it-tipi kollha ta' universitajiet, sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet, jiżviluppaw programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u jużawhom fuq skala kbira b'mod rapidu u operazzjonali. Il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom rwol ewlieni x'jaqdu f'dan ir-rigward.**

Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw appoġġ finanzjarju **rilevanti** inkluż permezz tal-ingranaġġ tal-possibiltajiet tal-baġit tal-Unjoni permezz ta' strumenti bħall-FSE+, **InvestEU**, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, **Orizzont Ewropa**, il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Modernizzazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE, REPowerEU, il-Programm tas-Suq Uniku **u l-iSTEP. L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jinkludi finanzjament ta' avvjament li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (l-"Akkademji") u biex tippermetti l-funzjonament tagħhom bil-ħsieb li jsiru finanzjarjament sostenibbli tliet snin wara l-istabbiliment tagħhom, inkluż billi tirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji mis-settur privat.**

(104) **■** Jenħtieġ li l-Akkademji *jitnedew biex jiġu żviluppati programmi* ta' edukazzjoni u taħriġ, *kontenut u materjal, kif ukoll il-kredenzjali li juru li ġie żviluppat programm ta' taħlim minn waħda mill-Akkademji, biex itejbu l-ħiliet ta' persuni ta' kull età tax-xogħol u t-taħriġ mill-ġdid tagħhom*, li huma meħtieġa għal *ktajjen tal-valur ewlenin tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u biex joffru dawk il-programmi, il-kontenut u l-materjal* lil fornituri xierqa tal-edukazzjoni u t-taħriġ **■** u atturi oħra involuti fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid fl-Istati Membri *għall-użu volontarju tagħhom*. Jenħtieġ li *l-Akkademji jkollhom rwol ta' faċilitazzjoni, b'rispett sħiħ tar-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut tat-taħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi u għall-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li l-Akkademji jikkontribwixxu għall-objettiv fit-tul li simultanjament jindustrijalizzaw mill-ġdid u jiddekarbonizzaw l-Unjoni, waqt li jirrispondu għan-nuqqas kritiku ta' ħiliet, kif ukoll jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u jindirizzaw il-ħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti magħmula mill-Unjoni, billi jsaħħu l-kapaċità tagħha ta' innovazzjoni u ta' produzzjoni. Jenħtieġ li l-Akkademji jitnedew abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tan-nuqqas ta' ħiliet, li tiddependi fuq studji eżistenti u oġġettivi, f'industriji tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ewlenin għat-trasformazzjoni industrijali u d-dekarbonizzazzjoni. Kull Akkademja jenħtieġ li tiżviluppa pjan ta' azzjoni li jstabbilixxi l-istadji importanti u l-miri, inkluż f'termini tal-għadd ta' studenti li għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tan-nuqqas ta' ħiliet.*

(105) *Jenħtieġ li l-Akkademji jinkoraġġixxu t-tagħlim ta' ħiliet trażversali li jiffaċilitaw il-mobbiltà okkupazzjonali, flimkien ma' ħiliet oħra meħtieġ. Jenħtieġ li l-Akkademji jagħmlu l-kontenut tat-tagħlim tagħhom disponibbli f'lingwi differenti sabiex il-programmi ta' tagħlim ikunu jistgħu jiġu aċċessati minn kemm jista' jkun studenti. Jenħtieġ li jipprovdu taħriġ fil-livelli kollha tal-ħiliet sal-punt meħtieġ, u b'hekk jimmiraw il-livelli kollha tal-edukazzjoni u l-kwalifiki tul il-katina tal-valur tas-setturi kkonċernati. Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw il-kontenut u l-materjal tal-edukazzjoni u t-taħriġ żviluppanti mill-Akkademji b'informazzjoni rilevanti addizzjonali mħejjija fil-livell tal-Istati Membri u li tirrifletti, pereżempju, il-liġi nazzjonali dwar id-drittijiet tax-xogħol u soċjali, il-ftehimiet kollettivi applikabbli jew ir-rekwiżiti territorjali jew speċifiċi għas-settur, bl-involviment tas-sħab soċjali u ekonomiċi fejn rilevanti. Il-kontenut tat-tagħlim jenħtieġ li jkollu wkoll fil-mira l-impjegati fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali, b'mod partikolari dawk responsabbli għall-ħruġ ta' permessi, il-valutazzjoni tal-impatt u r-regolamenti ta' teknoloġiji ġodda, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali u għat-tnaqqis tad-disparitajiet fost l-Istati Membri.*

(106) *Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-portabbiltà tal-ħiliet u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-Akkademji ser jiżviluppaw u jippromwovu l-użu tal-kredenzjali mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż, jekk xieraq, il-mikrokredenzjali li jkopru l-kisbiet tat-tagħlim. Il-kredenzjali żviluppati mill-Akkademji jistgħu jinħarġu minn fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jew il-korpi aġġudikanti fl-Istati Membri, fejn programm ta' edukazzjoni u taħriġ żviluppat mill-Akkademji jkun tlesta b'suċċess. Jenħtieġ li l-kredenzjali jinħarġu fil-format tal-kredenzjali diġitali Ewropej għat-tagħlim u jistgħu jiġu integrati fil-Europass u, fejn rilevanti u fattibbli, inklużi fl-Oqfsa Nazżjonali tal-Kwalifiki. In-network tas-servizzi Ewropej tax-xogħol (EURES), li jipprovdu informazzjoni, pariri u reklutaġġ jew kollokament għall-benefiċċju tal-ħaddiema u tal-impjegaturi madwar l-Unjoni, jista' jkollhom rwol sinifikanti fil-pubblikazzjoni ta' pożizzjonijiet vakanti relatati ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u, fejn xieraq, fl-użu ta' profili ta' okkupazzjoni Ewropej.*

(107) *Jenħtieġ li l-Pjattaforma tipprovdi assistenza biex tiggwida l-ħidma tal-Akkademji, filwaqt li tiżgura li l-kontenut tagħhom jindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet identifikati fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni u tipprovdi superviżjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li r-rappreżentant nazzjonali maħtur ikun jista' jaġixxi bħala pont bejn il-ministeri nazzjonali rilevanti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll is-sħab soċjali nazzjonali u r-rappreżentanti tal-industrija. Jenħtieġ li l-Pjattaforma timmonitorja l-progress li sar mill-Akkademji differenti, tanalizza l-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' ħiliet u tidentifika sa liema punt l-użu tal-programmi ta' taħriġ tal-Akkademji jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet fl-industrija tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u jikkomplementa l-opportunitajiet ta' taħriġ eżistenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Pjattaforma tirrapporta dwar l-użu tal-programmi ta' taġlim, inkluż permezz ta' rapport ta' progress li għandu jiġi ppreżentat tliet snin wara l-istabbiliment ta' kull Akkademja u li jispeċifika l-għadd ta' studenti li jibbenefikaw mill-programmi tal-Akkademji diżaggregati skont is-setturi industrijali, il-ġeneru, l-età, u l-livelli ta' edukazzjoni u kwalifika.*

- (108) Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi filliġi tal-Unjoni li jintroduċu rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-aċċess għal professjoni regolata jew l-eżerċitar tagħha, id-deċiżjoni dwar jekk u kif għandha tiġi rregolata professjoni hija l-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, jenħtieġ li r-regoli nazzjonali li jorganizzaw l-aċċess għall-professjonijiet regolati ma jikkostitwixxux ostaklu mhux ġustifikat jew sproporzjonat għall-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet fundamentali. Il-kompetenza għar-regolamentazzjoni tal-aċċess għal professjoni trid tiġi eżerċitata fil-limiti tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸ . Fil-valutazzjoni tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu kwalunkwe effett detrimentali li r-regolament jew il-professjonijiet jista' jkollhom fuq id-disponibbiltà ta' ħiliet fl-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u jfittxu li jillimitaw ir-regolament f'dawn l-oqsma sa fejn ikun possibbli.
- (109) Meta ***l-Istati Membri jiddeterminaw li*** l-programmi ta' taħriġ żviluppatti mill-Akkademji ***huma ekwivalenti għall-kwalifiki speċifiċi meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti biex*** ikun hemm aċċess ***għal attivitajiet regolati fl-ambitu ta'*** professjoni ***b'interess partikolari fl-industrija b'emissjonijiet żeri netti f'dak l-Istat Membru***, jenħtieġ li l-Istati Membri, ***fil-kuntest tal-aċċess għal professjoni regolata u sabiex*** tiġi ffaċilitata l-mobilità fi professjonijiet fl-industrija b'emissjonijiet żero netti, ***jitrattaw*** dawk il-kredenzjali bħala ***prova suffiċjenti ta' kwalifiki formali, f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***⁴⁹.

⁴⁸ Id-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 25).

⁴⁹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

- (110) *Il-kontribut ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għall-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni jista' jimmaterjalizza biss meta dawk it-teknoloġiji jibdew jintużaw. Dak l-użu, sa ċertu punt, x'aktarx li jseħħ f'unitajiet domestiċi privati, iżda l-biċċa l-kbira tad-dekarbonizzazzjoni x'aktarx li tiġi mid-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali. Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti għal tali dekarbonizzazzjoni jitwettqu fl-Unjoni, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u prosperità fl-Unjoni kif ukoll biex jiġu ssodisfati l-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, huwa kruċjali li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għal titjib fil-klima tal-investiment għall-industrija fl-Unjoni.*
- (111) Fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita Pjattaforma, magħmula mill-Istati Membri u ppreseduta mill-Kummissjoni. Il-Pjattaforma tista' tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar mistoqsijiet speċifiċi u tipprovdi korp ta' referenza, li fih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Pjattaforma twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari b'rabta mal-ħruġ ta' permessi, inkluż *punti ta' kuntatt uniku*, proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, il-koordinazzjoni tal-finanzjament, l-aċċess għas-swieq, *il-ħiliet, ambjenti ta' esperimentazzjoni regulatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti* kif ukoll *l-assistenza lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-proporzjonalità tal-proposta ta' miżuri jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li x'aktarx ma jintlaħqux l-oġettivi ġenerali tar-Regolament*. Fejn ikun neċessarju, il-Pjattaforma tista' tistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji u tistieden lil partijiet terzi, bħal esperti jew rappreżentanti minn industriji b'emissjonijiet żero netti.

- (112) *Fejn xieraq u siewi, jenħtieġ li l-Pjattaforma tfittex kollaborazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi, pjattaformi u gruppi rilevanti oħra tal-Kummissjoni, sabiex tfittex sinerġiji, taqsam għarfien espert, tiskambja informazzjoni u trawwem l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni u r-ripetizzjoni. Il-Pjattaforma ser tinvolvi ruħha mal-alleanzi industrijali eżistenti tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ħidma tal-alleanzi billi tinvolvi lill-Istati Membri. Alleanzi ewlenin għall-kollaborazzjoni mal-Pjattaforma huma l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza Ewropea tal-Industrija Fotovoltajka Solari, l-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif, l-Alleanza għal Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero, l-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi u l-Alleanza Industrijali tal-Katina tal-Valur tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx ta' Karbonju. Setturi li bħalissa mhumiex rappreżentati f'alleanzi industrijali jgawdu bl-istess mod mill-qafas strutturat li tipprovdi l-Pjattaforma. Fir-rigward ta' sħubijiet strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, hija prevista kollaborazzjoni mill-qrib mal-Bord għall-Materja Prima Kritika fejn rilevanti.*
- (113) *It-tnaqqis tal-piż regolatorju u amministrattiv u l-eżistenza ta' qafas regolatorju xieraq huma partikolarment importanti biex l-industriji jaġġustaw b'mod effettiv għat-tranżizzjonijiet fl-oqsma tal-klima u l-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni jkollha l-għan li sal-2030 tikseb tnaqqis sinifikanti fil-piż regolatorju ġenerali fuq l-industrija, b'mod partikolari għat-tqegħid ta' prodott ġdid fis-suq intern. Jenħtieġ li dawk l-isforzi, b'mod partikolari, isiru fil-qafas tar-Regolamentazzjoni Aħjar u mingħajr preġudizzju għall-istandards tal-Unjoni fir-rigward tal-ambjent u x-xogħol. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Pjattaforma dwar l-iżviluppi rigward il-piż regolatorju u amministrattiv għall-industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni abbażi tar-Rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2023 intitolat 'Progress dwar il-Kompetittività fir-rigward tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa' u l-Istħarriġ tal-Piż Annwali 2022 tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex il-piż regolatorju għall-industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jinżamm f'livell minimu, dan ir-Regolament jistabbilixxi Grupp Konsultattiv Xjentifiku dwar il-Piż Regolatorju fir-rigward tal-Emissjonijiet Żero Netti (il-"Grupp Konsultattiv Xjentifiku"). Jenħtieġ li l-Grupp Konsultattiv Xjentifiku jiżviluppa pariri bbażati fuq ix-xjenza fir-rigward tal-impatt tal-piż regolatorju fl-Unjoni fuq l-industriji b'emissjonijiet żero netti, billi juża metodoloġija bbażata fuq ix-xjenza, u fejn xieraq billi jieħu kont tal-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar, għall-valutazzjoni tal-impatt tal-piżijiet*

regolatorji. Il-ħidma tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku hija mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

- (114) *Ir-Regolament (UE) 2018/1999 jipprevedi li l-Istati Membri jissottomettu abbozzi aġġornati tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima għall-2021 sal-2030* . Kif enfasizzat fil-Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri għal dawk l-aġġornamenti, il-pjanijiet nazzjonali aġġornati għall-enerġija u l-klima jenħtieġ li jiddeskrivu l-objettivi u l-politiki tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-espansjoni tal-proġetti ta' manifattura ta' teknoloġiji, tagħmir u komponenti ewlenin effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju disponibbli kummerċjalment fit-territorju tagħhom. Dawk il-pjanijiet jenħtieġ li jiddeskrivu wkoll l-objettivi u l-politiki tal-Istati Membri biex tinkiseb dik l-espansjoni permezz ta' sforzi ta' diversifikazzjoni f'pajjiżi terzi, u biex l-industriji tagħhom ikunu jistgħu jaqbd, *jitransportaw* u jaħżnu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'mod permanenti f'siti tal-ħżin ġeoloġiku. ***Jenħtieġ li dawk il-pjanijiet jiffurmaw il-bażi li fuqha tiġi ddeterminata l-ħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Meta jqisu dan ir-Regolament fit-tħejja tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw kemm il-kompetittività ġenerali kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-industriji b'emissjonijiet żero netti fit-tul.***

(115) Bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tikkonkludi Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti li jkopru teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, **filwaqt li żżid l-isforzi tagħha biex tingħaqad mas-sħab impenjati għall-Ftehim ta' Pariġi. Il-kooperazzjoni permezz ta' tali Sħubijiet x'aktarx li tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti globalment u li tappoġġa sħubijiet ta' tisħiħ reċiproku bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, inkluż investimenti sostenibbli u assistenza teknika. Jenħtieġ li s-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti jkunu ta' benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u s-sħab tagħha, u jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi klimatiċi globali. Dawk is-Sħubijiet jistgħu jikkontribwixxu wkoll għad-diversifikazzjoni u r-reżiljenza tal-provvista tal-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti tagħhom, isaħħu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha dwar l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u jappoġġaw l-industriji tal-Unjoni b'emissjonijiet żero netti biex jaċċessaw is-suq globali tal-enerġija nadifa, filwaqt li jappoġġaw l-industriji emerġenti fil-qasam tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa f'pajjiżi terzi b'vantaġġi komparattivi ċari.** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jikkoordinaw is-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti fi ħdan il-Pjattaforma, jiddiskutu s-sħubijiet u l-proċessi rilevanti eżistenti, bħas-sħubijiet ekoloġiċi, id-djalogi dwar l-enerġija u forom oħra ta' arranġamenti kuntrattwali bilaterali eżistenti, kif ukoll sinerġiji potenzjali ma' ftehimiet bilaterali rilevanti tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi.

- (116) Jenħtieġ li l-Unjoni jkollha l-għan li tiddiversifika ***u tistimula*** l-kummerċ u l-investment internazzjonali f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ***u tibni sħubijiet ta' tisħiħ reċiproku, filwaqt li tippromwovi*** standards soċjali, ***tax-xogħol*** u ambjentali globalment għoljin. ***Dak*** jenħtieġ li jsir b'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi tal-istess fehma ***permezz ta' ftehimiet eżistenti jew impenji strateġiċi ġodda***. Bl-istess mod, jenħtieġ li tiġi segwita ***kooperazzjoni internazzjonali dwar*** sforzi aktar b'saħħithom ta' riċerka u innovazzjoni biex jiġu żviluppati u implimentati teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti b'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi sħab b'mod miftuħ ***u bbilanċjat, u abbażi tar-reċiproċità u interessi komuni***.
- (117) ***Sabiex jiġu identifikati u mmitigati r-riskji potenzjali tal-provvista relatati ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu mmonitorjati, fuq bażi kontinwa, l-indikaturi relatati max-xejriet tas-suq, il-kapaċitajiet tal-manifattura, l-innovazzjoni, l-impjiegi u l-ħiliet, iż-żminijiet għall-ħruġ ta' permessi ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-kapaċitajiet ta' injezzjoni tas-CO₂. Madankollu, bħalissa ma hemmx biżżejjed data ta' kwalità għolja disponibbli għall-monitoraġġ ta' dawg l-indikaturi. Peress li l-kompiti previsti f'dan ir-Regolament jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' data ta' kwalità, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tipprijoritizza, fil-monitoraġġ tagħha, fost it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti abbażi tal-importanza tagħhom fl-Unjoni filwaqt li taħdem fuq it-titjib tad-disponibbiltà ta' tali data. Il-Kummissjoni ser taħdem ukoll mill-qrib mal-Eurostat, l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni, biex tiżviluppa kodiċijiet komuni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meħtieġa għal rapportar u statistika ta' kwalità għolja u fit-tul.***

- (118) Meta s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 *TFUE* tiġi ddelegata lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁵⁰. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (119) Sa fejn kwalunkwe waħda mill-miżuri previsti minn dan ir-Regolament tikkostitwixxi għajna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw tali miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 *TFUE*.
- (120) Minħabba li l-oġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁵⁰ *ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj*

Kapitolu I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett

1. ***L-objettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas sabiex jiġi żgurat l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi tiżdied il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom biex tiġi ssalvagwardata r-reżiljenza tagħhom filwaqt li jikkontribwixxi għall-ilhug tal-miri klimatiċi tal-Unjoni u l-objettiv tan-newtralità klimatika, kif definit fir-Regolament (UE) 2021/1119, bil-ħsieb tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Unjoni, u billi jikkontribwixxi għal impjiegi ta' kwalità f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u b'hekk itejjeb ukoll il-kompetittività tal-Unjoni.***
2. ***Biex jinkiseb l-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri bil-għan li:***
 - (a) ***inaqqsu r-riskju ta' interruzzjonijiet fil-provvista marbutin ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li x'aktarx ifixklu l-kompetizzjoni u jifframentaw is-suq intern, b'mod partikolari billi jidentifikaw u jappoġġaw iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom;***
 - (b) ***jistabbilixxu suq tal-Unjoni għas-servizzi tal-ħżin tas-CO₂;***

- (c) *iħeġġu d-domanda għal teknoloġiji sostenibbli u reżiljenti b'emissjonijiet żero netti permezz ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku, l-irkantar u forom oħra ta' intervent pubbliku;*
- (d) *itejbu l-ħiliet permezz tal-appoġġ tal-Akkademji, biex b'hekk iħarsu u joħlqu impjiegi ta' kwalità;*
- (e) *jappoġġaw l-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija, kif ukoll permezz tal-użu tal-akkwist prekommerċjali u l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi;*
- (f) *itejbu l-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u ttaffi r-riskji tal-provvista marbuta ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.*



Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. *Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 33 u 34 ta' dan ir-Regolament, li japplikaw għal **teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti u teknoloġiji innovattivi oħra, dan ir-Regolament japplika għal** teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. **Materja prima kritika** li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/...⁺ **għaliha** eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-referenza tal-PE-CONS 78/23 (2023/0079 (COD)).

2. ***Fil-każ ta' faċilitajiet ta' produzzjoni integrati li jkopru l-produzzjoni ta' materjal li jaqa' kemm fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament(UE) 2024/...⁺ u ta' dan ir-Regolament, għandu jkun il-prodott finali tal-faċilitajiet li jiddetermina liema Regolament japplika.***
3. ***Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5, 25, 26 u 28, dan ir-Regolament japplika għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija li jagħmlu parti mill-katina tal-provvista ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jnaqqsu r-rati tal-emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO₂ ta' proċessi industrijali b'mod sinifikanti u permanenti sa fejn huwa teknikament fattibbli.***

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) ***"teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti"*** tfisser it-teknoloġiji ***elenkati fl-Artikolu 4 fejn ikunu*** prodotti finali, komponenti speċifiċi ***jew*** makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni ta' daww il-prodotti;
- (2) ***"komponent"*** tfisser **■** parti ta' ***prodott finali*** ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li tiġi manifatturata u nneozjata minn kumpanija, ***inkluż*** materjal ipproċessat;
- (3) ***"teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli"*** tfisser ***teknoloġiji li jipproduċu l-enerġija minn sorsi rinnovabbli;***

⁺ ĠU: Daħħal in-numru ta' referenza ta' PE-CONS 78/23 COD 2023/0079.

- (4) *"enerġija minn sorsi rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli jew enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2018/2001;*
- (5) *"ħżin tal-enerġija" tfisser il-ħżin tal-elettriku u tal-enerġija termali kif ukoll forom oħra ta' ħżin li jintużaw għall-ħżin tal-enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili;*
- (6) *"fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" tfisser karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif definit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (36,) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;*
- (7) *"fjuwils alternattivi sostenibbli" tfisser fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew idroġenu għall-avjazzjoni kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (7), (13) jew (17), tar-Regolament (UE) 2023/2405 destinati għas-settur tal-avjazzjoni jew fjuwils destinati għas-settur marittimu kif identifikat f'konformità mal-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2023/1805;*
- (8) *"teknoloġiji industrijali trasformattivi għad-dekarbonizzazzjoni" tfisser iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura għat-teknoloġiji industrijali trasformattivi li jintużaw biex inaqqsu b'mod konsiderevoli u permanenti r-rati tal-emissjonijiet ta' ekwivalenti ta' CO₂ ta' faċilità kummerċjali ta' negozju konċentrat fl-enerġija, kif definit fl-Artikolu 17(1), il-punt (a), tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, fis-setturi tal-azzar, l-aluminju, il-metalli mhux ferrużi, is-sustanzi kimiċi, is-siment, il-ġir, il-ħġieġ, iċ-ċeramika, il-fertilizzanti kif ukoll is-settur tal-polpa u tal-karta sa fejn ikun teknikament fattibbli;*

- (9) *"soluzzjonijiet bijoteknoloġiċi fil-qasam tal-klima u l-enerġija" tfisser teknoloġiji ankrati fl-użu ta' mikroorganiżmi jew molekoli bijoloġiċi bħal enzimi, reżini jew bijopolimeri, li kapaċi jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ billi jissostitwixxu inputs ibbażati fuq il-fossili jew is-sustanzi kimiċi li huma intensivi fl-enerġija fi proċessi tal-manifattura industrijali rilevanti, fost l-oħrajn, għall-qbid tal-karbonju, il-produzzjoni tal-bijofjuwils u l-produzzjoni tal-materjal b'bażi bijoloġika, skont il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari;*
- (10) *"użati primarjament" tfisser prodotti finali u komponenti speċifiċi li huma essenzjali għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, kif jinsabu fl-Anness jew prodotti finali, komponenti speċifiċi u makkinarju speċifiku li huma essenzjali għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti abbażi tal-evidenza pprovduta lil awtorità kompetenti nazzjonali mill-promotur tal-proġett, bl-eċċezzjoni ta' proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija, li għalihom mhix meħtieġa evidenza;*
- (11) *"materjal ipproċessat" tfisser materjal li jkun ġie pproċessat b'tali mod li jkun adattat għal funzjoni speċifika f'katina tal-provvista ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, bl-eċċezzjoni tal-materja prima kritika definita skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/...⁺;*
- (12) *"teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti" tfisser teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jinkludu innovazzjoni ġenwina li bħalissa mhijiex disponibbli fis-suq u li huma avvanzati biżżejjed biex jiġu ttestjati f'ambjent ikkontrollat;*

⁺ ĠU: Daħħal in-numru ta' referenza tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 78/23 (2023/0079 (COD)).

- (13) *"teknoloġiji innovattivi oħra" tfisser teknoloġiji relatati mal-enerġija jew mal-klima b'potenzjal ippruvat li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi industrijali jew tal-enerġija u li jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, li jinkludu innovazzjonijiet ġenwini li bħalissa mhumiex disponibbli fis-suq tal-Unjoni u li huma avvanzati biżżejjed biex jiġu ttestjati f'ambjent ikkontrollat;*
- (14) *"akkwist prekummerċjali" tfisser l-akkwist ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti f'fażi prekummerċjali, li jinvolvi l-kondiviżjoni tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq u l-iżvilupp kompetittiv f'fażijiet;*
- (15) *"akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi" tfisser proċedura ta' akkwist li għaliha l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jaġixxu bħala klijenti ta' tnedija għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, li tista' tinkludi l-ittestjar tal-konformità;*
- (16) *"proġett ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti" tfisser faċilità kummerċjali ppjanata jew estensjoni jew adattament mill-ġdid ta' faċilità eżistenti biex timmanifattura teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew proġett għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija;*

- (17) *"proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija" tfisser il-bini jew il-konverżjoni tal-faċilità kummerċjali ta' negozju intensiv fl-enerġija kif definit fl-Artikolu 17(1), il-punt (a), tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE fis-setturi tal-azzar, l-aluminju, il-metalli mhux ferrużi, is-sustanzi kimiċi, is-siment, il-ġir, il-ħġieġ, iċ-ċeramika, il-fertilizzanti, kif ukoll is-settur tal-polpa u tal-karta li huma parti mill-katina tal-provvista ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li għandhom inaqqsu r-rati tal-emissjonijiet tal-ekwivalenti ta' CO₂ tal-proċessi industrijali b'mod sinifikanti u permanenti sa fejn ikun teknikament fattibbli;*
- (18) *"proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti" tfisser proġett ta' manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, proġett ta' qbid tas-CO₂ proġett ta' ħżin tas-CO₂ jew proġett ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO₂ li jinsab fl-Unjoni li Stat Membru jkun irrikonoxxa bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikoli 13 u 14;*

- (19) "proċess għall-ħruġ tal-permessi" tfisser proċess li jkopri l-permessi kollha rilevanti **għall-bini, l-espansjoni, il-konverżjoni** u t-tħaddim ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti **u proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti**, inkluż il-permessi għall-bini, għas-sustanzi kimiċi u għall-konnessjoni mal-grilja, il-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn meħtieġa, u li jinkludi l-applikazzjonijiet u l-proċeduri kollha **mir-rikonoxximent li l-applikazzjoni hija kompluta** san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura **mill-punt uniku ta' kuntatt kkonċernat, kif ukoll fir-rigward tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂, il-proċess għall-ħruġ tal-permessi għall-ħżin li jikkonċerna l-ipproċessar tal-permessi kollha neċessarji għall-installazzjonijiet tal-wiċċ mitluba biex jitħaddem sit tal-ħżin, inkluż il-permessi għall-bini u l-awtorizzazzjonijiet għall-pajpijiet, u l-awtorizzazzjoni ambjentali għall-injezzjoni u l-ħżin tas-CO₂ ikkompletati skont id-Direttiva 2009/31/KE**;
- (20) "deċiżjoni komprensiva" tfisser id-deċiżjoni jew is-sett ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jiddeterminaw jekk promotur ta' proġett huwiex awtorizzat li jimplementa proġett ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' appell jew le;

- (21) "promotur ta' proġett" tfisser kwalunkwe impriża jew konsorzju ta' impriżi li jiżviluppaw proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti;
- (22) "ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti" tfisser skema li tippermetti lill-impriżi jittestjaw teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti **u teknoloġiji innovattivi oħrajn** f'ambjent reali kkontrollat, skont pjan speċifiku, żviluppat u mmonitorjat minn awtorità kompetenti;
- (23) "proċedura ta' akkwist pubbliku" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:
- (a) kwalunkwe tip ta' proċedura ta' aġġudikazzjoni koperta mid-Direttiva 2014/24/UE għall-konklużjoni ta' kuntratt pubbliku jew mid-Direttiva 2014/25/UE għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' provvista, xogħlijiet u servizz;
 - (b) proċedura għall-għoti ta' xogħlijiet jew ta' konċessjoni ta' servizz koperta mid-Direttiva 2014/23/UE;
- (24) "awtorità kontraenti" tfisser, fil-kuntest ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku, awtorità kontraenti kif definita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/25/UE;

- (25) "entità kontraenti" tfisser, fil-kuntest ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku, entità kontraenti kif definita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/23/UE u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE;
- (26) "kuntratt" tfisser, fil-kuntest ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku, kuntratt pubbliku kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (5), tad-Direttiva 2014/24/UE, kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzikif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2014/25/UE, u konċessjonijiet kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (1), tad-Direttiva 2014/23/UE;
- (27) "irkant" tfisser mekkaniżmu għal proċeduri kompetittivi ta' offeriti *biex jappoġġa l-produzzjoni jew il-konsum ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, li ma jaqax taħt id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ jew id-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE;*
- (28) "kapaċità tal-injezzjoni tas- CO_2 " tfisser l-ammont annwali ta' CO_2 li jista' jiġi injettat f'sit tal-ħżin ġeoloġiku operazzjonali, permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet jew jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju, b'mod partikolari minn installazzjonijiet industrijali fuq skala kbira u li jitkejjel f'tunnellati fis-sena;

⁵¹ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

- (29) *"infrastruttura tat-trasport tas-CO₂" tfisser in-network ta' pipelines, inkluż stazzjonijiet booster assoċjati, għat-trasport tas-CO₂ lejn is-sit tal-ħżin, kif ukoll kwalunkwe vapur, mod ta' trasport bit-triq jew bil-ferrovija, inkluż tagħmir għal-likwefazzjoni u faċilitajiet tal-ħżin temporanju jekk meħtieġ, għat-trasport tas-CO₂ lejn il-faċilitajiet tal-port u s-sit tal-ħżin;*
- (30) *"integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija" tfisser soluzzjonijiet għall-ippjanar u t-tħaddim tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, li tinkludi diversi vetturi tal-enerġija, infrastrutturi u setturi tal-konsum, billi jinħolqu rabtiet aktar b'saħħithom bejniethom bl-objettiv li jingħataw servizzi tal-enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili, **flessibbli**, affidabbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u bl-inqas spiża possibbli għas-soċjetà, **l-ekonomija u l-ambjent**;*
- (31) *"Sħubijiet Industrijali b'emissjonijiet żero netti" tfisser impenn bejn l-Unjoni u pajjiż terz biex tiżdied il-kooperazzjoni relatata mat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li hi stabbilita permezz ta' strument mhux vinkolanti li jistabbilixxi azzjonijiet konkreti ta' interess reċiproku;*
- (32) *"l-ewwel tat-tip tagħha" tfisser faċilità ġdida jew sostanzjalment aġġornata b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li tipprovdi innovazzjoni fir-rigward tal-proċess tal-manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li għadha mhijiex sostanzjalment preżenti jew impenjata li tinbena fl-Unjoni;*

- (33) "kapaċità tal-manifattura" tfisser l-ammont totali tal-kapaċità tal-output tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti prodotti fi proġett ta' manifattura jew, meta proġett ta' manifattura jipproduċi komponenti speċifiċi jew makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni ta' tali prodotti aktar milli l-prodotti finali nfushom, il-kapaċità tal-output tal-prodotti finali li għalihom jiġu prodotti tali komponenti jew makkinarju speċifiku.

Artikolu 4

Lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

- 1. It-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu:***
 - (a) teknoloġiji solari, inkluż: teknoloġiji PV, termoelettriċi solari u termali solari;***
 - (b) teknoloġiji tar-riħ fuq l-art u teknoloġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta;***
 - (c) teknoloġiji tal-batterija u tal-ħżin tal-enerġija;***
 - (d) teknoloġiji tal-pompi tas-sħana u tal-enerġija ġeotermali;***
 - (e) teknoloġiji tal-idroġenu inkluż elettrolizzaturi u ċelloli tal-fjuwil;***
 - (f) teknoloġiji tal-bijogass u l-bijometan sostenibbli;***

- (g) teknoloġiji tas-CCS;*
- (h) teknoloġiji tal-grilja tal-elettriku, inkluż teknoloġiji tal-iċċarġjar elettriku għat-trasport u teknoloġiji għad-diġitalizzazzjoni tal-grilja;*
- (i) teknoloġiji tal-enerġija mill-fissjoni nukleari, inkluż teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari;*
- (j) teknoloġiji tal-fjuwils alternattivi sostenibbli;*
- (k) teknoloġiji idroelettriċi;*
- (l) teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, mhux koperti taħt il-kategoriji preċedenti;*
- (m) teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema tal-enerġija, inkluż teknoloġiji tal-grilja tas-sħana;*
- (n) fjuwils rinnovabbli ta' teknoloġiji ta' oriġini mhux bijoloġika;*
- (o) soluzzjonijiet bijoteknoloġiċi fil-qasam tal-klima u l-enerġija;*
- (p) teknoloġiji industrijali trasformattivi għad-dekarbonizzazzjoni mhux koperti taħt il-kategoriji preċedenti;*
- (q) teknoloġiji għat-trasport u l-użu tas-CO₂;*

- (r) *teknoloġiji ta' propulsjoni mir-riħ u ta' propulsjoni elettrika għat-trasport;*
 - (s) *teknoloġiji nukleari mhux koperti taħt il-kategoriji preċedenti.*
2. *Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-għażla tiegħu bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu.*
 3. *Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-kriterji għall-eliġibbiltà jew għall-aġġudikazzjoni, kif adottati f'konformità mal-proċeduri xierqa, jew dwar l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-BEI.*

Kapitolu II.

Kundizzjonijiet abilitanti għall-manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti

Taqsimha I.

Parametri referenzjarji

Artikolu 5

Parametri referenzjarji

1. *Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti f'konformità ma' dan il-Kapitolu sabiex jiżguraw it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi fl-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom billi jilhqnu kapaxità tal-manifattura għal dawk it-teknoloġiji ta':*
 - (a) *parametru referenzjarju ta' mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet tal-użu annwali tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-2030 fil-qasam tal-klima u l-enerġija;*

(b) sehem akbar tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti bil-ħsieb li tintlaħaq 15 % tal-produzzjoni dinjija sal-2040 abbażi tal-monitoraġġ skont l-Artikolu 42, ħlief meta ż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tkun ferm ogħla mill-ħtiġijiet tal-użu tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-2040 fil-qasam tal-klima u l-enerġija.

Taqsimha II

Simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi u għall-ħruġ tal-permessi

Artikolu 6

Punti uniċi ta' kuntatt

1. Sa... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] , l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw awtorità waħda ***jew aktar bħala punti uniċi ta' kuntatt fil-livell amministrattiv rilevanti. Kull punt uniku ta' kuntatt għandu jkun responsabbli biex jiffaċilita u jikkoordina l-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, inkluż għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, u biex jipprovdi informazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 7, inkluż informazzjoni dwar meta applikazzjoni titqies kompluta f'konformità mal-Artikolu 9(10).***

2. Meta Stat Membru jistabilixxi jew jiddeżinja aktar minn punt uniku ta' kuntatt wieħed skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ***l-Istat Membru għandu jipprovdi l-għodod biex jgħin lill-promoturi tal-proġetti jidentifikaw il-punt ta' kuntatt stabbilit jew iddeżinjat xieraq fuq il-paġna web online maħluqa f'konformità mal-Artikolu 7.***
3. Punt ta' kuntatt uniku stabbilit jew ***iddeżinjat skont il-paragrafu 1*** għandu jkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-promotur tal-proġett fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal ***proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti. Huwa għandu jikkoordina u jiffaċilita l-preżentazzjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva.***
4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi f'forma elettronika.
5. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe studju rilevanti mwettaq, jew permess jew awtorizzazzjoni rilevanti maħruġa, għal proġett speċifiku jitqiesu u li ma jkunu meħtieġa ebda studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet doppji, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.***

6. ***L-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni u **l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim** dwar il-proċess għall-ħruġ tal-permessi **inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, jekk tali proċeduri jkunu previsti mil-liġi nazżjonali.**
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-punt uniku ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti kollha*** responsabbli għal ***kwalunkwe pass tul il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi, inkluż il-passi proċedurali kollha, ikollhom*** għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa, inkluż, ***fejn xieraq, għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.***
8. Il-Pjattaforma msemmija fl-Artikoli 38 u 39 għandha tiddiskuti perjodikament l-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima u l-Artikoli 15 u 16 u taqsam l-aħjar prattiki għall-organizzazzjoni tal-***punti uniċi ta' kuntatt.***
9. ***L-awtoritajiet involuti fil-proċessi għall-ħruġ tal-permessi u awtoritajiet oħra kkonċernati għandhom jispeċifikaw u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat, ir-rekwiżiti u l-firxa tal-informazzjoni mitluba minn promotur tal-proġett qabel ma jibda l-proċess għall-ħruġ tal-permessi.***

Artikolu 7

Aċċessibilità online tal-informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***aċċess għall***-informazzjoni li ġejja dwar **■** il-proċessi rilevanti għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, online u b'mod ċentralizzat u faċilment aċċessibbli:

- (a) ***il-punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 6(1);***
- (b) il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, ***inkluż informazzjoni dwar is-soluzzjoni ta' tilwim;***
- (c) is-servizzi ta' finanzjament u investiment;
- (d) il-possibilitajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;
- (e) is-servizzi ta' appoġġ għan-negozji, inkluż iżda mhux limitati għad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva, il-liġijiet tat-taxxa lokali jew il-liġi tax-xogħol.

Artikolu 8

Aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ amministrattiv għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs involuti fil-proġetti, inkluż billi jipprovdu:

- (a) assistenza fir-rigward tal-*konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli*;
- (b) assistenza *lill-promoturi tal-proġett biex jinfurmaw lill-pubbliku bl-għan li tiżdied l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġett*;
- (c) assistenza *lill-promoturi ta' proġetti tul il-proċess għall-ħruġ tal-permessi, b'mod partikolari għall-SMEs*.

Artikolu 9

Durata tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi

1. Il-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti ma għandux jaqbeż l-ebda wieħed mil-limiti ta' żmien li ġejjin:
 - (a) 12-il xahar għall-kostruzzjoni *jew l-espansjoni* ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' inqas minn 1 GW;
 - (b) 18-il xahar għall-kostruzzjoni *jew l-espansjoni* ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' **1** GW *jew aktar*.
2. Il-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti li għalihom kapaċità tal-manifattura annwali ma tkejjilx f'GW, ma għandux jaqbeż limitu ta' żmien ta' 18-il xahar.

3. *Meta proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija, inkluż meta rikonoxxuti bħala proġetti strateġiċi, jirrikjedu l-kostruzzjoni ta' diversi faċilitajiet jew unitajiet f'sit wieħed, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jaqblu li l-proġett jinqasam f'diversi proġetti iżgħar għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli.*
4. *Meta tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE, il-passi tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (g)(i), ta' dik id-Direttiva ma għandhomx jiġu inklużi fid-durata tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.*
5. *Meta l-konsultazzjoni skont l-Artikolu 1(2), il-punt (g)(ii), tad-Direttiva 2011/92/UE tirriżulta fil-ħtieġa li r-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ssupplimentat b'informazzjoni addizzjonali, il-punt uniku ta' kuntatt jista' jagħti lill-promotur tal-proġett l-opportunità li jippreżenta informazzjoni addizzjonali. F'dak il-każ, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bid-data meta trid tiġi ppreżentata l-informazzjoni addizzjonali, li ma għandhiex tkun inqas minn 30 jum mid-data tan-notifika. Il-perjodu bejn l-iskadenza biex tingħata l-informazzjoni addizzjonali u l-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni ma għandux jingħadd mad-durata tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.*

6. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-**proġett ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew il-proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti** propost ikunu jeħtieġu dan, **Stat Membru jista'** jestendi **darba** l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 7 ta' dan l-Artikolu u fl-**Artikolu 16(1) u (2)** b'massimu ta' **tliet xhur** qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.
7. Meta **Stat Membru jqis** li l-**proġett ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew il-proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti** propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu **miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan** jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 16(1) u (2) b'**sitt xhur, fi żmien** sitt xhur **mill-bidu tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi.**
8. **Fl-applikazzjoni tal-paragrafu 6 jew 7, il-punt uniku ta' kuntatt** għandu jinforma lill-promotur tal-proġett bil-miktub bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni komprensiva tkun mistennija bil-miktub.

9. *Il-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bid-data meta jrid jiġi ppreżentat ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2011/92/UE, filwaqt li titqies l-organizzazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi fl-Istat Membru rilevanti u l-ħtieġa li jingħata biżżejjed żmien biex jiġi vvalutat ir-rapport. Il-perjodu bejn l-iskadenza biex jingħata r-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u l-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport ma għandux jingħadd mad-durata tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.*
10. Mhux aktar tard minn **45 jum minn meta** jirċievi l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permessi, *il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat* għandu **jirrikonoxxi li** l-applikazzjoni **hija kompluta** jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx baġħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar **tal-applikazzjoni**, jitlob lill-promotur tal-proġett jippreżenta applikazzjoni kompluta **mingħajr dewmien żejjed u jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Fil-każ li l-applikazzjoni ppreżentata titqies bħala mhux kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista',** fi żmien **30 jum mit-tieni preżentazzjoni, jagħmel it-tieni** talba għal informazzjoni. *Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqasma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni addizzjonali u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jikkompleta l-informazzjoni nieqsa identifikata. Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt uniku msemmi fl-Artikolu 6(1) ta' jekk l-applikazzjoni tkun **kompluta** għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi **għal dik l-applikazzjoni partikolari.***

11. Mhux aktar tard minn *xahrejn* mid-data meta *jirċievi* l-applikazzjoni, *il-punt uniku ta' kuntatt* għandu jfassal, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħra ■ kkonċernati, skeda ta' żmien dettaljata għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi. *Dik l-iskeda ta' żmien għandha tibda mill-mument meta l-punt uniku ta' kuntatt jirrikonoxxi li l-applikazzjoni tkun kompluta*. L-iskeda ta' żmien għandha tiġi ppubblikata mill-punt uniku ta' kuntatt fuq sit web b'aċċess bla ħlas.
12. Il-limiti ta' żmien stipulati f' dan l-Artikolu u fl-**Artikolu 16** għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri amministrattivi ta' appell u għar-rimedji ġudizzjarji quddiem qorti jew tribunal.
13. Il-limiti ta' żmien stipulati f' dan l-Artikolu u fl-**Artikolu 16** għal kwalunkwe waħda mill-proċessi għall-ħruġ tal-permessi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitu ta' żmien iqsar stabbilit mill-Istati Membri.

Artikolu 10

Valutazzjonijiet u *awtorizzazzjoni* ambjentali

1. Meta ***tkun meħtieġa*** valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2011/92/UE, il-promotur tal-proġett ikkonċernat ***jista'*** jitlob, ***qabel ma jippreżenta l-applikazzjoni***, opinjoni mill-***punt uniku ta' kuntatt*** dwar l-ambitu u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva. Il-***punt uniku ta' kuntatt*** għandu jiżgura li l-opinjoni tinħareġ malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn **45** jum mid-data li fiha l-promotur tal-proġett ikun ippreżenta t-talba tiegħu għal opinjoni.
2. Meta l-obbligu li jiġu vvalutati l-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanament minn kwalunkwe tnejn jew aktar d-Direttivi 92/43/KEE, 2000/60/KE, **█** id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵² **█**, **█** id-Direttiva 2008/98/KE, ***id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, id-Direttiva 2011/92/UE jew id-Direttiva 2012/18/UE*** **█**, ***l-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw li jiġu applikati*** proċeduri koordinati jew konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ***kollha*** ta' dawk l-atti leġislattivi tal-Unjoni.

Skont il-proċedura koordinata msemmija fl-ewwel subparagrafu, awtorità kompetenti għandha tikkoordina d-diversi valutazzjonijiet individwali tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari meħtieġa mill-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni.

⁵² Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

Skont il-proċedura konġunta msemija fl-ewwel subparagrafu, awtorità kompetenti għandha tipprevedi valutazzjoni unika tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari meħtieġ mill-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni. ***L-applikazzjoni tal-proċedura konġunta jew koordinata ma għandhiex taffettwa l-kontenut tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.***

3. ***L-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti joħorġu l-konklużjoni motivata msemija fl-Artikolu 1(2), il-punt (g)(iv), tad-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali fi żmien **90 jum** minn mindu tasal l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dik id-Direttiva u wara t-tlestija tal-konsultazzjonijiet imsemija fl-Artikoli 6 u 7 ta' dik id-Direttiva.
4. ***F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost ikunu jeħtieġu dan, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3 b'massimu ta' 20 jum, qabel l-iskadenza tiegħu u fuq bażi ta' każ b'każ. F'dak il-każ, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jinforma lill-promotur tal-proġett bil-miktub bir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni u bl-iskadenza għall-konklużjoni motivata tiegħu.***
5. Il-perjodi ta' żmien għall-konsultazzjoni tal-pubbliku kkonċernat ***kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (e), tad-Direttiva 2011/92/UE u l-awtoritajiet imsemija fl-Artikolu 6(1) ta' dik id-Direttiva*** dwar ir-rapport ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) ta' ***dik id-Direttiva*** ma għandhomx ikunu itwal minn **85 jum u, f'konformità mal-Artikolu 6(7) ta' dik id-Direttiva, mhux iqsar minn 30 jum. Fil-każijiet li jaqgħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) ta' dik id-Direttiva, dak il-perjodu għandu jiġi estiż sa *massimu ta' 90 jum fuq bażi ta' każ b'każ.***

6. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u awtoritajiet oħra ddeżinjati skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE jkollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu.***

Artikolu 11

Ippjanar

1. ***L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tnejn ta' pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-ġestjoni tat-territorju u l-pjanijiet għall-użu tal-art, għandhom iqisu li, f'tali pjanijiet, fejn xieraq, jinkludu dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti u, fejn xieraq, widien ta' aċċellerazzjoni b'emissjonijiet żero netti kif ukoll l-infrastruttura kollha meħtieġa. Meta titqies l-inklużjoni ta' tali dispożizzjonijiet, għandha tingħata prijorità lill-uċuħ artifiċjali u mibnija, is-siti industrijali u s-siti abbandunati. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar il-ġestjoni tat-territorju tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 7.***

2. Meta l-pjanijiet li jinkludu dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, **u l-infrastruttura meħtieġa tagħhom, u** jkunu soġġetti għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE u skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, daww il-valutazzjonijiet għandhom jiġu kkombinati. Fejn **applikabbli**, il-valutazzjoni kkombinata għandha tindirizza wkoll l-impatt fuq il-korpi tal-ilma potenzjalment affettwati **msemmija fid-Direttiva 2000/60/KE. Meta l-Istati Membri rilevanti jkunu meħtieġa jivvalutaw l-impatti tal-attivitajiet eżistenti u futuri fuq l-ambjent tal-baħar, inkluż l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³, daww l-impatti għandhom ikunu koperti wkoll fil-valutazzjoni kkombinata. Il-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati skont dan il-paragrafu ma għandux jaffettwa l-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati għandhom jitwettqu b'mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.**

⁵³ Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

Artikolu 12

Applikabbiltà tal-Konvenzjonijiet tal-UNECE

1. Dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, u skont il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991, **u l-Protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, iffirmata f'Kiev fil-21 ta' Mejju 2003.**
2. Id-deċiżjonijiet kollha adottati skont din it-Taqsima u l-Artikoli 8, 15, **16 u 28** għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku ***b'mod li jinftiehem faċilment, u d-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jew proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti għandhom ikunu jistgħu jinkisbu fuq l-istess sit web.***

Taqsimi III

Proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti

Artikolu 13

Kriterji tal-għażla

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti li jinsabu fl-Unjoni li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, ***inkluż li jikkontribwixxu għall-miri tal-Unjoni fil-qasam tal-klima jew l-enerġija***, u li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (a) il-proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jikkontribwixxi għar-reżiljenza teknoloġika u industrijali tat-**teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti** tal-Unjoni billi jżid il-kapaċità tal-manifattura ta' komponent jew **segment tal-katina tal-provvista** tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti **billi**:
- (i) **iżid il-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, li għaliha l-Unjoni hija dipendenti għal aktar minn 50 % fuq l-importazzjonijiet li ġejjin minn pajjiżi terzi;**
 - (ii) **iżid b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-manifattura billi jagħti kontribut sostantiv għall-oġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-klima jew l-enerġija għall-2030; jew**
 - (iii) **iżid il-kapaċità tal-manifattura jew jaġġorna l-kapaċità tal-manifattura eżistenti fl-Unjoni għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, li għaliha l-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tirrappreżenta sehem sinifikanti tal-produzzjoni dinjija u li għandha rwol kruċjali fir-reżiljenza tal-Unjoni;**

- (b) il-proġett ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti għandu impatt pożittiv *ċar* fuq il-katina tal-provvista tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni jew fuq is-setturi downstream *billi jipprovdi lill-industriji Ewropej b'emissjonijiet żero netti aċċess għall-aħjar teknoloġija b'emissjonijiet żero netti disponibbli jew għal prodotti manifatturati f'faċilità tal-manifattura li hija l-ewwel tat-tip tagħha, u jissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:*



- (i) *jstabilixxi miżuri biex tiġi attirata u tinżamm il-forza tax-xogħol meħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, biex jittejbu l-ħiliet tagħha jew biex din titħarreġ mill-ġdid, inkluż permezz ta' apprendistati, traineeships, edukazzjoni u taħriġ kontinwi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sħab soċjali, inkluż it-trade unions;*
- (ii) *jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-SMEs bħala parti mill-katina tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;*



- (c) *il-proġett jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-klima jew l-enerġija billi jimmanifattura teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti permezz ta' prattiki li jimplimentaw karatteristiċi mtejba fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali u tal-prestazzjoni jew taċ-ċirkolarità, inkluż effiċjenza enerġetika, idrika jew materjali komprensiva b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u prattiki li jnaqqsu b'mod sinifikanti u permanenti r-rati tal-emissjonijiet tal-ekwivalenti ta' CO₂.*

2. *Sa ... [8 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi linji gwida li jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-kriterji stipulati f'dan l-Artikolu. Dawk il-linji gwida għandhom tal-anqas jinkludu gwida speċifika dwar il-kriterji li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni ta':*

- (a) jekk il-kapaċità tal-manifattura miżjuda tikkonċernax il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġija li tkun l-ewwel tat-tip tagħha jew l-aħjar waħda disponibbli;*
- (b) jekk il-kapaċità ta' manifattura addizzjonali tistax titqies bħala sinifikanti.*

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

3. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti proġetti ta' ħżin tas-CO₂ li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin █ :

- (a) is-sit tal-ħżin tas-CO₂ ikun jinsab fit-territorju tal-Unjoni, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha fis-sens tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS);
- (b) il-proġett ta' ħżin tas-CO₂ jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 20;
- (c) il-proġett ta' ħżin tas-CO₂ applika għal permess għall-ħżin ġeoloġiku sikur u permanenti tas-CO₂ f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.

Kwalunkwe proġett ta' qbid tas-CO₂ marbut ma' proġett ta' ħżin tas-CO₂ li jissodisfa l-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu u kwalunkwe proġett ta' infrastruttura tas-CO₂ meħtieġa għat-trasport tas-CO₂ maqbud għandu jiġi rikonoxxut ukoll bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti.

4. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li jikkorrispondu għal teknoloġija żero netta, li jinsabu f'"reġjuni inqas żviluppati u ta' tranżizzjoni" u f'territorji ta' Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta u eliġibbli għal finanzjament skont ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni, għandhom, **wara li tkun tlestiet il-proċedura ta' aġġudikazzjoni**, jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikolu 14(3) fuq talba ***bil-miktub*** tal-promotur tal-proġett mingħajr ma l-promotur tal-proġett ikollu jippreżenta applikazzjoni formali skont l-Artikolu 14(2).
5. Proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jinsab fl-Unjoni u li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u li jibbenefika mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS jew ikun parti minn Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, minn Widien tal-Idroġenu Ewropej, jew mill-Bank tal-Idroġenu, meta l-fondi jappoġġaw l-investiment fil-kapaċitajiet tal-manifattura ■ , għandu jiġu rikonoxxut mill-Istati Membri bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikolu 14(3) fuq talba bil-miktub tal-promotur tal-proġett mingħajr ma l-promotur tal-proġett ikollu jippreżenta applikazzjoni formali skont l-Artikolu 14(2).
6. ***Meta proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti jikkontribwixxi għal katina tal-valur għal teknoloġija li Stat Membru ma jaċċetta bħala parti mill-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu, dak l-Istat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi dak il-proġett bħala proġett strateġiku. Jekk ikun hemm teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom Stat Membru jkun biħsiebu ma jirrikonoxxix proġetti bħala proġetti strateġiċi, dak l-Istat Membru għandu jikkomunika dan mill-aktar fis possibbli u pubblikament.***

Artikolu 14

Applikazzjoni u rikonoxximent

1. L-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' proġetti ta' **manifattura** tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom jiġu ppreżentati mill-promotur tal-proġett lill-Istat Membru rilevanti.
2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) evidenza rilevanti relatata mal-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(1) jew (3);
 - (b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett skont l-oġettiv li jinħolqu impjiegi ta' kwalità; u
 - (c) ***l-ewwel abbozz ta' skeda ta' żmien għall-proġett li jistma meta l-proġett ikun jista' jikkontribwixxi għall-parametru referenzjarju tal-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 5 jew għall-oġettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità ta' injezzjoni tas-CO₂ msemmi fl-Artikolu 20.***

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi formola stabbilita minn qabel għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' proċess ġust u trasparenti fi żmien xahar ***minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta. Jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha rilevanti u kompluta meħtieġa biex tiġi pproċessata applikazzjoni, l-Istat Membru għandu jitlob, darba biss, li l-promotur tal-proġett jippreżenta informazzjoni komplementari mingħajr dewmien żejjed, sabiex tinkiseb applikazzjoni kompluta. Id-data tar-rikonoxximent tal-kompletezza tal-preżentazzjoni għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess ta' valutazzjoni. Id-deċiżjoni li tirriżulta minn dan il-proċess għandha tkun motivata u għandha tiġi kkomunikata lill-promotur tal-proġett u lill-Pjattaforma msemmija fl-Artikoli 38 u 29.***
4. ***Jekk ma jkun hemm ebda deċiżjoni fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3, il-promotur tal-proġett jista' jinnotifika lill-Istat Membru u jitlob mingħajr dewmien żejjed li l-Istat Membru jipprovdi lill-promotur tal-proġett bi skadenza aġġornata, li ma għandhiex tkun aktar tard minn 30 jum mill-iskadenza oriġinali.***
5. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-proġetti ***strateġiċi b'emissjonijiet żero netti*** approvati. Meta Stat Membru jiċħad l-applikazzjoni, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jippreżenta l-applikazzjoni lill-Kummissjoni, li għandha tivvaluta l-applikazzjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol. ***Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tal-Istat Membru.***

6. Meta l-Kummissjoni, wara l-valutazzjoni tagħha f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, tikkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjoni mill-Istat Membru, din għandha tinnotifika lill-applikant bil-konklużjoni tagħha fil-forma ta' ittra. Meta l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun differenti minn dik tal-Istat Membru, il-***Pjattaforma msemmija fl-Artikoli 38*** u 39 għandha tiddiskuti l-proġett inkwistjoni.
7. Meta l-Kummissjoni jew Stat Membru jsibu li proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti jkun għadda minn bidliet sostanzjali jew li ma jkunx għadu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu ***13***, jew meta r-rikonoxximent tiegħu bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti kien ibbażat fuq applikazzjoni li kien fiha informazzjoni żbaljata, dawn għandhom jinformat lill-promotur tal-proġett ikkonċernat. Wara li jisma' lill-promotur tal-proġett, l-Istat Membru jista' jirrevoka d-deċiżjoni li tirrikonoxxi proġett bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti.
8. Proġett li ma jibqax rikonoxxut bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti għandu jitlef id-drittijiet kollha marbuta ma' dak l-istatus skont dan ir-Regolament.
9. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru disponibbli b'mod miftuħ ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti.

Artikolu 15

Status prijoritarju ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

1. Il-promoturi ta' proġetti u l-awtoritajiet kollha **kkonċernati** għandhom jiżguraw li għall-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, il-proċessi **rilevanti** jiġu ttrattati bl-aktar mod rapidu possibbli f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.
2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi previsti fid-dritt tal-Unjoni, **meta proġett jiġi rikonoxxut bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti**, l-Istati Membri għandhom jaġġu lil dak il-proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli, meta tali status ikun jeżisti fil-liġi nazzjonali, u dak il-proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti għandu jiġi ttrattat kif xieraq fil-proċessi għall-ħruġ tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u, **fejn id-data tkun disponibbli**, mal-ġestjoni tat-territorju.
3. Proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni u, għalhekk, li jkunu fl-interess pubbliku. Fir-rigward tal-impatti **jew l-obbligi** ambjentali msemmija fl-Artikoli 6(4) u 16(1) ■ tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/147/KE **u l-Artikolu 4(14) u (15) tar-Regolament (UE) 2024/...**⁺, il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni għandhom jitqiesu li huma ta' interess pubbliku u jistgħu jitqiesu li huma ta' interess pubbliku prevalenti **u li jservu l-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika** dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dawk l-**atti**.

⁺ ĠU: Daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE -CONS 74/23, (2022/0195 (COD)).

4. Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji għudizzjarji relatati ma' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti quddiem kwalunkwe qorti, tribunal jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkun jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali ***dwar il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi*** tipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet normalment applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Il-promoturi ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza, fejn applikabbli.

Artikolu 16

Durata tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

1. Il-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti ma għandux jaqbeż:
- (a) 9 xhur għall-kostruzzjoni ***jew l-espansjoni*** ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' inqas minn 1 GW;
 - (b) 12-il xahar għall-kostruzzjoni ***jew l-espansjoni*** ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' ***1 GW jew aktar***;
 - (c) 18-il xahar għall-permessi kollha meħtieġa biex jiġi operat sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.

2. Għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti li għalihom il-kapaċità tal-manifattura annwali ma titkejjilx f'GW, il-proċess għall-ħruġ tal-permessi ma għandux jaqbeż 12-il xahar.

3. *Meta tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE, il-pass tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (g)(i), ta' dik id-Direttiva ma għandux jiġi inkluż fid-durata tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.*

Artikolu 17

Widien ta' Aċċellerazzjoni b'Emissjonijiet Żero Netti

1. *L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddeżinjaw Widien ta' Aċċellerazzjoni b'Emissjonijiet żero netti (il-"Widien") bħala żoni speċifiċi biex jaċċelleraw l-attivitajiet industrijali b'emissjonijiet żero netti, b'mod partikolari biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inkluż proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti jew raggruppamenti tagħhom, jew biex jittestjaw teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti. L-objettivi tal-Widien għandhom ikunu li jinħolqu raggruppamenti ta' attività industrijali b'emissjonijiet żero netti u li jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri amministrattivi.*
2. *Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:*
 - (a) *tiddefinixxi ambitu ġeografiku u teknoloġiku ċar għall-Widien;*

- (b) tqis żoni li jinkludu superfiċċi artifiċjali u mibnija, siti industrijali, u siti abbandunati;*
- (c) tkun soġġetta għal valutazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/, u, fejn applikabbli, għal valutazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE; sa fejn ikun possibbli, ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiffaċilitaw it-tħejjija ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet; din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-konformità ta' proġetti individwali mal-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni;*
- (d) tiżgura sinerġiji, fejn possibbli, mad-deżinjazzjoni ta' żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli kif stabbilit bid-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴.*

3. Deċiżjoni minn Stat Membru li tiddeżinja Wied għandha tkun akkumpanjata minn pjan li jstabbilixxi miżuri nazzjonali konkreti biex tiżdied l-attraenza tiegħu bħala post għal attivitajiet ta' manifattura, inkluż mill-inqas l-iskemi ta' appoġġ ekonomiku u amministrattiv li ġejjin biex:

- (a) jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa fil-Wied;*

⁵⁴ Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj>).

- (b) jappoġġaw l-investimenti privati fil-Wied;*
- (c) jinkiseb it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet xierqa tal-forza tax-xogħol lokali;*
- (d) jagħmlu l-informazzjoni dwar il-Wied aċċessibbli online f'konformità mal-Artikolu 7.*

4. L-investimenti pubbliċi li għandhom l-għan li jistabbilixxu Widien, jgħammruhom b'infrastruttura xierqa, jikkonvertu s-siti abbandunati u jiżviluppaw l-adegwatezza tal-ġabra ta' ħiliet lokali, jistgħu jibbenefikaw, fejn xieraq, mir-rati massimi ta' kofinanzjament skont ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056 u (UE) 2021/1057.

Artikolu 18

Ħruġ ta' permessi fil-Widien

- 1. It-taqsimiet I u II għandhom japplikaw għal proġetti individwali fil-Widien. Għandu jiġi ddeżinjat punt uniku ta' kuntatt għal kull Wied.*
- 2. Bil-ħsieb li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet, meta toħroġ l-opinjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), l-awtorità kompetenti għandha tqis ir-riżultati tal-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 17, (2), il-punt (c).*

3. *Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħmel disponibbli għall-promoturi ta' proġetti mudelli li jindikaw il-permessi speċifiċi meħtieġa għall-proġetti fil-Widien. Dawk il-mudelli għandhom jinkludu informazzjoni dwar kwalunkwe karatteristika tal-proġett u l-miżuri previsti biex jiġu evitati jew impediti effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent sabiex jiġi żgurat li l-proġetti b'impatti ambjentali sinifikanti biss ikunu soġġetti għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2011/92/UE u biex tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni minn awtorità kompetenti dwar jekk il-proġett għandux ikun soġġett għal valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2) sa (6), ta' dik id-Direttiva.*
4. *Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fil-Widien għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni u, għalhekk, li jkunu fl-interess pubbliku. Fir-rigward tal-impatti jew l-obbligi ambjentali msemmija fl-Artikoli 6(4) u 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/147/KE u l-Artikoli 4(14) u (15) tar-Regolament (UE) 2024/...⁺, il-proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fil-Widien fl-Unjoni għandhom jitqiesu li huma ta' interess pubbliku u jistgħu jitqiesu li huma ta' interess pubbliku prevalenti u li jservi l-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dawk l-atti.*

⁺ ĠU: Daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE -CONS 74/23, (2022/0195(COD)).

Artikolu 19

Koordinazzjoni tal-finanzjament

1. Il-pjattaforma kif stabbilit fl-Artikolu 38 għandha ***teżamina l-ostakli u l-ħtiġijiet finanzjarji fl-Unjoni kollha*** ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, ***tagħti pariri dwar modi kif jiġi kkoordinat il-finanzjament tal-Unjoni u dak nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-ħtiġijiet finanzjarji, u tiġbor*** l-aħjar prattiki potenzjali, fost l-oħrajn, għall-fini tal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista transfruntieri tal-Unjoni, b'mod partikolari abbażi ta' skambji ***u rakkomandazzjonijiet*** regolari ***tal-Grupp għall-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti u*** mal-alleanzi industrijali rilevanti.
2. Il-Pjattaforma għandha, fuq talba tal-promotur tal-proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti, tiddiskuti u tagħti pariri dwar kif il-finanzjament tal-proġett jista' jitlestha, filwaqt li jitqies il-finanzjament diġà garantit u jitqiesu tal-anqas l-elementi li ġejjin:
 - (a) sorsi privati addizzjonali ta' finanzjament;
 - (b) l-appoġġ permezz ta' riżorsi mill-Grupp tal-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn inkluż il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;
 - (c) l-istrumenti u l-programmi eżistenti tal-Istati Membri, inkluż minn banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, ***istituzzjonijiet u Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni;***
 - (d) il-finanzjament u l-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni.

3. *Sa ... [3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sentejn wara dan, il-Pjattaforma għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar modi kif jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti, inkluż permezz tal-baġit tal-Unjoni, biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament.*
4. *L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni għandhom iwettqu attivitajiet biex jaċċelleraw l-investimenti pubbliċi u privati fi proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. Tali attivitajiet jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 107 u l-Artikolu 108 TFUE, jinkludu pariri dwar u l-koordinazzjoni ta' appoġġ għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li jkunu qed jiffaċċaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament.*

Kapitolu III

Kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

Artikolu 20

Objettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

1. Għandha tinkiseb kapaċità tal-injezzjoni annwali ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' CO₂ sal-2030 f'siti tal-ħżin, *li jfisser siti tal-ħżin ġeoloġiku permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, inkluż siti tat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass eżawriti u akwiferi salini*, li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni ■ , iż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha fis-sens tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u li ma humiex ikkombinati ma' Rkupru Assistit tal-Idrokarburi.

2. *Is-siti tal-ħżin kollha għandhom jitfasslu biex joperaw għal minimu ta' ħames snin u għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-aċċess ġust u miftuħ previst b'mod trasparenti u nondiskriminatorju, kif definit fid-Direttiva 2009/31/KE.*
3. *Sa ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub lejn l-ilhug tal-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni annwali tal-Unjoni, inkluż l-istat tas-suq relatat mal-kapaċità tal-injezzjoni. Ir-rapporti għandhom jinkludu ħarsa ġenerali lejn il-firxa ġeografika tas-siti tal-ħżin madwar l-Unjoni. L-ewwel rapport għandu jivvaluta jekk huwiex meqjus meħtieġ li jiġi introdott objettiv għall-Unjoni kollha għall-2040 jew qabel jekk ikun meħtieġ.*
4. *Ir-rapporti imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu valutazzjoni tal-kapaċità tal-ħżin u tal-injezzjoni tas-CO₂, bl-użu, b'mod partikolari, tal-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 21(2) u l-Artikolu 23(6). Ir-rapporti għandhom:*
 - (a) *jipprovdu analiżi dettaljata tal-ippjanar ġeografiku u temporali tas-siti tal-ħżin tas-CO₂ u tal-proġetti tal-qbid tas-CO₂ għall-emissjonijiet tas-CO₂ minn installazzjonijiet industrijali ġewwa l-Unjoni b'kont meħud tal-potenzjal speċifiku għall-użu tas-CO₂ li jikkontribwixxi għall-ħżin permanenti tas-CO₂;*

- (b) *jidentifikaw l-infrastruttura ewlenija meħtieġa għat-trasport u l-ħżin tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn installazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni;*
- (c) *jipprovdu analiżi dettaljata dwar l-ostakli possibbli li jfixxlu l-iżvilupp tas-suq tas-CCS.*
5. *Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni tista' tippreżenta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, proposta leġiżlattiva biex tintroduċi objettiv ġdid fil-livell tal-Unjoni għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2040 jew qabel jekk ikun meħtieġ. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tipproponix proposta leġiżlattiva biex tintroduċi dak l-objettiv, hija għandha ttipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.*
6. *Fi żmien tliet xhur mill-iffirmar min-naħa tal-Unjoni ta' ftehim internazzjonali relatat ma' dan il-Kapitolu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jivvaluta l-implikazzjonijiet tal-ftehim internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni u s-salvagwardja tal-istandards ambjentali tal-Unjoni, l-objettivi klimatiċi tagħha u l-ħtieġa potenzjali għal politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim internazzjonali. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, skont il-każ, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li temenda dan ir-Regolament skont il-paragrafu 1.*

7. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida li jindikaw il-livelli adegwati ta' purezza tas-CO₂ u ta' mikroelementi fil-fluss tas-CO₂ għall-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tal-Unjoni.***

Artikolu 21

Trasparenza tad-data dwar il-kapaċità tal-ħżin tas-CO₂

1. Sa ...[6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom:
- (a) jagħmlu **id-data** dwar iż-żoni ***kollha*** fejn is-siti tal-ħżin tas-CO₂ ***jistgħu*** jkunu permessi fit-territorju tagħhom, ***inkluż l-akwiferi salini, disponibbli għall-pubbliku, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali;***
 - (b) jobbligaw lill-entitajiet ***li huma jew kienu d-detenturi ta'*** awtorizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (3) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵ fit-territorju tagħhom biex jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, mingħajr ebda garanzija ta' affidabbiltà, id-data ġeoloġika relatata mas-siti ta' produzzjoni li jkunu ġew dekkummissjonati jew li d-dekkummissjonar tagħhom ikun ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti ***u, jekk disponibbli, il-valutazzjonijiet ekonomiċi tal-kostijiet rispettivi biex tkun tista' ssir injezzjoni tas-CO₂, sakemm l-entità ma tkunx applikat għal permess għall-esplorazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE, inkluż data dwar:***
 - (i) ***jekk is-sit huwiex adatt għall-injezzjoni u l-ħżin tas-CO₂ b'mod sostenibbli, sikur u permanenti;***

⁵⁵ Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-ġħoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3).

(ii) id-disponibbiltà jew il-ħtieġa għal infrastruttura tat-trasport u modi adatti għat-trasport sigur tas-CO₂ lejn is-sit.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, id-data għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni mitluba fl-**Avviżi** tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima nnotifikati skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u l-aġġornamenti tagħhom ippreżentati skont l-Artikolu 14 tiegħu (il-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima).

2. Sa ... [sitt xhur mid-**data tad-dħul** fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara dan, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport, **li għandu jkun disponibbli pubblikament u għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali**, li jiddeskrivi:

- (a) **immappjar tal-proġetti tal-qbid tas-CO₂ li jkunu għaddejjin fit-territorju tiegħu jew f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra**, u stima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u tal-ħżin, **u tat-trasport tas-CO₂**;
- (b) **immappjar tal-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ u tat-trasport tas-CO₂ li jkunu għaddejjin fit-territorju tiegħu**, inkluż l-istatus tal-permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, id-dati mistennija għad-Deċiżjoni Finali dwar l-Investment (FID) u d-dħul fis-seħħ;
- (c) il-miżuri ta' appoġġ nazzjonali li **ġew** adottati **jew li ser jiġu** adottati biex iħeġġu l-proġetti msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, **kif ukoll il-miżuri relatati mat-trasport transfruntier tas-CO₂**;

- (d) l-istrateġija u l-miri nazzjonali li ser jiġu stabbiliti u li ġew stabbiliti għall-qbid tas-CO₂ sal-2030, fejn applikabbli;*
- (e) il-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali li tiffaċilita t-trasport transfruntier tas-CO₂, inkluż l-implikazzjonijiet tagħhom għall-aċċess min-naħa tal-entitajiet involuti fil-qbid tas-CO₂ għal mezzi sikuri u mhux diskriminatorji għat-trasport tas-CO₂;*
- (f) il-proġetti tat-trasport tas-CO₂ li jkunu għaddejjin u stima tal-kapaċità tal-proġetti futuri tat-trasport tas-CO₂ meħtieġa biex il-kapaċità ta' qbid taqbel mal-ħżin korrispondenti.*

3. Jekk ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 juri li ma jkun għaddej ebda proġett ta' ħżin tas-CO₂ fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar pjanijiet biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali. Dan għandu, jekk applikabbli, jinkludi t-trasport transfruntier tas-CO₂ lejn is-siti tal-ħżin li jinsabu fi Stati Membri oħra, kif ukoll proġetti ta' użu tas-CO₂.

Artikolu 22

Infrastruttura tat-trasport tas-CO₂

- 1. Sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 20, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, fejn xieraq f'kollaborazzjoni mal-kumpaniji rilevanti, għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli biex jiżviluppaw l-infrastruttura tat-trasport tas-CO₂ meħtieġa, inkluż l-infrastruttura transfruntiera, filwaqt li jqisu l-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali tal-prossimità tas-siti tal-qbid u tal-ħżin.*
- 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-aċċess għan-networks tat-trasport tas-CO₂ u għas-siti tal-ħżin għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ prodott u maqbud sa fejn ikun ekonomikament fattibbli li jsir dan jew meta klijent potenzjali jkun lest li jħallas, f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/31/KE.*
- 3. Meta s-CO₂ jinqabad u jiġi ttrasportat fi Stat Membru wieħed u jiġi ttrasportat u maħżun fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-miżuri meħuda minnhom skont il-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita tali koordinazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' Raggruppamenti Reġjonali ta' CCS meta jkun hemm talba konġunta mill-Istati Membri involuti.*

Artikolu 23

Kontribut tal-produtturi awtorizzati taż-żejt u tal-gass

1. Kull entità li jkollha awtorizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 3 tad-Direttiva 94/22/KE għandha tkun soġġetta għal kontribut individwali għall-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ disponibbli stabbilita fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-kontributi individwali għandhom jiġu kkalkolati pro rata abbażi tas-sehem ta' kull entità fil-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023 u għandhom jikkonsistu fil-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ f'sit tal-ħżin permess f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE u disponibbli għas-suq sal-2030. ***Entitajiet bi produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali taħt il-limitu stipulat f'konformità ma' att delegat skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu esklużi minn dan il-kalkolu u ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontribut.***
2. Sa ...[tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jirrapportaw lill-Kummissjoni l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-volumi tagħhom fil-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023.

3. Wara li jaslu r-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 21(2), il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, għandha tispeċifika l-**kontributi** għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 **ta' dan l-Artikolu**.
4. Sa ...[12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan li jispeċifika fid-dettall kif biħsiebhom jilhqgħu l-kontribut tagħhom għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-**CO₂** tal-Unjoni sal-2030. Dawk il-pjanijiet għandhom:
 - (a) jikkonfermaw il-kontribut tal-entità, espress f'termini ta' volum immirat ta' kapaċità għdida tal-ħżin u l-injezzjoni tas-CO₂ ikkummissjonata sal-2030;
 - (b) jispeċifikaw il-mezzi u l-istadji importanti biex jintlaħaq il-volum fil-mira.
5. Sabiex jissodisfaw il-volumi fil-mira tagħhom tal-kapaċità tal-injezzjoni disponibbli, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu:
 - (a) **jinvestu fi** proġetti tal-ħżin tas-CO₂ **jew** jiżviluppawhom, waħedhom jew f'kooperazzjoni;
 - (b) jidħlu fi ftehimiet ma' entitajiet oħra msemmija fil-paragrafu 1;
 - (c) jidħlu fi ftehimiet ma' żviluppaturi ta' jew investituri fi proġetti tal-ħżin ta' partijiet terzi biex iwettqu l-kontribut tagħhom.

6. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni li jispjega fid-dettall il-progress tagħhom lejn il-kisba tal-kontribut tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku.
7. *B'deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex teżenta lill-entitajiet imsemmija f'dak il-paragrafu mill-kontributi individwali fir-rigward tal-attivitajiet ta' produzzjoni li jkunu wettqu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023, dment li:*
- (a) *il-kapaċità annwali ġenerali tal-injezzjoni tas-siti tal-ħżin kollha mħaddma minn kwalunkwe entità li tkun irċeviet permess għall-ħżin fis-sens tad-Direttiva 2009/31/KE u li tkun laħqet deċiżjoni finali dwar l-investment li tkun tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru taqbeż is-somma tal-kontributi individwali tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-attivitajiet ta' produzzjoni rilevanti, u li l-kapaċitajiet annwali tal-injezzjoni assoċjati ma' dawk is-siti tal-ħżin jikkorrispondu għal dawk imsemmija fil-permessi għall-ħżin u fid-deċiżjonijiet finali dwar l-investment u tikkontribwixxi għall-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità disponibbli tal-injezzjoni tas-CO₂ stabbilita fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;*
- (b) *l-applikazzjoni tiġi ppreżentata qabel tmiem l-2027.*

8. *Dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7 jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li teżenta lill-entitajiet ikkonċernati mill-kontribut individwali tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet ta' produzzjoni li jkunu wettqu fit-territorju tal-Istat Membru li qed iressaq it-talba.*
9. *L-entitajiet eżentati skont il-paragrafu 8 jistgħu jidħlu fi ftehimiet f'konformità mal-paragrafu 5, il-punti (b) u (c), biss fir-rigward ta' kwalunkwe kapaċità ta' injezzjoni li taqbeż il-kontribut individwali li minnha huma eżentati u s-somma tal-kontributi individwali li jkunu ġew eżentati.*
10. *Sena wara d-deċiżjoni ta' eżenzjoni u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-Istat Membru għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jispeċifika fid-dettall il-progress tal-entitajiet eżentati skont il-paragrafu 8 lejn l-ilħuq tal-kontribut tagħhom għall-mira tal-Unjoni kollha għall-kapaċità disponibbli tal-injezzjoni tas-CO2 stabbilita fl-Artikolu 20. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku.*

11. ***Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 42(1), il-punt (c), u l-Artikolu 42(8), tivvaluta r-relazzjoni bejn id-domanda għall-kapaċità tal-injezzjoni minn proġetti tal-qbid tas-CO₂ u l-infrastruttura ewlenija meħtieġa għat-trasport tas-CO₂ li jkunu għaddejn jew li jkunu ppjanati li jsiru operattivi sal-2030 u s-somma tal-kontributi individwali tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-attivitàjiet ta' produzzjoni fit-territorju ta' Stat Membru partikolari. F'każ ta' żbilanċ sostanzjali, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitolb b'mod eċċezzjonali lill-Kummissjoni għal deroga rigward id-data sa meta jridu jsiru l-kontributi individwali.***
12. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex tissupplimenta dan ir-Regolament rigward:
- (a) ***ir-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-entitajiet soġġetti għal kontribut skont il-paragrafu 1, inkluż il-limitu li taħtu l-entitajiet huma eżentati mill-kontribut;***
 - (b) l-arranġamenti li bihom jitqiesu l-ftehimiet bejn l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-investimenti fil-kapaċità tal-ħżin miżmuma minn partijiet terzi biex jissodisfaw il-kontribut individwali tagħhom skont il-paragrafu 5, il-punt (b) u (c);

- (c) il-kontenut tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 6;
- (d) *il-kundizzjonijiet dettaljati li taħtom il-Kummissjoni tista' tagħti eżenzjoni lil entitajiet skont il-paragrafu 8.*

13. Sa mhux aktar tard minn ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali, permezz ta' proċeduri amministrattivi, proċedimenti legali, jew it-tnejn, applikabbli għal ksur mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 3. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 24

Qafas regolatorju għas-suq għas-CO₂ maqbud

- 1. Sa ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-funzjonament tas-suq għas-CO₂ maqbud. Dik il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodoloġija ċara, tqis ir-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 21(2) u, b'mod partikolari, tikkunsidra jekk:**
- (a) *l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 23(1) jipromwovux b'mod effettiv l-iżvilupp tas-suq tal-ħżin tas-CO₂ fl-Unjoni;*

- (b) is-suq jipprovdix aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju u sikurezza għan-network tal-ħżin u tat-trasport tas-CO₂;*
- (c) is-suq jipprovdix aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-qbid tas-CO₂ għal skopijiet ta' użu jew ħżin;*
- (d) l-adegwatezza tan-network tat-trasport tas-CO₂ u infrastruttura oħra fl-Unjoni kollha tappoġġax b'mod suffiċjenti l-objettivi tal-kapaċità tal-injezzjoni kif ukoll il-ħtieġa għall-qbid tas-CO₂;*
- (e) il-funzjonament tas-suq tas-CO₂ jiżgurax aċċess suffiċjenti għall-kapaċità tal-injezzjoni għall-emissjonijiet tas-CO₂ li diffiċli jitnaqqsu.*

2. Abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tipproponi att leġiżlattiv biex jirregola s-suq sabiex jindirizza kwalunkwe nuqqas identifikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-emissjonijiet li diffiċli jitnaqqsu.

Kapitolu IV
Aċċess għas-swieq

Artikolu 25

Kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku

1. ***Għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE, fejn il-kuntratti għandhom teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4 (1), il-punti (a) sa (k), ta' dan ir-Regolament bħala parti mis-suġġett tagħhom, jew fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet ta' xogħlijiet li jinkludu t-teknoloġija msemmija, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw rekwiżiti minimi mandatorji rigward is-sostenibbiltà ambjentali stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.***
2. ***Il-Paragrafu 1 ma għandux jipprekludi lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti milli jużaw rekwiżiti minimi jew kriterji għall-aġġudikazzjoni addizzjonali b'rabta mas-sostenibbiltà ambjentali.***
3. Minkejja l-paragrafu 1, ***l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet, ir-rekwiżiti jew l-obbligi kuntrattwali li ġejjin għall-kuntratti ta' xogħlijiet u l-konċessjonijiet ta' xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu 1:***
 - (a) ***kundizzjoni speċjali relatata ma' kunsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjeg li tiegħu l-forma ta' klawżola dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt skont it-tifsira tal-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/24/UE u tal-Artikolu 87 tad-Direttiva 2014/25/UE u tal-prinċipji ġenerali tad-Direttiva 2014/23/UE;***

- (b) *rekwiżit li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli taċ-ċibersigurtà kif previsti fir-regolament dwar ir-reżiljenza ċibernetika, inkluż, fejn xieraq u meta disponibbli, permezz ta' skema Ewropea ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà rilevanti;*
- (c) *obbligu kuntrattwali speċifiku biex il-komponent tal-kuntratt relatat ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (k), jitwassal fil-ħin, li jista' jwassal għal obbligu li titħallas imposta xierqa jekk dan l-obbligu ma jiġix issodisfat, u li jmur lil hinn mir-rekwiżiti previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, jekk teżisti tali leġiżlazzjoni.*

4. *Ir-rekwiżiti obligatorji minimi msemmija fil-paragrafu 1, fejn applikabbli, għandhom jieħdu l-forma, fejn xieraq, ta':*

- (a) *speċifikazzjonijiet jew rekwiżiti tekniċi skont it-tifsira tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/23/UE, tal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24/UE u tal-Artikolu 60 tad-Direttiva 2014/25/UE; jew*
- (b) *klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt skont it-tifsira tal-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/24/UE u tal-Artikolu 87 tad-Direttiva 2014/25/UE u tal-prinċipji ġenerali tad-Direttiva 2014/23/UE.*

5. Sa ... [9 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-**Kummissjoni** għandha **tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeçifika r-rekwiżiti minimi dwar is-sostenibbiltà ambjentali għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku msemmija fil-paragrafu 1.**

Meta tadotta dak l-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- (a) is-sitwazzjoni tas-suq fil-livell tal-Unjoni tat-teknoloġiji rilevanti;**
- (b) dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà ambjentali stabbiliti f'atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku koperti mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1;**
- (c) l-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA) u ftehimiet internazzjonali oħra li l-Unjoni hija marbuta magħhom.**

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

6. **Stat Membru ma għandux jiddiskrimina jew jagħti trattament differenti mhux iġġustifikat lil fornitur jew lil prodotti b'emissjonijiet żero netti minn Stat Membru ieħor.**

7. *Il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza għandu jitqies fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE fejn tali kuntratti jkollhom teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (k), ta' dan ir-Regolament bħala parti mis-suġġett tagħhom, jew fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet ta' xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu 1, li jinkludu din it-teknoloġija, u fil-każ ta' kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim qafas fejn il-valur stmat ta' dawk il-ftehimiet ikun daqs jew oġġla mill-valuri stipulati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE, f'konformità ma' dan il-paragrafu.*

Jekk, fiż-żmien tas-sejħa għal kompetizzjoni għal proċedura ta' akkwist pubbliku kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew fil-bidu ta' tali proċedura, il-Kummissjoni tkun iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 29(2) li l-proporzjon ta' teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha li joriġinaw f'pajjiż terz jammonta għal aktar minn 50 % tal-provvista ta' dik it-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha fl-Unjoni, jew jekk il-Kummissjoni tkun iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 29(2) li l-proporzjon tal-provvista fl-Unjoni ta' teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha li joriġinaw f'pajjiż terz ikun żdied b'mill-inqas 10 punti perċentwali bħala medja għal sentejn konsekuttivi u jilħaq mill-inqas 40 % tal-provvista fl-Unjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

- (a) obbligu għad-durata tal-kuntratt li ma jiġix fornut aktar minn 50 % tal-valur tat-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti msemmija f'dan il-paragrafu minn kull pajjiż terz individwali kif iddeterminat mill-Kummissjoni;**
- (b) obbligu għad-durata tal-kuntratt li mhux aktar minn 50 % tal-valur tal-komponenti speċifiċi ewlenin tat-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti msemmija f'dan il-paragrafu jiġi fornut jew ipprovdut direttament mill-offerent rebbieħ jew minn sottokuntrattur minn kull pajjiż terz individwali kif iddeterminat mill-Kummissjoni;**
- (c) obbligu li jagħtu lill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraentifuq talba tagħhom, evidenza adegwata relatata mal-punt (a) jew (b), mhux aktar tard mit-tlestija tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt;**
- (d) obbligu li jħallsu imposta proporzjonata, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jew (b), ta' mill-inqas 10% tal-valur tat-teknoloġija speċifiċi b'emissjonijiet żero netti tal-kuntratt imsemmi f'dan il-paragrafu.**

8. *Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni għall-GPA kif ukoll minn ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra li l-Unjoni hija marbuta bihom, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti ma għandhomx japplikaw ir-rekwiżiti tal-punti (a) sa (d) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7, meta t-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha joriġinaw minn sorsi ta' provvista li huma firmatarji għal dawk il-ftehimiet.*
9. *L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1, 2, 3 u 4, meta:*
- (a) *it-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti mitluba tkun tista' tingħata biss minn operatur ekonomiku speċifiku u ma tkun teżisti l-ebda alternattiva jew sostitut raġonevoli u l-assenza ta' kompetizzjoni ma tkunx ir-riżultat ta' traqqiq artifiċjali tal-parametri tal-proċedura ta' akkwist pubbliku;*
- (b) *ma tkun għet sottomessa l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba xierqa għall-parteċipazzjoni b'rispons għal proċedura ta' akkwist pubbliku preċedenti simili mnedija mill-istess awtorità kontraenti jew entità kontraenti fis-sentejn immedjatament qabel il-bidu tal-proċedura l-ġdida ta' akkwist ippjanata;*

(c) l-applikazzjoni tagħhom tobbliga lil dik l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti takkwista tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati jew tirriżulta f'inkompatibbiltà teknika fl-operat u l-manutenzjoni.

10. Id-differenzi fil-kostijiet estimati ta' aktar minn 20 %, ibbażati fuq data oġġettiva u trasparenti, jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti.

11. Fejn l-applikazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu tkun wasslet għal sitwazzjoni fejn ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba adatta għall-parteciċipazzjoni b'rispons għal proċedura ta' akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali:

(a) jiddeċiedu li jużaw il-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 32(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 50, il-punt (a), tad-Direttiva 2014/25/UE jew l-Artikolu 31(5) tad-Direttiva 2014/23/UE; jew

(b) jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu fi proċedura ta' akkwist pubbliku sussegwenti speċifika li għandha l-għan tindirizza l-istess ħtiġijiet bħal dawk li wasslu għall-bidu tal-proċedura inizjali msemmija f'dan il-paragrafu.

12. **Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju:**

- (a) **għall-possibbiltà li jintużaw kriterji addizzjonali mhux tal-prezz;**
- (b) **għall-possibbiltà li jiġu esklużi offerti anormalment baxxi skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/25/UE;**
- (c) **għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku mhux kompetittivi.**

Artikolu 26

Irkantijiet għall-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli

1. **Għat-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (j) li huma teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri ■ għandhom, meta jfasslu ■ l-irkantijiet għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, jinkludu:**

- (a) **kriterji tal-prekwalifikazzjoni relatati ma':**
 - (i) **l-imġiba responsabbli fin-negozju;**
 - (ii) **iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tad-data; u**
 - (iii) **il-ħila li l-proġett jitwettaq b'mod sħiħ u fil-ħin;**
- (b) **kriterji tal-prekwalifikazzjoni jew kriterji għall-aġġudikazzjoni biex jiġi vvalutat il-kontribut tal-irkant għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif imsemmi fil-paragrafu 2.**

Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-Artikoli 107 u 108 TFUE, u għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

2. *Il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-irkantijiet għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji stabbiliti f'dan il-paragrafu. Dawk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.*

L-irkantijiet għandhom jikkontribwixxu għar-reżiljenza, filwaqt li jitqies il-proporzjon tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin li joriġinaw minn pajjiż terz li jammontaw għal aktar minn 50 % tal-provvista ta' dik it-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew tal-komponenti speċifiċi ewlenin tagħha fl-Unjoni;

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-pajjiż tal-orijini għandu jiġi ddeterminat skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶.

L-irkantijiet għandhom jikkontribwixxu wkoll għal mill-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) is-sostenibbiltà ambjentali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-liġi applikabbli;*
- (b) l-innovazzjoni billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet kompletament ġodda jew jittejbu soluzzjonijiet komparabbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;*
- (c) l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.*

⁵⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jużaw kriterji addizzjonali mhux tal-prezz lil hinn minn dawk elenkati f'dan il-paragrafu.

3. Sa ... [9 xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeçifika aktar il-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u għall-aġġudikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

4. *L-Istati Membri għandhom jagħtu lil kull wieħed mill-kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut tal-irkant għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, meta applikati bħala kriterji għall-aġġudikazzjoni, piż minimu ta' 5 % u piż ikkombinat ta' bejn 15 % u 30 % tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tingħata ponderazzjoni oġġla lill-kriterji msemmija fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2, f'konformità ma' kwalunkwe limitu għall-kriterji mhux marbuta mal-prezz stabbiliti skont ir-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat.*
5. **■** *L-Istati Membri ■ ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u għall-aġġudikazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 meta, bl-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji, dawn iwasslu għal kostijiet sproporzjonati. Id-differenzi fil-kostijiet stmati ta' aktar minn 15% kull irkant, ibbażati fuq data oġġettiva u verifikabbli, jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-Istati Membri.*

6. *L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jieħdu miżuri biex jimmassimizzaw ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-proġetti permezz ta' inċentivi xierqa, pereżempju, billi japplikaw indiċjar tal-prezzijiet. L-Istati Membri jistgħu jivvalutaw l-effetti ta' offerti negattivi fuq il-veloċità u l-iskala tal-użu.*
7. *Il-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw għal mill-inqas 30% tal-volum irkantat kull sena għal kull Stat Membru jew alternattivament għal mill-inqas 6 Gigawatt kull sena għal kull Stat Membru.*
8. *Sal-31 ta' Diċembru 2027 u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni tal-kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà għall-irkantijiet għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-effett tagħhom fuq l-użu aċċellerat tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà fuq:*

(a) l-iżvilupp tal-manifattura annwali tal-Unjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli;

(b) l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż l-impatt finanzjarju tagħhom u l-impatt tagħhom fuq il-veloċità tal-użu, filwaqt li titqies ukoll il-kapaċità ta' tħaddim, inkluż il-piż amministrattiv, u ċ-ċarezza tas-sistema għall-iżviluppaturi tal-proġetti u l-amministrazzjoni nazzjonali, abbażi tad-data disponibbli.

Bħala parti minn dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti mill-Istati Membri fil-qasam tal-irkantar.

9. *Jekk il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 tkun pożittiva, b'mod partikolari jekk l-applikazzjoni tal-kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà ma tkunx xekklet b'mod sinifikanti l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta biex temenda l-paragrafu 7 biex tiddetermina l-ishma tal-volum irkantat kull sena għal kull Stat Membru jew il-volum assolut li għalih japplikaw il-paragrafi 1 sa 4, b'mod partikolari bil-ksieb li jiżdiedu dawk il-volumi, u biex jiġi adattat il-limitu tad-differenzi fil-kostijiet stmati msemmija fil-paragrafu 5.*
10. *Għall-fini tal-kalkolu tal-volumi rkantati fis-sena għal kull Stat Membru, jistgħu jiġu esklużi rkantijiet għal installazzjonijiet b'daqs massimu tal-proġett ta' 10 MW. Għall-irkantijiet għal teknoloġija speċifika li għaliha japplikaw il-paragrafi 1 sa 5 u li sussegwentement ma kienx hemm biżżejjed konkorenza għalihom, is-sehem tal-volum tal-irkant li għalih ma kienx hemm biżżejjed konkorenza jista' jiġi eskluż mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5.*
11. *Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni għall-Istati Membri kollha, b'mod partikolari għal dawk b'volum baxx ta' rkantijiet, l-Istati Membri li ma jkunux nedew aktar minn żewġ irkantijiet fis-sena matul is-sentejn preċedenti, jistgħu jikkalkulaw is-sehem tal-irkantijiet li għalihom japplikaw il-paragrafi 1 sa 5 matul dak il-perjodu ta' sentejn.*

Artikolu 27

Akkwist prekummerċjali u akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi

- 1. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jużaw, fejn xieraq, l-akkwist prekummerċjali u l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi sabiex jistimulaw l-innovazzjoni fit-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-ħolqien ta' kapaċità ġdida tal-manifattura għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. L-akkwist prekummerċjali u l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jiġu kkomplementati b'finanzjament fil-livell tal-Unjoni fi ħdan il-qafas ta' programmi eżistenti tal-Unjoni għall-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist pubbliku madwar l-Istati Membri.*
- 2. Il-Pjattaforma għandha theggi rakkomandazzjonijiet dwar it-tfassil tal-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi.*

Artikolu 28

Forom oħra ta' intervent pubbliku

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2018/2001 u f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, meta jiddeċiedu li jistabbilixxu *skemi ġodda jew jaġġornaw daww eżistenti* li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, *għall-kumpaniji* jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero nett **■**, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità jew awtoritajiet jew minn tali korp jew korpi rregolati bil-liġi pubblika għandhom ifasslu daww l-iskemi b'tali mod li jipromwovu x-xiri mill-benefiċjarji ta' prodotti finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti b'kontribut għoli għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, *billi* jipprovdu kumpens finanzjarju proporzjonat addizzjonali *jew billi jikkundizzjonaw l-eliġibbiltà tal-iskema abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jikkunsidraw l-aċċessibbiltà tal-iskemi għaċ-ċittadini li jgħixu fil-faqar enerġetiku.*
2. Il-kumpens finanzjarju addizzjonali mogħti mill-awtoritajiet f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, minħabba l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (a), (c) u (d), ta' dan l-Artikolu, ma għandux jaqbeż il-5% tal-kost tal-prodott finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti għall-konsumatur, *ħlief għal skemi li għandhom fil-mira ċittadini li jgħixu fil-faqar enerġetiku, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷, f'liema każ il-limitu għandu jkun 15 %.*

⁵⁷ Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1.)

3. Meta tfassal u timplimenta skema skont il-paragrafu 1, l-awtorità għandha tivvaluta l-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti **finali** ta' teknoloġija b'**emissjonijiet żero netti** disponibbli fis-suq abbażi ta' proċess miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti. Kwalunkwe prodott finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti għandu jkun intitolat li japplika biex jissieħeb fl-iskema fi kwalunkwe ħin. L-awtorità għandha tispeċifika l-minimu meħtieġ biex il-prodotti **finali** tat-**teknoloġija b'emissjonijiet żero netti** fis-suq jkunu eliġibbli għall-kumpens finanzjarju addizzjonali fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ.
4. ***Il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' forom oħra ta' intervent pubbliku għandu jkun ibbażat fuq il-kontribut tagħhom għar-reżiljenza, b'kont meħud tal-proporzjon tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew il-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom li joriġinaw minn pajjiż terz li jammonta għal aktar minn 50 % tal-provvista ta' dik it-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni, u tal-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:***
- (a) is-sostenibbiltà ambjentali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-liġi applikabbli;***
 - (b) il-kontribut għall-innovazzjoni billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet kompletament ġodda jew jittejbu soluzzjonijiet komparabbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;***
 - (c) il-kontribut għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija.***
- Il-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.***

Dan ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jużaw kriterji addizzjonali mhux tal-prezz lil hinn minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 4.

Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, il-pajjiż tal-oriġini għandu jiġi ddeterminat skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw fuq sit web uniku b'aċċess liberu l-informazzjoni kollha relatata mal-iskemi skont il-paragrafu 1 għal kull prodott ***finali*** tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti rilevanti.

Artikolu 29

Koordinazzjoni tal-aċċess għall-inizjattivi tas-swieq

1. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar l-***applikazzjoni tal-***kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà ta' ***prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti*** koperti mill-forom ta' intervent pubbliku msemmija fl-Artikoli 25, 26 u 28.
2. ***Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza***, il-Kummissjoni għandha ***tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi*** lista ta' kull wieħed mill-prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti ***u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).***

Abbażi tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-ishma tal-provvista tal-Unjoni li joriġinaw minn pajjiżi terzi differenti fis-sena l-aktar riċenti li għalihom tkun disponibbli data għal kull waħda mit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom. Il-pajjiż ta' oriġini għandu jiġi ddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) 952/2013.

3. Il-Pjattaforma għandha tiddiskuti l-miżuri mwettqa mill-Istati Membri biex jimplementaw l-Artikoli 25 sa 28 u jiskambjaw l-aħjar prattiki, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-użu prattiku tal-kriterji li jiddefinixxu l-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, jew skemi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti.

Kapitolu V

Tishiĥ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità

Artikolu 30

Akkademji Ewropej tal-industrija b'emissjonijiet żero netti

1. *Abbażi ta' valutazzjoni, mill-Kummissjoni, bl-użu ta' data u rapporti eżistenti, tan-nuqqas ta' ħiliet fl-industrija tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ewlenin għat-trasformazzjoni industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni, u b'rispett shiĥ tal-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Kummissjoni għandha tappoġġa, inkluż permezz tal-forniment ta' finanzjament ta' avvjament, it-tnedija ta' akkademji Ewropej tal-industrija b'emissjonijiet żero netti (l-"Akkademji"), bħala organizzazzjonijiet jew konsorzji jew proġetti ta' partijiet ikkonċernati rilevanti, li għandhom l-oġettivi li ġejjin:*

- (a) li jiżviluppaw, **għall-użu volontarju mill-Istati Membri u mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-territorji tagħhom**, programmi ta' taħlim, kontenut u materjal ta' taħlim u taħriġ għat-taħriġ u l-edukazzjoni, **bħal** dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-installazzjoni, l-ikkummissjonar, it-tħaddim, il-manutenzjoni, **it-tiswija, it-tfassil ekoloġiku, l-użu mill-ġdid** u r-riċiklaġġ ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, **u** dwar materja prima ■ kif ukoll **aspetti rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u kompetenzi trażversali; dan għandu jirrifletti l-valutazzjoni tan-nuqqas ta' hili** u jappoġġa l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi, **b'mod partikolari dawk** kompetenti biex joħroġu permessi u awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu II u l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti msemmija fil-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament;
- (b) ■ li jipromwovu l-użu **volontarju** tal-programmi, il-kontenut u l-materjali ta' taħlim mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri ■ ;
- (c) li **joffru appoġġ lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jużaw il-programmi ta' taħlim, il-kontenut u l-materjali prodotti mill-Akkademji biex iżommu l-kwalità tat-taħriġ offrut u biex jiżviluppaw mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-kwalità tat-taħriġ offrut;**

(d) li jiżviluppaw **■** kredenzjali, inkluż, **jekk xieraq**, mikrokredenzjali, **għall-użu volontarju mill-Istati Membri u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-territorji tagħhom, sabiex** tiġi ffaċilitata l-**identifikazzjoni** tal-**hillet u, fejn xieraq, ir-rikonossiment tal-kwalifiki, sabiex** tissaħħaħ it-trasferibbiltà bejn l-impjiegi u l-**industriji, sabiex tiġi ffaċilitata** l-mobbiltà transfruntiera tal-forza tax-xogħol, u biex jiġi promoss it-tqabbil mal-impjiegi **ta' kwalità** rilevanti permezz ta' għodod bħan-network tas-servizzi Ewropej tax-xogħol (EURES) u l-EURAXESS, **u biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-fatt li programm ta' taġlim jew kontenut ta' taġlim ġie żviluppat minn Akkademja.**

2. **L-Akkademji għandhom jinvolvu atturi rilevanti, bħall-industrija tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sħab soċjali minn firxa ta' Stati Membri. L-Akkademji għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni li jistabbilixxu, fost l-oħrajn, stadji importanti, miri inkluż f'termini tal-għadd ta' studenti li għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tan-nuqqas ta' hillet, kif ukoll pjan finanzjarju bl-għan li tinkiseb is-sostenibbiltà finanzjarja. Dawk il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-regġuni fi trasformazzjoni industrijali jew b'rata għolja ta' qgħad, fejn rilevanti.**

3. L-Akkademji għandhom **jipproduċu kontenut b'bilanċ bejn il-ġeneri, jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jippromwovu aċċess ugwali għall-kontenut tat-tagħlim għal kulħadd, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu attivati aktar nisa u zgħażaġh, b'mod partikolari NEETs, persuni akbar fl-età, ħaddiema fi professjonijiet li huma f'riskju li jisparixxu jew li l-kontenut u l-kompiti tagħhom qed jiġu ttrasformati ħafna minn teknoloġiji ġodda, persuni li jaħdmu f'reġjuni fi tranżizzjoni u persuni b'diżabbiltà. L-Akkademji għandhom jippromwovu d-diversità u l-inklużività tal-persuni b'diżabbiltà, tal-migranti u tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.**
4. **Mingħajr preġudizzju għas-setgħat rispettivi tal-awtorità baġitarja, għandhom ikunu disponibbli mezzi finanzjarji fejn xieraq fil-livell tal-Unjoni biex jappoġġaw it-tnedija tal-Akkademji bil-finanzjament ta' avvjament kif imsemmi fil-paragrafu 1. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-fondi rilevanti tal-Unjoni bħall-FSE+, biex jappoġġaw l-użu tal-kontenut tat-tagħlim żviluppat mill-Akkademji.**

Artikolu 31

Professjonijiet regolati f'industrija ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali

1. ***Fi żmien disa' xhur wara t-tlestija tal-kontenut tat-tagħlim u l-materjal żviluppat minn Akkademja u kull sentejn wara dan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jidentifikaw jekk il-programmi ta' tagħlim żviluppati minn dik l-Akkademja humiex ekwivalenti għall-kwalifiki speċifiċi meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti biex jaċċessa attivitajiet regolati fl-ambitu ta' professjoni b'interess partikolari għall-industrija tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-valutazzjonijiet jiġu ppubblikati u aċċessibbli faċilment online. F'każ li l-programmi ta' tagħlim jitqiesu li mhumiex ekwivalenti għall-kwalifiki meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti biex jaċċessa attivitajiet regolati, jew meta Stat Membru ma jkunx fittex li jidentifika l-ekwivalenza, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Pjattaforma, filwaqt li jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar:***
 - (a) ir-raġunament għan-nuqqas ta' tlestija tal-eżerċizzju ta' identifikazzjoni; jew***
 - (b) id-differenzi bejn il-programmi ta' tagħlim żviluppati mill-Akkademji u l-kwalifiki speċifiċi meħtieġa minn dak l-Istat Membru ospitanti, u kif tinkiseb l-ekwivalenza.***

2. Jekk Stat Membru **jikkonkludi li l-programmi ta' tagħlim żviluppati minn Akkademja jkunu ekwivalenti għall-kwalifiki speċifiċi meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti biex jaċċessa attivitajiet regolati**, huwa għandu jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kredenzjali maħruġa mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ abbażi tal-programmi ta' tagħlim żviluppati mill-Akkademja, skont it-Titolu III, tal-Kapitolu I tad-Direttiva 2005/36/KE, meta detentur ta' tali kredenzjali jitlob aċċess għal professjoni regolata skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2005/36/KE, u ta' importanza partikolari għall-industrija tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, billi **jitratta** l-kredenzjali bħala prova **suffiċjenti** ta' kwalifiki formali, **f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/36/KE**.
3. Meta l-aċċess għal professjoni ta' importanza partikolari għall-industrija tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jkun regolat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2005/36/KE, l-Istati Membri għandhom jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' sett komuni ta' għarfien minimu, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-twettiq ta' dik il-professjoni speċifika bil-għan li jiġi stabbilit qafas komuni ta' taħriġ kif imsemmi fl-Artikolu 49a(1) tad-Direttiva 2005/36/KE biex ikun jista' jsir rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki. Il-Pjattaforma tista' tissottometti wkoll suġġerimenti għal oqfsa komuni ta' taħriġ, kif imsemmi fl-Artikolu 49a(3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 32

Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti u ħliet

Il-Pjattaforma għandha tappoġġa **u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri fl-użu ta' ħliet f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li tirrispetta l-kompetenza tagħhom, billi tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet kompetenti, u l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti kif imsemmija fil-Kapitoli II u IV, permezz ta' dan li ġej:**

- (a) **li tassisti, tissorvelja kontinwament u tbassar id-domanda u l-provvista ta' forza tax-xogħol bis-settijiet ta' ħliet meħtieġa f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u disponibbiltà u l-użu ta' opportunitajiet korrispondenti ta' edukazzjoni u taħriġ, sabiex tinforma dwar l-attivitajiet tal-Akkademji, kif xieraq;**
- (b) **li tissorvelja l-attività tal-Akkademji, abbażi tad-data u l-informazzjoni dwar kemm nies ibbenefikaw mill-programmi ta' taġħlim żviluppati mill-Akkademji, inkluż data diżaggregata skont is-settur industrijali, il-ġeneru, l-età u l-livell ta' edukazzjoni u kwalifika, trawwem sinerġiji ma' inizjattivi u proġetti oħra ta' ħliet tal-Unjoni u nazzjonali, u ssaħħaħ u tespandi l-prattiki tajbin, fost l-oħrajn, biex tiġi attirata forza tax-xogħol diversa u tiġi pprovduta sorveljanza ġenerali;**

- (c) li *tanalizza l-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, abbażi ta' għarfien u data eżistenti, inkluż dawk relatati mal-kwalità tal-offerta ta' impjieg, u b'hekk jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġu attirati aktar ħaddiema mil-livelli kollha ta' kwalifiki f'ċerti industriji;*
- (d) li tassisti l-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati inkluż l-industrija, *l-impriżi inkluż l-SMEs*, is-sħab soċjali u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, *bħall-universitajiet, għall-promozzjoni, u, f'konformità mal-prattiki nazzjonali, il-parteciżipazzjoni possibbli tagħhom* fit-tneġġa ta' *programmi* ta' tagħlim żviluppati mill-Akkademji;
- (e) li tassisti l-adozzjoni **■** tal-kredenzjali tat-tagħlim *żviluppati mill-Akkademji* fl-Istati Membri biex jipromwovu l-*identifikazzjoni tal-ħiliet u, fejn rilevanti*, ir-rikonoxximent tal-*kwalifiki* u t-tqabbil tal-ħiliet u l-impjiegi, fost l-oħrajn billi tippromwovi l-validità u l-aċċettazzjoni tal-kredenzjali fis-suq tax-xogħol kollu tal-Unjoni;
- (f) li *tissorvelja l-adozzjoni u r-rikonoxximent tal-kredenzjali tat-tagħlim u tikkontribwixxi biex tipprowdi soluzzjonijiet f'każ li jiġu individwati kwistjonijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent;*

- (g) li tiffaċilita, **fejn xieraq**, l-iżvilupp ta' profili ta' okkupazzjoni Ewropej, **għall-użu volontarju mill-Istati Membri**, li jikkonsistu f'sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi għall-professjonijiet ewlenin fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li tiżviluppa fost l-oħrajn fuq il-programmi ta' taġlim żviluppati mill-Akkademji, u, fejn xieraq, permezz tat-terminoloġija pprovduta mill-klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO) biex jiġu ffaċilitati t-trasparenza u l-mobbiltà bejn l-impjiegi u bejn il-fruntieri tas-suq intern;
- (h) li tippromwovi **prospetti ta' karriera u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, inkluż pagi adegwati**, f'impjiegi f'industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, **l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol** għal industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti **b'aktar nisa u żgħażaġh, b'mod partikolari NEETs, persuni akbar fl-età, ħaddiema fi professjonijiet li huma friskju li jisparixxu jew li l-kontenut u l-kompiti tagħhom qed jiġu ttrasformati ħafna minn teknoloġiji ġodda, persuni li jaħdmu f'reġjuni fi tranżizzjoni u persuni b'diżabbiltà**, u l-attrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi **permezz ta' strumenti bħall-Karta Blu Ewropea u f'konformità mal-kompetenzi, il-liġi u l-prattika nazzjonali**, u b'hekk tinkiseb forza tax-xogħol aktar diversa;

- (i) li *tinkoraġġixxi u li tappoġġa l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u li tippromwovi l-pubblikazzjoni ta' pożizzjonijiet vakanti relatati ma' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti mill-EURES, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸*;
- (j) li tiffaċilita koordinazzjoni aktar mill-qrib u l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-*għarfien expert* bejn l-Istati Membri *u fis-settur privat* biex tissaħħaħ id-disponibbiltà tal-ħiliet fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi jingħata kontribut għall-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jiġu attirati talenti ġodda minn pajjiżi terzi *u mil-livelli edukattivi kollha, f'konformità mal-kompetenzi, il-liġi u l-prattika nazzjonali u f'koordinazzjoni mal-istrutturi diġà eżistenti tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ*;
- (k) li *tfittex sinerġiji ma' programmi eżistenti ta' taħriġ jew edukazzjoni, bl-għan, fost l-oħrajn, li tqabbel il-programmi ta' tagħlim tal-Akkademji mal-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni*.

⁵⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobiltà u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1).

Kapitolu VI

Innovazzjoni

Artikolu 33

Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

- 1. Sa ... [9 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom, meta jistabilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, jistabilixxu jew jiddeżinjaw punt ta' kuntatt wieħed jew aktar. Punt ta' kuntatt wieħed għandu jkun responsabbli għal kull talba biex jiġi stabbilit ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti skont dan l-Artikolu.**
- 2. L-Istati Membri, flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u Stati Membri oħra, fejn adegwat, jistgħu, fuq inizzjattiva tagħhom stess, jistabilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u teknoloġiji innovattivi oħra. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-industrija, u fejn rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, f'konformità mal-paragrafu 1 fuq talba ta' kwalunkwe kumpanija, organizzazzjoni jew konsorzju li jiżviluppaw teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti, li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla stabbiliti fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u li jkunu intgħażlu mill-awtoritajiet kompetenti wara l-proċedura tal-għażla msemmija fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, il-punt (b).**

3. L-arranġamenti u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u t-tħaddim tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet għandhom jappoġġjaw il-flessibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-**prijoritizzazzjoni bejn l-applikazzjonijiet għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal** teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-approvazzjoni tagħhom. **Huma għandhom** irawmu l-innovazzjoni u t-tagħlim regolatorju u għandhom iqisu b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi u l-kapaċitajiet speċjali tal-SMEs u l-intrapriżi ġodda.

Dawk l-**atti** ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu prinċipji ewlenin komuni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kriterji tal-eliġibbiltà u l-proċedura tal-għażla għall-parteciċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;
- (b) il-proċedura għall-applikazzjoni, il-parteciċipazzjoni, il-monitoraġġ, il-ħruġ minn u t-terminazzjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ;
- (c) it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-parteciċipanti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

4. Il-parteciċipazzjoni f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ma għandhiex taffettwa s-setgħat superviżorji u korrettivi tal-awtoritajiet li jissorveljaw l-ambjent ta' esperimentazzjoni **regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti**. L-ittestjar, l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' **teknoloġiji** innovattivi b'emissjonijiet żero netti jew ta' teknoloġiji **innovattivi oħra** għandhom isiru taħt **is-superviżjoni** u bl-**appoġġ** tal-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom b'mod flessibbli fi ħdan il-limiti tal-liġi rilevanti, filwaqt li jadattaw il-prattiki regolatorji eżistenti u jużaw is-setgħat diskrezzjonali tagħhom meta jimplimentaw u jinfurzaw id-dispożizzjonijiet legali għal proġett speċifiku ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, bl-objettiv li jiġu eliminati l-ostakli, jittaffa l-piż regolatorju, titnaqqas l-inċertezza regolatorja, u jiġi appoġġjat innovazzjoni fit-**teknoloġiji** b'emissjonijiet żero netti jew teknoloġiji **innovattivi oħrajn**.
5. Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk jagħtux derogi jew eżenzjonijiet **fil-liġi nazzjonali** sal-punt permiss mid-dritt **tal-Unjoni** rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jirrispetta r-**rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi ewlenin** u r-**rekwiżiti essenzjali tal-liġi nazzjonali**. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe riskju sinifikanti għas-saħħa, għas-sikurezza jew għall-ambjent identifikat matul l-iżvilupp u l-ittestjar ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti **jew teknoloġiji innovattivi oħrajn** jiġi kkomunikat pubblikament u jirriżulta fis-sospensjoni immedjata tal-proċess tal-iżvilupp u tal-ittestjar sakemm tali riskju jiġi mmitigat. Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-proġett propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, tal-popolazzjoni ġenerali, jew tal-ambjent, b'mod partikolari minħabba li huwa relatat mal-ittestjar, l-iżvilupp jew il-validazzjoni li jinvolvu sustanzi partikolarment tossiċi, dawn għandhom japprovaw biss il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni **regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti** ladarba jkunu sodisfatti li ġew stabbiliti salvagwardji adegwati proporzjonati mar-riskju eċċezzjonali identifikat.

6. Il-parteċipanti fl-ambjent ta' ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jibqgħu responsabbli skont il-liġi dwar ir-responsabbiltà applikabbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri għal kwalunkwe ħsara **materjali** kkawżata lil partijiet terzi bħala riżultat tal-ittestjar li jseħħ fl-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.
7. It-tul ta' żmien tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jista' jiġi estiż permezz tal-istess proċedura bi qbil mal-awtorità nazzjonali kompetenti.
8. L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jitfasslu u jiġu implimentati b'tali mod li, fejn rilevanti, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Istati Membri li jkunu stabbilew ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Pjattaforma bl-objettiv tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti **ma' Stati Membri oħrajn. Il-Pjattaforma tista' tistieden lill-kumpaniji li pparteċipaw f'ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja b'emissjonijiet żero netti biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom tal-proċess.** Il-Kummissjoni **għandha, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u d-diskussjonijiet li saru fuq il-Pjattaforma, tirrapporta regolarment** dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż il-prattiki tajbin, it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-istabbiliment tagħhom u, fejn rilevanti, dwar l-applikazzjoni fi ħdan l-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, ta' dan ir-Regolament u liġijiet oħra tal-Unjoni b'mod adattat għall-finijiet tal-ambjent ta' esperimentazzjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.

Artikolu 34

Miżuri għall- *SMEs u n-negozji l-ġodda*

1. L-Istati Membri għandhom:
 - (a) jipprovdu lill-*SMEs u lin-negozji l-ġodda* ■ b'aċċess prijoritarju għall-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti sal-punt li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 33;
 - (b) jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-parteciġipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti minn *SMEs u negozji ġodda*;
 - (c) meta xieraq, jistabbilixxu mezz iddedikat għall-komunikazzjoni ma' *SMEs u negozji ġodda* biex jipprovdu gwida u jwieġbu għal domandi dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 33.
2. L-Istati Membri għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-*SMEs u n-negozji l-ġodda*, u jipprovdu appoġġ amministrattiv adegwat biex jieħdu sehem fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 *TFUE*, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-*SMEs u lin-negozji l-ġodda* dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-attivitajiet tagħhom fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.

Artikolu 35

Stabbiliment tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija

- 1. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET) huwa b'dan stabbilit.*
- 2. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

Artikolu 36

Kompiti tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET

- 1. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jipprovdi gwida u direzzjoni lill-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija.*
- 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu u jikkoordinaw fil-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET biex jgħinu fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija nodfa, effiċjenti u kost-kompetittivi permezz ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa u, fejn rilevanti, ma' pajjiżi terzi fuq stedina.*
- 3. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' inizjattivi relatati mal-kompiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2.*

Artikolu 37

Struttura u funzjonament tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET

- 1. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jkun magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Huwa għandu jkunu ippresedut minn rappreżentant wieħed jew aktar tal-Kummissjoni.*
- 2. Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentant ta' livell għoli fil-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET. Fejn rilevanti fir-rigward tal-funzjoni u l-għarfien espert, Stat Membru jista' jaħtar aktar minn rappreżentant wieħed fir-rigward ta' kompiti differenti tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET. Kull rappreżentant maħtur fil-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jkollu sostitut.*
- 3. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.*
- 4. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jiltaqa' f'intervalli regolari biex jiżgura t-twettiq effettiv tal-kompiti tiegħu. Fejn ikun meħtieġ, il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET għandu jiltaqa' abbażi ta' talba motivata mill-Kummissjoni jew minn maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.*
- 5. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET permezz ta' segretarjat eżekuttiv li jipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku.*
- 6. Il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma u tasks forces permanenti jew temporanji li jittrattaw kwistjonijiet u kompiti speċifiċi.*

Kapitolu VII

Governanza

Artikolu 38

Stabbiliment u kompiti tal-Pjattaforma għal Ewropa b'emissjonijiet żero netti

1. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'emissjonijiet żero netti ("il-Pjattaforma") hija b'dan stabbilita.
2. Il-Pjattaforma għandha twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. Il-Pjattaforma tista' tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fir-rigward tal-azzjonijiet tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, ***filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-Istati Membri fejn fattibbli, u*** filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima.

4. ***Il-Membri tal-Pjattaforma għandhom*** jikkordinaw is-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti fi ħdan il-Pjattaforma ***biex jgħinu fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti globalment, sabiex jikkollaboraw fl-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti*** u biex jappoġġaw ir-rwol tal-kapaċitajiet industrijali tal-Unjoni fit-tħejjija tal-perkors għat-tranżizzjoni globali lejn l-enerġija nadifa, f'konformità mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament kif stabbiliti fl-Artikolu 1. Il-Pjattaforma tista' tiddiskuti perjodikament, ***fost l-oħrajn***:

- (a) kif għandhom jittejbu ***u jiġu promossi*** l-kooperazzjoni, ***l-għarfien espert u l-kondiviżjoni tat-teknoloġija*** tul il-katina tal-valur b'emissjonijiet żero netti bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;
- (b) ***ir-reżiljenza inkluż permezz ta' kompetittività msaħħa tal-industriji Ewropej fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ktajjen tal-valur globali u azzjonijiet rakkomandati għat-titjib***;
- (c) ***fejn xieraq, itejbu l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u inizjattivi oħra tal-Unjoni li jistgħu jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u jekk joħorġux rakkomandazzjonijiet fir-rigward tagħhom***;
- (d) ***il-progress fil-ktajjen tal-valur għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, il-bidliet teknoloġiċi u industrijali kontinwi, u l-ktajjen tal-valur strateġiċi emerġenti futuri potenzjali fid-dawl tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament***;

- (e) *l-aħjar prattiki fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-Taqsima II tal-Kapitolu II kif ukoll tal-Artikoli 15 u 16 u l-aċċellerazzjoni tal-iskadenzi għall-għoti ta' permessi;*
- (f) kif għandhom jiġu indirizzati l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ, bħal permezz ta' rikonossiment reċiproku tal-valutazzjoni tal-konformità jew l-impenji biex jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni;
- (g) liema pajjiżi terzi ***jistgħu*** jingħataw prijorità għall-konklużjoni ta' Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti, filwaqt li jitqiesu dawn li ġejjin:
 - (i) il-kontribut potenzjali għas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-manifattura tagħhom ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;
 - (ii) jekk hemmx ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti bejn pajjiżi terzi u l-Unjoni;
 - (iii) ***jekk il-qafas regolatorju ta' pajjiżi terzi u l-implimentazzjoni tiegħu jiżgurawx il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ambjentali, l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-involviment sinifikanti u ekwu mal-komunitajiet lokali, l-użu ta' prattiki kummerċjali trasparenti u l-prevenzjoni tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament tajjeb tal-amministrazzjoni pubblika u l-istat tad-dritt;***

- (iv) il-kapaċitajiet tal-injezzjoni u tal-ħżin tas-CO₂ fit-territorji tagħhom;*
- (h) kif tiġi inċentivata l-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni, billi jiġu indirizzati l-finanzjament, il-qafas regolatorju u l-garanziji ta' investiment u ta' lokalizzazzjoni;*
- (i) il-valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' miżuri kummerċjali f'industriji b'emissjonijiet żero netti.*

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kunsill f'konformità mat-Trattati b'rabta mal-istrumenti mhux vinkolanti internazzjonali.

5. L-Istati Membri *jistgħu* jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kooperazzjoni stabbiliti fis-Sħubija Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti. ■
6. *Filwaqt li jitqies ir-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2023 intitolat 'Progress dwar il-kompetittività fir-rigward tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa' u l-Istħariġ tal-Piż Annwali 2022 tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Pjattaforma dwar l-iżvilupp tal-piż regolatorju għal industriji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni.*
7. *Il-Pjattaforma għandha tikkoordina b'mod regolari mal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Istandardizzazzjoni biex tiddiskuti l-użu tal-istandardizzazzjoni sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni.*

Artikolu 39

Struttura u funzjonament tal-Pjattaforma

1. Il-Pjattaforma għandha tkun magħmula **minn rappreżentanti tal-Istati Membri** u tal-Kummissjoni. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresediha.
2. Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentant ta' livell għoli għall-Pjattaforma. Fejn rilevanti fir-rigward tal-funzjoni u l-għarfien espert, Stat Membru jista' jaħtar aktar minn rappreżentant wieħed fir-rigward ta' kompiti differenti tal-Pjattaforma. Kull rappreżentant maħtur għall-Pjattaforma għandu jkollu sostitut. ***L-Istati Membri biss għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed biss irrISPETTIVAMENT min-numru ta' rappreżentanti.***
3. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Pjattaforma għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.
4. Il-Pjattaforma għandha tiltaqa' f'intervalli regolari sabiex tiżgura t-twettiq effettiv tal-kompiti tagħha previsti f'dan ir-Regolament. Fejn ikun meħtieġ, il-Pjattaforma għandu ***jkollha laqgħat straordinarji*** abbażi ta' talba motivata mill-Kummissjoni jew minn ***Stat Membru***.
5. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Pjattaforma permezz ta' segretarjat eżekuttiv li jipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku.

6. Il-Pjattaforma tista' tistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji li jittrattaw kwistjonijiet u kompiti speċifiċi **relatati ma' dan ir-Regolament**.
Il-Pjattaforma għandha tistabbilixxi mill-inqas sottogrupp biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-Akkademji skont il-Kapitolu V.
7. Il-Pjattaforma għandha tistieden rappreżentanti tal-Parlament Ewropew biex jattendu, bħala osservaturi, il-laqgħat tagħha, inkluż il-laqgħat tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-paragrafu 6. **Il-Parlament Ewropew għandu jirċievi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha relatati mal-ħidma tal-Pjattaforma fl-istess ħin bħall-membri tal-Pjattaforma.**
8. **Il-Pjattaforma għandha tistabbilixxi Grupp tal-Industrija b'emissjonijiet żero netti. Dak il-grupp għandu, fuq inizzjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-Pjattaforma, jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Pjattaforma bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-kisba tal-obiettivi ta' dan ir-Regolament.**
9. Fejn xieraq, il-Pjattaforma jew il-Kummissjoni għandha tistieden esperti **li jirrappreżentaw lill-industrija, lis-soċjetà ċivili, lid-dinja akkademika, lit-trade unions** u lil partijiet terzi oħra biex **jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Pjattaforma** u tas-sottogruppi jew jipprovdu kontributi bil-miktub. **Dawk l-esperti ma għandhomx jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet.**
10. Il-Pjattaforma għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-immaniġġjar u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

11. Il-Pjattaforma għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex tiegħu deċiżjonijiet permezz ta' kunsens.
12. Il-Pjattaforma għandha tikkoordina u tikkoopera mal-alleanzi industrijali eżistenti **u rilevanti** u, **fejn xieraq, tistadinhom jattendu l-laqgħat tagħha, inkluż il-laqgħat tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-paragrafu 6.**
13. **Il-Pjattaforma għandha tiltaqa' mill-inqas darba fis-sena ma' rappreżentanti mill-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET imsemmi fl-Artikolu 35 sabiex tiddiskuti l-aktar żviluppi reċenti, is-sinerġiji bejn l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija u biex toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar dan.**

Artikolu 40

Grupp Konsultattiv Xjentifiku dwar il-Piż Regulatorju fir-rigward tal-Emissjonijiet Żero Netti

1. **Grupp Konsultattiv Xjentifiku dwar il-Piż Regulatorju fir-rigward tal-Emissjonijiet Żero Netti (il-"Grupp Konsultattiv Xjentifiku") huwa b'dan stabbilit.**
2. **Il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandu jkun magħmul mill-inqas minn 7 esperti xjentifiċi ta' livell għoli li jkopru firxa wiesgħa ta' dixxiplini rilevanti. Il-membri tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4.**
3. **Ma għandux ikun hemm aktar minn żewġ membri tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku li jkollhom in-nazzjonalità tal-istess Stat Membru. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tal-membri tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku.**

4. *Il-membri tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandhom jiġu maħtura għal terminu ta' erba' snin, li għandu jkun jista' jiġġedded darba, wara proċedura ta' selezzjoni miftuħa, ekwa u trasparenti. L-għażla tal-membri għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:*
- (a) l-eċċellenza xjentifika;*
 - (b) l-esperjenza fit-twettiq ta' valutazzjonijiet xjentifiċi u fl-ġhoti ta' pariri xjentifiċi fl-oqsma tal-għarfien espert tagħhom;*
 - (c) l-għarfien espert fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika jew oqsma oħra rilevanti għall-kompiti tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku;*
 - (d) l-esperjenza professjonali f'ambjent interdixiplinari f'kontest internazzjonali.*
5. *Il-membri tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandhom jinħatru f'kapacià personali u għandhom jipprovdu l-opinjonijiet tagħhom b'mod indipendenti mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandu jeleġġi president minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' erba' snin. Huwa għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.*

6. *Fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tiegħu, il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandu jiffunzjona esklużivament f'kapacià konsultattiva u jaġixxi mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u l-funzjonijiet ta' skrutinju u kontroll tal-kwalità tal-Kummissjoni fil-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju.*
7. *Il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandu jappoġġa, f'konformità mal-paragrafu 6, il-ħidma tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri, filwaqt li jaġixxi b'mod indipendenti fit-twettiq tal-kompiti tiegħu billi jipprovdi rapporti konsultattivi dwar l-impatt regolatorju u l-piż tad-dritt tal-Unjoni fuq l-attivitajiet industrijali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex jipprovdi pariri konsistenti, il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandu jivvaluta l-impatti u l-piżijiet regolatorji fuq l-attivitajiet industrijali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bl-użu ta' metodoloġija infurmata dwar ix-xjenza u, fejn xieraq, filwaqt li jqis l-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar.*
8. *Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi s-segretarjat tal-Grupp Konsultattiv Xjentifiku.*
9. *Il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku għandu jiskambja regolarment fehmiet dwar il-ħidma tiegħu mal-Pjattaforma.*

Artikolu 41

Pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima

L-Istati Membri għandhom iqisu dan ir-Regolament meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, b'mod partikolari fir-rigward tad-dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività" tal-Unjoni tal-Enerġija, filwaqt li *jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija*, u meta jissottomettu r-rapporti ta' progress biennali tagħhom skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Kapitolu VIII

Monitoraġġ

Artikolu 42

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi kontinwa:
 - (a) il-progress tal-Unjoni fir-rigward tal-oġġettivi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1, *b'mod partikolari r-riskji tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jfixklu l-kompetizzjoni jew jifframentaw is-suq intern*, u l-impatt relatat ta' dan ir-Regolament;
 - (b) *il-progress tal-Unjoni fl-issodisfar tal-parametri referenzjarji msemmija fl-Artikolu 5, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet u l-opportunitajiet fis-suq globali;*

- (c) *il-valur jew il-volum tal-importazzjonijiet fit-territorju tagħha u l-esportazzjonijiet barra mit-territorju tal-Unjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;*
- (d) *il-progress fir-rigward tal-oġettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ imsemmi fl-Artikolu 20 u l-infrastruttura tat-trasport tas-CO₂ relatata kif ukoll l-attivitajiet ta' qbid tas-CO₂ relatati.*

2. L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali li jiddeżinjaw għal dak il-għan għandhom jiġbru u jipprovdu data u evidenza oħra meħtieġa skont il-paragrafu 1.

B'mod partikolari, dawn għandhom, mill-inqas kull tliet snin jiġbru data dwar:

- (a) *ostakli għall-kummerċ f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew f'oġġetti li jużaw teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fis-suq intern u l-ixprunaturi potenzjali tagħhom, inkluż fejn tali ostakli jirriżultaw minn tfixkil fil-katina tal-provvista globali;*
- (b) *l-iżviluppi fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u x-xejriet tas-suq, kif ukoll il-prezzijiet tas-suq għat-teknoloġiji rispettivi b'emissjonijiet żero netti, inkluż informazzjoni dwar l-irkanti, il-frekwenza tagħhom, il-prezzijiet tal-għoti, u l-volum kif rilevanti għall-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Kapitolu IV;*

(c) il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-attivitajiet relatati, inkluż data dwar l-impjiegi u l-ħiliet ■ ;

■
(d) *l-għadd ta' SMEs li jagħmlu parti minn proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti;*

(e) *l-informazzjoni li ġejja relatata mal-proċessi tal-għoti tal-permessi għal kull teknoloġija b'emissjonijiet żero netti:*

(i) *l-għadd ta' proċessi tal-għoti tal-permessi mibdija, l-għadd ta' applikazzjonijiet rifjutati, u l-għadd ta' deċiżjonijiet komprensivi meħuda, li jispeċifikaw jekk approvawx jew irrifjutawx il-proġett;*

(ii) *id-durata tal-proċessi tal-għoti tal-permessi fejn tkun ittieħdet deċiżjoni komprensiva, inkluż id-durata tal-estensjonijiet tal-limiti ta' żmien;*

(iii) *informazzjoni dwar ir-riżorsi allokatati għall-operazzjoni tal-punti uniċi ta' kuntatt;*

■
(f) l-għadd *u n-natura* tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ■ ;

(g) l-ammont ta' CO₂ maħżun b'mod permanenti taħt l-art skont id-Direttiva 2009/31/KE.

3. *Meta ma jkunux diġà inklużi fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, jew f'konformità mal-elementi ta' tagħhom, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport li jstabilixxi d-data msemmija fil-paragrafu 2 sal-15 ta' Marzu 2027 u kull tliet snin wara dan.*
 4. *L-obbligi ta' rappurtar imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-Istati Membri jqisu li dan imur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà ta' tagħhom skont l-Artikolu 346 TFUE.*
 5. *Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprovdi mudell għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).*
- I**
6. *Abbażi tar-rapporti ppreżentati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress tal-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u tippubblika **rakkomandazzjonijiet** relatati bħala parti mir-Rapporti Annwali dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa, skont l-Artikolu 35(2), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2018/1999. **Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll jekk it-teknoloġiji kollha b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament humiex koperti minn dan ir-Regolament.***

7. Abbażi tal-abbozzi tal-applikazzjonijiet għall-permessi ppreżentati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/31/KE u abbażi tar-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 21(2), 23(4) u 23(6) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-**CO₂** kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta darba fis-sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
8. ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Pjattaforma bis-sejbiet tagħha fir-rigward ta' dan l-Artikolu.***

Kapitolu IX

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 43

Delega ta' setgħat

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-arranġamenti li permezz tagħhom jitqiesu l-ftehimiet bejn l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) u l-investimenti fil-kapaċità tal-ħżin miżmuma minn partijiet terzi biex iwettqu l-kontribut individwali tagħhom stabbilit fl-Artikolu 23(5), u biex jistabbilixxu l-kontenut tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 23(6).

Artikolu 44

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 23(12), fl-Artikolu 43 u fl-Artikolu 46(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha *tfassal* rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħat mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 23(12), fl-Artikolu 43 u fl-Artikolu 46(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23(12), l-Artikolu 43 u l-Artikolu 46(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 45

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ***Għal kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE⁵⁹. Għal kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija stabbilit bl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2018/1999.***
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁵⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti ta' Xogħlijiet Pubbliċi (ĠU L 185, 16.8.1971, p. 15).

Artikolu 46

Evalwazzjoni

1. ***Sa...[4 snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.***
2. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tivvaluta:
 - (a) ***jekk l-objettivi ta' dan ir-Regolament kif stabbiliti fl-Artikolu 1, b'mod partikolari l-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern, intlahqax, l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-utenti kummerċjali, speċjalment l-SMEs, u l-utenti finali, u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;***
 - (b) ***jekk dan ir-Regolament huwiex adatt biex jagħti riżultati lil hinn mill-2030 u lejn il-mira aktar fit-tul tan-newtralità klimatika sal-2050 imsemmija fl-Artikolu 1, filwaqt li jqis, fost aspetti oħra, il-possibbiltà li f'dan ir-Regolament jiġu inklużi teknoloġiji oħra li jista' jkollhom rwol sinifikanti fil-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050;***
 - (c) ***jekk humiex meħtieġa parametri referenzjarji għal teknoloġiji speċifiċi sabiex tinkiseb is-sigurtà tal-provvista ta' dawg it-teknoloġiji għall-Unjoni.***

3. L-evalwazzjoni għandha tqis:
- (a) *ir-riżultat tal-proċess ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 42;*
 - (b) *il-ħtiġijiet teknoloġiċi li jirriżultaw mill-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, inkluż il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija, filwaqt li jitqies l-aktar Rapport reċenti dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija;*
4. *Fl-istess perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll wara kull tiġdid jew aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u wara konsultazzjoni mal-Pjattaforma, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa, u fejn xieraq tippreżenta proposta, li tespandi l-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti stabbilita fl-Artikolu 4.*
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni kull informazzjoni rilevanti li jkollhom u li l-Kummissjoni tista' tirrikjedi bl-iskop li jitħejja r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

6. *Fejn, abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni aktarx li ma tilħaqx l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(1), din għandha, wara li tikkonsulta mal-Pjattaforma, tivvaluta l-fattibbiltà u l-proporzjonalità tal-proposta ta' miżuri sabiex tiżgura li dawk l-objettivi jintlaħqu.*
7. *Sa... [9 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness abbażi tal-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti stabbilita fl-Artikolu 4, sabiex tidentifika s-subkategoriji fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-lista ta' komponenti speċifiċi użati għal dawk it-teknoloġiji. Dak l-att delegat għandu jkun bbażat fuq valutazzjoni komprensiva biex jiġu identifikati komponenti essenzjali speċifiċi li jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli li jintużaw primarjament għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Dik il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi metodoloġika tal-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, id-disponibbiltà kummerċjali tal-komponenti, il-livell xieraq ta' dettall u l-iżviluppi fit-teknoloġija. Il-Kummissjoni tista' tirrevedi dak l-att delegat abbażi ta' dik il-valutazzjoni.*

Artikolu 47

Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. L-informazzjoni miksuba matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tiġi protetta mil-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u professjonali u informazzjoni sensittiva, kunfidenzjali u klassifikata oħra miksuba u pproċessata bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż rakkomandazzjonijiet u miżuri li għandhom jittieħdu, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali rilevanti.
3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kklassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur ***f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew dik nazzjonali.***
4. Meta Stat Membru jqis li l-iżvelar ta' informazzjoni aggregata skont l-Artikolu 23 x'aktarx tikkomprometti l-interess tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, huwa jista', permezz ta' avviż motivat, joġġezzjona għall-iżvelar ta' dik l-informazzjoni mill-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, l-uffiċjali, l-impjegati tagħhom u persuni oħra li jaħdmu taħt is-superviżjoni ta' dawk l-awtoritajiet għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti u l-attivitajiet tagħhom *f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew dik nazzjonali*. Dan l-obbligu japplika wkoll għar-rappreżentanti kollha tal-Istati Membri, għall-osservaturi, għall-esperti u għal parteċipanti oħra li jattendu l-laqgħat tal-Pjattaforma skont l-Artikolu 39.

Artikolu 48

Emenda għar-Regolament (UE) 2018/1724

Ir-Regolament (UE) 2018/1724 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Anness I, fl-ewwel kolonna, tiżdied ringiela ġdida "R. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti";
- (2) fl-Anness I, fit-tieni kolonna, fir-ringiela "R. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti", jiżdiedu l-punti li ġejjin:
 - "1. informazzjoni dwar il-proċess għall-għoti ta' permessi;
 2. is-servizzi ta' finanzjament u investiment;
 3. il-possibiltajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

4. is-servizzi ta' appoġġ għan-negozju, inklużi iżda mhux limitati għad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva, il-liġijiet tat-taxxa lokali, il-liġi tax-xogħol.";
- (3) fl-Anness II, fl-ewwel kolonna, tiżdied ringiela ġdida "Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti";
- (4) fl-Anness II, fit-tieni kolonna, fir-ringiela "Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti", jiżdied il-punt li ġej:
"Proċeduri għall-permessi ■ rilevanti kollha għall-**bini, l-espansjoni, il-konverżjoni** u t-tħaddim ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, **u proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti**, inkluż permessi għall-bini, għas-sustanzi kimiċi għall-konnessjoni mal-grilja, valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn meħtieġa, u li jinkludu l-applikazzjonijiet u l-proċeduri ■ kollha";
- (5) fl-Anness II, fit-tielet kolonna, fir-ringiela "proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti", jiżdied il-punt li ġej:
"L-eżiti kollha li jappartjenu għall-proċeduri li jvarjaw mir-**rikonoxximent li l-applikazzjoni tkun kompluta** san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura mill-**punt ta' kuntatt iddeżinjat**.";
- (6) fl-Anness III, jiżdied il-punt li ġej:
"(8) Punti uniċi ta' kuntatt stabbiliti jew **iddeżinjati, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill⁶⁰⁺**, inkluż għall-finijiet tal-**Artikolu 18(1)** tar-Regolament NZIA u punti ta' kuntatt stabbiliti jew iddeżinjati skont l-Artikolu 33(1) tiegħu."

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, ..., ELI: ...).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS Nru 45/24 (2023/0081(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU u l-ELI ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 49

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. ***Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***
2. Dan għandu japplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Sa [sentejn mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Artikolu 25(1) għandu japplika biss għal kuntratti konklużi minn korpi ċentrali għall-akkwisti kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (16), tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 2(1), il-punt (12), tad-Direttiva 2014/25/UE u għal kuntratti ta' valur ugwali għal jew ogħla minn EUR 25 miljun ■ .
4. ***L-Artikoli 26 u 28 għandhom japplikaw minn ... [18-il xahar mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

Anness

*Lista ta' prodotti finali u komponenti speċifiċi
meqjusa bħala użati primarjament għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero
netti*

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it- teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
Teknoloġiji solari	Teknoloġiji PV	
	Teknoloġiji elettriċi termali solari	
	Teknoloġiji termali solari	
	Teknoloġiji solari oħra	
Teknoloġiji tar-riħ fuq l-art u teknoloġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta	Teknoloġiji tar-riħ fuq l-art	
	Teknoloġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta	
Teknoloġiji tal- batterija u tal- ħżin tal-enerġija	Teknoloġiji tal-batterija	
	Teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija	
Pompi tas-sħana u teknoloġiji tal- enerġija ġeotermali;	Teknoloġiji tal-pompi tas-sħana	
	Teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali	

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
Teknoloġiji tal-idroġenu	Elettrolizzaturi	
	Ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu	
	Teknoloġiji tal-idroġenu oħra	
Teknoloġiji ta' bijogass u bijometan sostenibbli	Teknoloġiji tal-bijogass sostenibbli	
	Teknoloġiji tal-bijometan sostenibbli	
Teknoloġiji tas-CCS	Teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju	
	Teknoloġiji tal-ħżin tal-karbonju	

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
Teknoloġiji tal-grilja tal-elettriku	Teknoloġiji tal-grilja tal-elettriku	
	Teknoloġiji tal-iċċarġjar elettriku għat-trasport	
	Teknoloġiji għad-diġitalizzazzjoni tal-grilja	
	Teknoloġiji oħra tal-grilja tal-elettriku	
Teknoloġiji tal-enerġija mill-fissjoni nukleari	Teknoloġiji tal-enerġija mill-fissjoni nukleari	
	Teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari	
Teknoloġiji tal-fjuwils alternattivi sostenibbli	Teknoloġiji tal-fjuwils alternattivi sostenibbli	

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
Teknoloġiji idroelettriċi	Teknoloġiji idroelettriċi	
Teknoloġiji oħra tal-enerġija rinnovabbli	Teknoloġiji tal-enerġija ożmotika	
	Teknoloġiji tal-enerġija ambjentali, għajr pompi tas-sħana	
	Teknoloġiji tal-bijomassa	
	Teknoloġiji tal-gass tal-landfill	
	Teknoloġiji tal-gass tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ	
	Teknoloġiji oħra tal-enerġija rinnovabbli	
Teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema tal-	Teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema tal-enerġija	
	Teknoloġiji tal-grilja tas-sħana	

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
enerġija	Teknoloġiji oħra tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema tal-enerġija	

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
Fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika	Fjuwils rinnovabbli ta' teknoloġiji ta' oriġini mhux bijoloġika	
Soluzzjonijiet bijoteknoloġiċi fil-qasam tal-klima u l-enerġija	Soluzzjonijiet bijoteknoloġiċi fil-qasam tal-klima u l-enerġija	
Teknoloġiji industrijali trasformattivi għad-dekarbonizzazzjoni	Teknoloġiji industrijali trasformattivi għad-dekarbonizzazzjoni	
Teknoloġiji għat-trasport u l-użu tas-CO₂	Teknoloġiji għat-trasport tas-CO ₂	
	Teknoloġiji għall-użu tas-CO ₂	

	Subkategoriji fi ħdan teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti	Komponenti użati primarjament għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti
Teknoloġiji ta' propulsjoni mir-riħ u elettrika għat-trasport	Teknoloġiji ta' propulsjoni mir-riħ	
	Teknoloġiji ta' propulsjoni elettrika	
Teknoloġiji nukleari oħra	Teknoloġiji nukleari oħra	

Or. en